**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum il-Hamis 30 ta` Gunju 2016**

**Kawza Nru. 7**
**Rikors Nru. 842/09/JZM**

**Arkitett Raymond Vassallo, Karta ta` l-identita` numru 107544(M) personalment u fil-kwalita` tieghu ta` azzjonist u/jew Direttur tas-socjetajiet Parade Limited C4082, Windsor Holdings Limited C11422, Regent Holdings Limited C21310 u Winex Holdings Limited C21511 u ghal kull interess li jista` jkollha martu Mariella Vassallo, karta ta` l-identita` numru 2649(M), anke bhala Direttrici ta` Windsor Holdings Limited.**

***kontra***

**Anthony Parlato Trigona u Ingrid Parlato Trigona, mizzewgin, Arkitett William Carbonaro u Gabriella sive Gay Carbonaro, mizzewgin, Arkitett Edward Micallef u Anna Micallef, mizzewgin, WCO Limited u TPT Limited, u ghal kull interess li jista` jkollhom Parade Limited, Windsor Holdings Limited, Regent Holdings Limited u Winex Holdings Limited**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors li kien ipprezentat fil-31 ta` Awissu 2009 li jaqra hekk –

***It-Talba***

*1. Illi din hija talba a tenur ta` l-artikolu 402 tal-Companies Act: l-esponenti qed jezercitaw dan ir-rimedju u qed jagixxu f`isimhom proprju bhala azzjonist kif ukoll f`isem is-socjetajiet li jirraprezentaw ghaliex hemm illum, kien hemm u huwa aktar car li ser ikun hemm konflitt ta` interess fondamentali bejn l-intimati u l-kumpanija msemmija, liema konflitt huwa ta` pregudizzju kemm ghall-kumpaniji kif ukoll ghall-interess tar-rikorrent. It-talba hija ghal rimedju nkluza u mhux limitata ghal dikjarazzjoni ta` responsabilita` u kundanna konsegwenzjali ta` danni u telf soffert.*

***L-interess tal-Partijiet***

*2. Illi l-intimat Parlato Trigona huwa direttur tas-socjeta` Parade Limited, Winex Holdings Limited u Regent Holdings Limited u direttur alternat ta` Windsor Holdings Limited; kien ukoll Company Secretary ta` l-istess socjetajiet tas-sena 2008, hlief li fil-kaz ta` Parade Limited ghadu Segretarju tal-kumpanija sal-lum, mentri fil-kaz ta` l-ohrajn kien irrizenja fi tmiem is-sena 2007; fil-kaz ta` Winex Holdings Limited gie riappuntat fl-2009 minkejja kull passat negattiv tas-snin ta` qabel. Kien l-uniku Direttur li kien jiehu salarju fil-kumpaniji u kellu l-ghajnuna ta` segretarja. Kellu r-responsabilita` li jipprepara l-kontijiet socjetarji biex jigu trasmessi ghall-Audit; kellu wkoll ir-responsabilita` li jipprepara l-kontijiet u invoices lid-debituri, fosthom il-familja Ripard ghall-porterage ta` Regent House f`Bisazza Street, Sliema li kien jamministra huwa kontra hlas. Kellu wkoll ir-responsabilita` li jibghat il-kontijiet u jigbor porterage dues mill-proprjetarji tal-parkeggi f`Tigne Place, Tigne Street, Sliema ;*

***L-istruttura socjetarja***

*3. Illi ghal riferenza aktar facli, u bir-riserva li jsiru provi fid-dettall u dokumentarji waqt is-smigh tar-Rikors, qed jigi mehmuz*

*organigram li jindika l-interess rispettiv tal-partijiet u s-socjetajiet involuti Dok `A` ;*

***<u>Id-danni reklamati mill-esponenti</u>***

*4. Illi d-danni u l-perditi reklamati huma :*

*(i) danni bhala penali u multi imposti mill-awtoritajiet inkluzi r-Registratur tal-Kumpanniji, li jeccedu wahedhom tletin elf Euro (€30,000) ;*

*(ii) f`kaz ta` porterage dues fil-partijiet komuni ta` Regent House, nuqqas ta` sebgha u tletin elf Euro (€37,000) li ma ngabrux minn ghand il-familja Ripard ghal nuqqasijiet attribwibbli lill-intimati ;*

*(iii) fil-kaz tal-porterage dues tal-parkegg ta` Tigne` Place, f`ammont li jeccedi l-ghaxart elef Euro (€10,000) minhabba li l-kontijiet relattivi ntbaghtu f`xi kazi anke sitt snin tard u dan ghal nuqqasijiet attribbwibbli lill-intimati ;*

*(iv) ammont ta` cirka ghoxrin elf Euro (€20,000) dovuti lil Windsor Holdings Limited mill-intimati Micallef li b`kolluzjoni ma` l-intimati l-ohra, baqghu ma ngabrux.*

***<u>Il-Lanjanzi</u>***

*5. Illi sintetikament il-lanjanzi huma :*

*(i) il-konflitt ta` interess ta` William Carbonaro illi kien jikkonduci attivita` ta` konsolat ta` Thailandia mill-ufficcji tas-socjetajiet f`Regent House, Bisazza Street, Sliema. Peress illi dan ghamel hafna zmien nieqes mill-ufficcju, kien ghamel arrangament ma` l-intimat Parlato Trigona biex dan jiehu hsieb il-hrug tal-visas ghat-Thailandia fl-assenza tieghu. Dan l-operat kien jinvolvi visiti sporadici u inattesi f`kull hin tal-gurnata minn utenti tal-konsolat bil-konsegwenza illi l-hin tal-intimat Parlato Trigona kien qed jigu "disrupted" totalment b`effett deleterjuz fuq il-kapacita` u l-hin tal-intimat Parlato Trigona biex jiddedika ruhu fl-ahjar hin tal-energeniji ghall-affarijiet tas-socjetajiet li kienu jhallsu l-full time salary. Infatti, kemm ir-rikorrenti Raymond Vassallo u ibnu David, ukoll Perit ezercenti l-professjoni, li kien jikri spazju fl-istess ufficcju, ghamlu talbiet fi proceduri separati minhabba disruption tal-hin taghhom, partikolarment meta kien ikun assenti Parlato Trigona ;*

*(ii) illi s-salarju ta` Parlato Trigona kien maqsum bejn diversi socjetajiet: gara illi peress illi kien jiddedika l-hin tieghu ghall-attivita` tal-konsolat tat-Thailandia, ittraskura doveri tieghu inkluzi "dereliction" ta` rwoli ta` accounting u amministrazzjoni ;*

*(iii) illi l-intimat Carbonaro kien jisfrutta din is-sitwazzjoni u juza l-infrastruttura tas-socjetajiet ghall-beneficcju esklussiv tieghu u ta` Parlato Trigona, ghaliex kienu jaqsmu d-dhul mix-xoghol tal-Visas, a skapitu tas-socjetajiet u l-azzjonijisti taghhom li kienu flimkien ihallsu lil Parlato Trigona, is-salarju full time tieghu; l-uniku xoghol li Parlato Trigona kien jaghmel jispicca jaghmel kien il-hurg tal-visas; "in fairness", ir-rwol ta` project management f`Tigne` Place kien jesegwih ;*

*(iv) illi l-intimat Parlato Trigona fil-kaz tal-financial statements tas-socjetajiet Windsor Holdings Limited, Winex Holdings Limited, Parade Limited u Regent Holdings Limited, kellu tardivita` ta` bejn sitta u ghaxar snin dewmien biex jiffinalizzahom; ghalhekk la seta` jsir audit u lanqas jintbaghtu l-abridged financial statements lir-Registratur tal-kumpaniji u anqas il-Kummissarju tat-Taxxi Interni, kif rikjest mil-ligi u jew jissottomettihom lir-Registratur; f`dan il-kuntest Parlato Trigona kellu responsabilta` doppja ta` accountant u company secretary responsabbli biex jigu trasmessi d-dokumenti lill-awtoritajiet; ghalhekk akkumulaw multi kif fuq spjegat u li ntuzaw fondi tal-kumpaniji rapprezentanti interess ta` l-azzjonisti biex jithallsu debiti generati min-nuqqas ta` Parlato Trigona ;*

*(v) illi in konsegwenza ta` dan, l-azzjonisti passivi (dormant) ta` Winex Holdings Limited urew disappunt u preokkupazzjoni kbira lid-Diretturi tas-socjetajiet inkluzi lill-esponenti, billi dawn kienu nvestew bejniethom xi nofs miljun euro, u ma kellhom l-ebda hjiel jew informazzjoni finanzjarja dwar l-andament ta` l-investiment taghhom fil-kumpanija ghal sitt snin shah din ic-cirkostanza giet sfruttata b`mod malizzjuz mill-intimat Carbonaro li nduna bl-istat ta` paniku ta` l-azzjonist Leonard Vassallo, hu r-rikorrent. Dan kien qed jaqta` qalbu li jara xi return jew frott mill-investiment, u kull ma kien interessat li jgib flusu lura. Ghalhekk l-intimat Carbonaro ostakola l-hrug ta` l-ewwel dividend tal-kumpanija biex ikompli jaqta` qalb Leonard Vassallo u b`hekk jixtri l-azzjonijiet tieghu bi prezz irhis; l-unika raguni li ma rnexxiex dan l-istragema ta` Carbonaro kienet illi d-Diretturi l-ohra inghaqdu mar-rikorrenti biex japprovaw id-dividend imsemmi billi kien hemm profitti li jiggustifikaw dan id-dividend; il-cash flow situation ppreparata mill-istess Parlato Trigona kompliet taghti appogg lil din il-posizzjoni finanzjarja u l-fattibilita` tal-hrug tad-dividend ;*

*(vi) illi l-financial statements tas-socjetajiet Windsor Holdings Limited u Winex Holdings Limited ppreparati minn Parlato Trigona u verifikati u certifikati minn Udituri separati u naturalment approvati qabel mill-intimati jaqblu illi s-socjeta` Windsor Holdings Limited ghandha taghti lis-socjeta` Winex Holdings Limited ammont ta` `il fuq minn ghaxart elef Euro (€10,000); hawn jissemma` li l-interess tal-familja Carbonaro bhala proprjetarja beneficjarja ahharija fis-socjeta` Windsor Holdings Limited huwa ta` hamsin fil-mija (50%), izda ta` tlettax fil-mija (13%) fis-socjeta` Winex Holdings Limited. F`kaz car ta` konflitt ta` interess, l-intimati fl-interess tal-familja Carbonaro, l-istess Carbonaro dejjem irrifjuta u bblokka l-pagament imsemmi minn Windsor Holdings Limited lil Winex Holdings Limited minkejja talbiet ripetuti tar-rikorrent; ir-rikorrenti kien ippreokkupat mill-possibilita` ta` konflitt ta` interess billi kemm huwa u l-intimat Carbonaro kienu diretturi fiz-zewg kumpaniji u ghalhekk l-espoennti kien jaghmel premura biex jithallsu dawn l-ammonti, izda inutilment ;*

*(vii) illi f`manifestazzjoni ohra flagranti ta` konflitt ta` interess ta` Carbonaro, f`Lulju 2009, b`abbuz mill-aktar manifest, Carbonaro flimkien ma` l-intimat Parlato Trigona, immanuvraw pagamenti lejn xulxin billi abbuzaw il-poter tal-vot taghhom fil-Bord tad-Diretturi ta` Windsor Holdings Limited biex kull wiehed minnhom gibed somma ta` `il fuq minn ghaxart elef Euro (€10,000) mill-kont bankarju ta` Windsor Holdings Limited u dan kontra pretensjonijiet dubjuzi li jirrasalu ghas-sena 1997, ampjament preskritti u kontra kull interess tas-socjeta` Windsor Holdings Limited. B`dan il-mod, huwa ikkunsmaw l-assi likwidi residwi tal-kumpanija Windsor Holdings Limited a skapitu ta` kredituri ohra, inkluza l-kumpanija Winex Holdings Limited u ta` l-istess rikorrent ;*

*(viii) illi f`Gunju 2009, l-intimati Carbonaro u Parlato Trigona, kontra kull regola ta` Ligi u ta` accountancy rules, gibdu s-somma ta` `il fuq minn sitta u tletin elf Euro (€36,000) f`kontanti minn fondi tas-socjeta` Winex Holdings Limited. Dan l-ammont kien destinat ghas-socjeta` parent u cioe` Regent Holdings Limited biex jithallas lilha bhala dividend: il-procedura ta` dan il-cash withdrawal giet adoperata biex l-intimati jiccirkonventaw l-articles of association tal-kumpanija Regent Holdings Limited u b`hekk jevitaw il-firma tar-rikorrent fuq ic-cheques kif provdut mill-istatut. Minflok ghalhekk dan il-pagament ma ghadda skond il-procedura normali u bankarja, illi l-ammont jigi depozitat fil-kont bankarju, gara li tqassam "cash" lill-erba` azzjonisti tas-socjeta` Windsor Holdings Limited. Dan minghajr ma gie formalment approvat mill-Bord tad-Diretturi u l-General Meeting ta` l-azzjonisti. Filwaqt illi dan kien final dividend minn Winex Holdings Limited lill-parent company mill-profitti tas-sena 2008, dawn ikklassifikaw id-dividend imhallas lil Regent Holdings Limited minn Winex*

*Holdings Limited frawdolentement bhala interim dividend biex jevitaw il-procedura msemmija ;*

*(ix) illi peress illi l-isforzi tar-rikorrenti li jaghti kaz l-interess ta` l-investituri l-ohrajn ma kinux wisq graditi mill-intimati, l-esponenti Raymond Vassallo tnehha minn direttur tas-socjeta` Regent Holdings Limited fejn l-intimati abuzivament nvokaw l-artikolu 140 tal-Companies Act u minflok gie nominat Francis Carbonaro, iben l-intimat William; dan huwa kaz iehor ta` konflitt car ta` interess u tmexxija tas-socjeta` mhux fl-interess taghha u ta` l-azzjonisti, izda fil-kaz ta` interess personali ta` Carbonaro. Din il-procedura kellha impatt negattiv fuq il-kumpanija sussidjarja Winex Holdings Limited, li allura nehhiet il-vuci effettiva ta` l-esponent f`Winex Holdings Limited. Ghalkemm il-Companies Act donnu jippermetti t-tnehhija ta` direttur, hemm impliciti d-dottrini tal-implied good faith u proper purpose ;*

*(x) illi f`Gunju 2009, l-esponenti skopra illi l-intimat Parlato Trigona kien iddikjara falzament lil martu Ingrid bhala impjegata ta` Winex Holdings Limited, meta fil-fatt dan ma kienx il-kaz ghaliex mhux minnu li din tahdem hemm. Il-kumpanija qed thallas abuzivament kontribuzzjonijiet tas-sigurta` socjali f`isem Ingrid Parlato Trigona ghal skopijiet illegittimi u ghal lukru esklussiv tal-intimati Parlato Trigona. L-esponenti diga` kiteb lid-diretturi ta` Winex Holdings Limited biex din is-sitwazzjoni rregolari tieqaf minnufih u l-effetti taghha "reversed" ghaliex dan l-agir seta` potenzjalment jesponi lid-Diretturi ghal sanzjonijiet mill-awtoritajiet; l-intimati izda dawn baqghu inadempjenti u injoraw din is-sejha, biex b`hekk bl-approvazzjoni tacita taghhom qed jirrendu rwiehom f`kolluzjoni ma` dan l-abbuz ;*

*(xi) illi fil-Bord tad-Diretturi tal-kumpanija Winex Holdings Limited fis-sena 2007, ir-rikorrenti kien ippropona li jiehu responsabilita` ghall-preparazzjoni tal-financial statements minhabba l-multi li kienu qed jakkumulaw minhabba nuqqas u dewmien tas-sottomissjoni taghhom mill-intimat Parlato Trigona. Din il-proposta giet michuda mill-Bord fejn l-intimati kellhom maggoranza u ghalhekk ir-rikorrent ippropona li l-intimat Parlato Trigona jizdied fis-salarju ghal elfejn u hames mitt Euro (€2,500) fix-xahar mill-elf u hames mitt Euro (€1,500) fix-xahar proposti minn Carbonaro, u jithallas minn Winex Holdings Limited biss, billi Windsor Holdings Limited kienet fil-process li tieqaf l-attivita`. Din il-proposta kellha marbuta maghha kondizzjoni cara li l-istess Parlato Trigona ma jibqax jahdem fl-ufficcju ta` Regent House u jitbieghed mill-konolat tat-Thailandia; din iz-zieda kienet intiza biex tikkompensa lil Parlato Trigona ghal xi telf fi dhul li kellu mill-operat tal-konsolat; il-ftehim kien jipprovdi wkoll illi l-kera ta` l-ufficcjui li minnu kellu jopera Parlato Trigona ghan-nom tas-socjeta` Winex Holdings Limited kellu jithallas mill-istess socjeta` Winex; hawnhekk jizdied jinghad illi l-esponent Raymond Vassallo kien fil-bidu tas-sena 2009, meta nduna li*

*dan il-ftehim ma giex onorat hlief ghall-awment fis-salarju ta` Parlato Trigona, kien spjega lit-tliet diretturi l-ohra permezz ta` e-mail, ir-ragunijiet il-ghala ma kienx komdu jaqsam l-ufficcju u r-risorsi ta` Winex ma` l-operat tal-konsulat tat-Thailandia, anke minhabba possibilita` ta` evazjoni fiskali da parti ta` l-operat imsemmi ;*

*(xii) illi f`Lulju 2009, l-intimati abbuzaw mill-maggoranza fil-Bord ta` Windsor Holdings Limited biex ghaddiet rizoluzzjoni li tawtorizza lill-intimat Carbonaro sabiex jiffirma cheques favur il-partijiet li dehrilhom huma, selettivament u dan b`ezempju sfaccat ta` "backscratching" billi tnejn mit-tliet cheques sostanzjali kienu wiehed ghall-kumpanija ta` Carbonaro , cioe` WCO Limited u l-iehor ghal Parlato Trigona ;*

*(xiii) illi f`Awissu 2009, Parlato Trigona sfaccatament bil-komplicita` tad-direttur l-iehor, l-intimat Edward Micallef irtira `il fuq minn ghaxart elef Euro (€10,000) mill-kont tal-kumpannija Winex Holdings Limited permezz ta` cheque 1213 ghal skop nebuluz u opak; meta lir-rikorrenti pprova jiskopri l-iskop ta` dan il-pagament permezz ta` l-intervent newtrali ta` l-uditur tal-kumpanija, dan ta` l-ahhar gie mitlub biex ma jindahalx ;*

*(xiv) illi f`Awissu 2009, peress illi evidentement l-intimati kienu skomdi illi l-esponenti bhala direttur ikollu access eletroniku u informazzjoni ghall-kontijiet u movimenti fihom tal-kumpaniji, irnexxilhom abuzivament inehhu l-viewing rights ta` l-esponent, bil-konsegwenza li dan issa ma ghandux mezz kif jesegwixxi d-dover tieghu versu l-kumpanija u l-azzjonisti, abbuz simili kien diga` sehh wara intervent abusiv tad-Direttur Arkitett Carbonaro, izda f`dak il-kaz il-Bank of Valletta plc kien induna bl-abbuz u rrettifika s-sitwazzjoni billi rrestawra l-viewing rights ;*

*(xv) illi fi zmien passat keinu "sparixxew" `il fuq minn ghaxart elef Lira Maltija (Lm10,000) mill-kumpanija Windsor Holdings Limited; il-cash management kien bhala regola f`idejn wiehed jew l-iehor mill-intimati Carbonaro u Parlato Trigona. Parti minn dawn il-flus gew traccjati bhala pagamenti ghall-karozza "Alfa Romeo" ta` l-intimat Carbonaro; il-problema gie "risolt" billi Parade Limited giet rifuza nofs l-ammont nieqes u n-nofs l-iehor intilef minn Windsor Holdings Limited u baqa` ghand Carbonaro ;*

*(xvi) illi f`mument xi snin ilu, il-proprjeta` tas-socjeta` Windsor Holdings Limited f`Regent House, Bisazza Street, Sliema nqasmet bejn socjetajiet appartenenti lill-azzjonisti. Gara illi l-intimat Anthony Parlato Trigona li kien ifforma socjeta` TPT Limited kien jikri kamra minn ghand is-*

*socjeta` WCO Limited, kumpanija tal-familja ta` William Carbonaro. Il-kera li TPT kienet thallas lil WCO Limited kienet tingabar minn ghand Winex Holdings Limited biex tghaddihom lil WCO bhala kera ghall-kamra b`mod illi effettivament il-kera lil WCO kien jinhareg minn Winex Holdings Limited. Fl-istess waqt, Carbonaro kien jichad il-firma tieghu ghall-pagament tad-debitu dovut minn Windsor Holdings Limited lil Winex Holdings Limited. Dan huwa ennesimu kaz ta` konflitt ta` interess u oltragg tad-doveri tad-diretturi ;*

*(xvii) illi l-intimat Edward Micallef jikkonsentixxi ghal dan kollu u bhala membru tal-Bord tad-Diretturi rrenda ruhu komplici u ko-involt ;*

*(xviii) illi l-intimat Edward Micallef jikri parti mill-ispazju fl-ufficju numru 44, Regent House, Triq Bisazza, Sliema. Hemm dovuta s-somma ta` cirka `il fuq minn tlieta u ghoxrin elf Euro (€23,000), liema somma hija rapprezentanti tal-kirja ta` dan il-fond dovut mill-intimat Edward Micallef lill-kumpanija Windsor Holdings Limited ghall-perjodu bejn is-sena elf disa` mija u tmienja u disghin (1998) u s-sena elfejn u sebgha (2007) kif ukoll sehem l-intimat mill-kontribuzzjoni ghall-ispejjez bhala porterage; illi t-tliet intimati kkollaboraw biex is-somma qatt ma tasal minn ghand l-intimat Micallef ghal ghand Windsor Holdings Limited ;*

***<u>Il-"fons et origo mali"</u>***

*6. Illi in riepolgu, jinghad illi l-bazi tat-telf soffert mill-partijiet kollha inkluzi l-kumpaniji u l-azzjonisti bhala investituri, jirrisali ghall-isfruttament bhala skruplu u incessanti da parti tal-intimat Carbonaro tar-rizorsi tas-socjetajiet Winex Holdings Limited u Windsor Holdings Limited inkluzi l-ufficcju u l-impjegati, bil-kollaborazzjoni attiva ta` l-intimat Parlato Trigona li kien jaqsam mieghu fl-operat tal-Visa u kollaborazjoni gieli attiva u gieli passiva ta` Micallef ;*

*7. Illi l-konsegwenza ta` dan kollu hija illi l-intimat Carbonaro illum, partikolarment bit-tnehhija abuziva tar-rikorrenti mill-kariga ta` Direttur tal-parent company Regent Holdings Limited u bil-manipulazzjoni indebita tal-vot tieghu, spicca biex akkwista l-kontroll effettiv ta` hamsin fil-mija taz-zewg kumpanniji Regent Holdings Limited u Winex Holdings Limited. Dan wiehed irid jarah fl-isfond u l-perspettiva ta` l-isforzi ta` Carbonaro biex a skopijiet ta` dwadann tieghu, jostakola l-hlas ta` l-ewwel dividend lill-azzjonisti ta` Winex. Jisemma` illi r-rikorrenti biex jindirizza*

*dann l-abbuz diga` pprezenta procedura ohra separati li jafu jwasslu anke potenzjalment ghax-xoljiment tal-parent company, Regent Holdings Limited ;*

*8. Illi ghal kull buon fini pero`, l-esponenti jiccaraw u jikkwalifikaw li mhux qieghed b`ebda mod jitlob jew jipprosettaw fit-talba x-xoljiment tas-socjeta` Winex Holdings Limited, ghaliex inter alia din ghandha azzjonisti ohra passivi li x-xoljiment ma huwiex fl-interessi taghhom, izda japprezzaw li jigi ezaminat il-kaz favur ix-xoljiment tal-kumpaniji l-ohrajn cioe` Parade Limited u Windsor Holdings Limited.*

*Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bil-qima lil din l-Onorabbli Qorti li din joghgobha :*

*1. taghti dawk ir-rimedji skond ma jidhrulha xierqa u opportuni fis-sens tal-poteri tagha wiesgha ta` l-artikolu 402 tal-Companies Act ;*

*2. tiddikjara u tiddeciedi illi l-intimati jew min minnhom ikkawzaw danni, jew telf patrimonjali inkluz telf ta` qligh lill-atturi b`responsabilita`, misura u ammont li ghandhom jigu determinati mill-Qorti ;*

*3. tillikwida d-danni u t-telf patrimonjali hekk kawzati ;*

*4. tikkundanna lill-intimati ihallsu d-danni u t-telf hekk kawzati ;*

*5. taghti ordni u provvediment iehor li jidhrulha xierqa ;*

*6. taghti ordni provvizorja u immedjata li ma jsir ebda moviment ta` flus jew trasferiment ta` assi mis-socjeta` Winex Holdings Limited u Windsor Holdings Limited minghajr il-preavia awtorizzazzjoni tal-Qorti jew tad-Diretturi prezenti inkluz ir-rikorrent.*

*Bl-imghax u bl-ispejjez u bir-riserva ta` kull dritt u azzjoni fil-Ligi.*

Rat id-dokument li kien esebit mar-rikors promotur.

Rat ir-risposta guramentata tal-Perit William Carbonaro u mertu Gabriella Carbonaro prezentata fil-15 ta` Ottubru 2009 li tghid hekk –

1. *Illi preliminarjament l-azzjoni tar-rikorrenti hija irrita` u nulla u t-talbiet ghandhom ghalhekk jigu michuda stante li ma tezistix f`materja socjetarja l-possibilita` li tingieb l-azzjoni taht l-artikolu 402 tal-Att Dwar il-Kumpanniji f`isem is-socjeta` li kontra taghha jkun qed jigi allegat li sar xi hsara. Jidher li r-rikorrenti qed ihawdu l-azzjoni derivattiva ma` l-azzjoni taht l-artikolu 402 f`kawza wahda, haga li tirrendi din l-azzjoni bla bazi legali u ghalhekk nulla ;*

2. *Illi in oltre u preliminarjament ukoll hija assurdita` gurdika li parti tkun kemm rikorrenti kif ukoll intimata fl-istess kawza, u ghal din ir-raguni wkoll l-azzjoni tar-rikorrenti hija irrita` u nulla u t-talbiet kollha ghandhom jigu michuda;*

3. *Illi l-allegazzjonijiet kollha esposti fir-rikors promotur dwar tmexxija rregolari u allegazzjonijiet ohra huma kollha michuda bhala infondati fil-fatt u fid-dritt, kif ser jigi pruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza, u ghalhekk l-ewwel talba tar-rikorrenti ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra taghhom stante li ma tezisti l-ebda raguni ghaliex l-Artikolu 402 ghandu jigi applikat ;*

4. *Illi t-tieni, it-tielet u r-raba` talba tar-rikorrenti wkoll ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti stante li l-esponenti m`huma responsabbli ghal ebda danni allegatament sofferti mir-rikorrenti ;*

5. *Illi t-tieni, it-tielet u r-raba` talba tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda wkoll ghaliex ir-rikorrenti ma sofrew l-ebda danni kif qed jallegaw ;*

6. *Illi l-hames talba tar-rikorrenti mhiex cara u hija indikattiva biss tan-natura vera tal-procedura odjerna, u cioe` procedura frivola u minghajr bazi intenzjonata biss sabiex tivvessa fejn ir-rikorrenti jippruvaw jitfghu hafna allegazzjonijiet u hafna talbiet vagi biex forsi jolqtu x`imkien ;*

7. *Illi s-sitt talba tar-rikorrenti wkoll ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti stante li ma jezistux ragunijiet sufficjenti sabiex jittiehdu tali mizuri provizorji, u se mai ir-rikorrenti jridu jippruvaw il-htiega li tintlaqa` t-talba taghhom ;*

*8. Salvi eccezzjonijiet ohra ;*

*9. Illi l-fatti li taw lok ghal din il-vertenza huma s-segwenti :*

*9.1 Ir-rikors promotur jikkonsisti biss f`allegazzjonijiet inveritieri li ma jirrispekjawx l-affarijiet kif verament huma ;*

*9.2 L-uniku vera lment tar-rikorrenti huwa li Raymond Vassallo tnehha minn direttur – att ordinarju fil-kors tat-tmexxija ta` socjeta` li fiha nfisha ma taghtix lok ghall-applikazzjoni tal-Artikolu 402 tal-Att Dwar il-Kumpaniji. Ir-rikorrenti ma fehmux li l-ebda direttur m`ghandu d-dritt assolut li joqghod fil-kariga ghal dejjem. L-artikolu 402 tal-Att Dwar il-Kumpanniji mhux intiz biex jigi nvokat kull darba li membru jiehu ghalih ghax jitnehha minn direttur, specjalment meta tali tnehhija tkun saret skond il-ligi u ghal ragunijiet validi ;*

*9.3 Kuntrarjament ghal dak allegat fir-rikors promotur, it-tnehhija ta` Raymond Vassallo minn direttur saret skond il-ligi kif dokumentat anke fil-minuti tal-General Meeting tas-socjeta` tad-9 ta` Gunju 2009. Fil-fatt ir-rikorrenti Raymond Vassallo diga` gab zewg azzjonisti ohra quddiem il-Qrati rigward dan u tilifhom it-tnejn. Issa qed ikompli jinsisti u jipprova b`din l-azzjoni odjerna ;*

*9.4 Minbarra li t-tnehhija tieghu minn direttur saret skond il-procedura, ir-ragunijiet tat-tnehhija kienu validi hekk kif jidher mill-minuti tal-General Meeting tad-9 ta` Gunju 2009. Raymond Vassallo bhala direttur tilef il-fiducja tad-diretturi l-ohra, kien ta` pregudizzju ghas-socjeta` u ghall-membri l-ohra; kien regolarment jimblokka u jisfida x-xoghol tal-Bord. Kien johloq tensjoni u frustrazzjoni fil-livell tal-Bord li wassal ghal sitwazzjoni fejn id-decizjonijiet tal-Bord kienu jirriflettu biss il-volere ta` Raymond Vassallo li kien jimponi ruhu fuq kulhadd. Ghalhekk filwaqt li f`ghajnejn il-ligi d-diretturi kollha kienu responsabbli ndaqs ghad-decizjonijiet tal-Bord, dawn effettivament kienu biss decizjonijiet ta` Raymond Vassallo ;*

*9.5 Id-danni allegatament sofferti mir-rikorrenti huma biss fabbrikazzjoni ta` Raymond Vassallo u hekk kif ser jigi pruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza mhux veru li r-rikorrenti sofrew dawn id-danni u*

*certament mhux veru li l-esponenti huma b`xi mod responsabbli ghal dawn l-allegazzjonijiet ;*

*9.6 Mhux minnu li d-diretturi tas-socjeta` qed imexxu fl-interess ta` xi azzjonisti biss jew li l-esponenti ghandhom xi kunflitt ta` interess kif qed jigi allegat;*

*9.7 Il-lanjanzi f`paragrafu 5 (i) (ii) u (iii) huma tassew frivoli u certament ma jwasslux ghal azzjoni taht l-Artikolu 402. L-esponenti William Carbonaro sar Konslu Honorarju fil-1987, u minn dak iz-zmien dejjem ikkonduca din l-attivita` mill-Konsolat li kien parti mill-ufficcju li kien ihallas kera ghalih. Dan l-ufficcju dejjem kien maqsum ma` tlieta jew erba` professjonisti ohra. L-ispejjes kollha kienu jinqasmu bejn kulhadd ;*

*9.8 Peress li dan l-ufficcju kien fi spazju komuni bilfors li meta jdoqq it-telefon ta` wiehed gieli rrisponda l-iehor, jekk idoqq il-bieb ghal wiehed gieli rrisponda l-iehor, eccetra. Konna nirrispondu u nwasslu risposta ghal xulxin; kulhadd kien jiehu pacenzja b`xulxin, u qatt ma saret talba biex William Carbonaro jittrasferixxi l-Konsolat x`imkien iehor. Qatt ma saret lanjanza minn hadd kontra William Carbonaro jew il-Konsolat. Dan certament mill-1987 sal-2006, meta Raymond Vassallo ghal ragunijiet ohra beda jfittex li jaqbad ma` kull haga biex jipprova jattakka lil esponenti ;*

*9.9 Ghandu jinghad li William Carbonaro kien ikun prezenti fl-ufficcju li kien jaqsam ma` Raymond Vassallo aktar minn Raymond Vassallo stess. Rarament ma kien ikun hemm hadd ghal Konsolat fit-tliet sighat u nofs ta` filghodu li kien jopera l-Konsolat. F`dawk l-okkazjonijiet rari, gieli kien hemm xi klijenti li jhallu risposta, izda rarament ma` Raymond Vassallo peress li dan ma tantx kien ikun l-ufficju filghodu. Barra minn hekk, kien hemm drabi fejn bhall-ohrajn gieli hadt risposti ghal Raymond Vassallo. Izda Raymond Vassallo nesa li ghal kull risposta li ha hu ghall-esponenti, William Carbonaro hadlu ghoxrin telefonata u ssubbixxa klijenti tieghu ipacpcu ghal hin twil sakemm jistennewh. Din kienet haga normali fl-ufficcju `sharing`, u qatt ma saret lanjanza lil xilxin ;*

*9.10 Anthony Parlato Trigona gie mahtur Assistent Konslu Honorarju fl-1999, izda kien ilu jghin fil-konsolat sa minn qabel l-1993 meta l-ufficcju kien ghadu l-Belt Valletta. Winex Holdings Limited u Regent Holdings Limited lanqas kienu jezistu dak iz-zmien ;*

*9.11 Meta lil Anthony Parlato Trigona beda jinaghtalu x-xoghol ta` Winex Holdings Limited bi hlas, dan kien jaghmlu flimkien ma` xoghol iehor tieghu privat. Anthony Parlato Trigona ma kienx impedit milli jaghmel xoghol iehor. Bizzejjed jinghad li minbarra jassisti fil-konsolat, Anthony Parlato Trigona kien jaghmel xoghol ghal Parade u Regent Holdings Limited fost l-ohrajn, izda dan bla ebda hlas. Li Anthony Parlato Trigona kien jaghmel ix-xoghol ta` Windsor Holdings Limited flimkien max-xoghol kollu tieghu l-iehor inkluz dak ta` Assistent Konslu kien maghruf mid-Diretturi ta` Windsor Holdings Limited, u hadd lanqas Raymond Vassallo qatt ma kkontestaw dan il-fatt ;*

*9.12 L-allegazzjoni f`paragrafu 5(v) li William Carbonaro ostakola l-hrug ta` dividend ta` Winex sabiex ikun jista` jixtri x-shares ta` Leonard Vassallo hija assolutament falza. Hekk kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza, fil-verita` William Carbonaro kien iddiskuta ma` Leonard Vassallo l-possibilita` li jixtri x-shares tieghu fuq suggeriment ta` Raymond Vassallo stess. L-esponenti William Carbonaro u Leonard Vassallo ma waslux ghal ftehim, avolja Carbonaro offra s-somma li kien semmielu Raymond Vassallo, u d-diskussjoni mietet f`Marzu jew April tal-2006. L-ewwel dividend li jsemmi Raymond Vassallo fir-rikors promotur inhareg f`Settembru tat-2006, ferm wara li d-diskussjoni kienet spiccat. Ghalhekk ma kien ikun hemm l-ebda skop logiku ghall-esponenti li jaghmel dak allegat minn Raymond Vassallo wara li kien intemm kollox ;*

*9.13 Il-fatti dwar Windsor Holdings Limited u Winex Holdings Limited m`humiex kif allegat mir-rikorrenti f`paragrafu 5(vi) tar-rikors promotur izda l-oppost. Kif ser jigi pruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza, Raymond Vassallo abbusa mill-pozizzjoni tieghu ta` direttur biex il-kontijiet tas-servizzji li WHL ik-kontra-charged lil Winex saru anqas minn dak dovut, u wara snin ta` diskussjoni fuq din il-kwistjoni, dan l-ahhar il-bordijiet taz-zewg socjetajiet qablu biex il-kwestjoni tigi arbitrata minn terzi bonarjament ;*

*9.14 Il-lanjanza tar-rikorrenti f`paragrafu 5(vii) turi verament kif jahseb il-mohh ta` Vassallo. Dawn id-djun kienu certi, likwidi u dovuti, u ghalhekk is-socjeta` iddecidiet li ghandhom jithallsu. Izda, Vassallo forsi jippretendi li dejn m`ghandux jithallas jekk il-kreditur ikun ukoll membru ta` Windsor Holdings Limited, jew li s-socjeta` ghandha tinheba wara l-preskrizzjoni biex ma thallas dejn vrsu direttur tal-kumpannija stess, li kien ihallas minn butu ghas-socjeta` fil-qadi ta` dmirijietu. Il-hlasijiet saru skond decizjonijiet ben dokumentati tal-kumpannija u fir-rispett tal-Ligi ;*

*9.15 Il-lanjanza 5(viii) hija allegazzjoni inveritiera kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza. Ir-rikorrenti Raymond Vassallo kien ben*

*konsapevoli mid-decizjoni tal-Bord tant li huwa kien prezenti fil-laqgha meta ttiehdet tali decizjoni. Ghalhekk mhux minnu dak li jallega Raymond Vassallo li d-decizjoni ttiehdet minghajr ebda involviment jew konsultazzjoni tieghu ;*

*9.16 Dwar lanjanza 5(ix), kif diga` inghad aktar `l fuq u kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza, Raymond Vassallo tnehha minn direttur ta` Regent Holdings Ltd, ghal ragunijiet gusti u skond il-ligi. Inutili li issa Raymond Vassallo jipprova jilghabha tal-vittma li ssagrifika postu bhala direttur ghax skond hu pprova jhares l-interessi – mhux tieghu, imma tal-investituri l-ohra! Ir-rikorrenti jaf ben tajjeb li huwa tilef il-fiducja ta` shabu d-diretturi u tas-socji ta` Regent Holdings Ltd, minhabba fl-impozizzjoni kostanti tal-interessi u tal-volere tieghu biss, liema air kien qed jaffettwa b`mod negattiv is-socjeta` ;*

*9.17 L-allegazzjonijiet esposti f`paragrafu 5(x) tar-rikors promotur huma wkoll infondati. Il-mara ta` Anthony Parlato Trigona tidher bhala impjegata tas-socjeta` intimata in segwitu ta` ftehim bejn Windsor Holdings Limited u Winex Limited li permezz tieghu l-impjegati kollha li kellha Windsor Holdings Limited gew trasferiti lil Winex Limited. Dan il-ftehim Raymond Vassallo mhux talli kien jaf bih, talli kien sar fiz-zmien meta hu stess kien direttur u sahansitra kien jiffirma c-cekkijiet tas-sinjura Parlato Trigona fil-kwalita` tieghu ta` direttur ;*

*9.18 L-istess huma nfondati l-allegazzjonijiet f`paragrafu 5(xi). Is-socjeta` Winex Limited ma tikri l-ebda ufficcju ghax lanqas biss ghandha ufficcju taghha. Anthony Parlato Trigona jigi rimborsat l-ispejjez li jinkorri ghal xoghol li huwa jaghmel mir-rizorsi tieghu u mill-kumpannija tieghu ghas-socjeta` Winex Limited. Dan ix-xoghol qed isir minn go ufficcju li hu mikri mjis-socjeta` ta` Anthony Parlato Trigona (TPT Limited) u mhux lil Winex Limited ;*

*9.19 Dan l-arrangament (u cioe` li Anthony Parlato Trigona jigi rimborsat l-ispejjez) sar skond il-ligi b`decizjoni tal-Bord ta` Winex Limited mehuda fis-7 ta` Jannar 2008. Ta` min isemmi wkoll li din id-decizjoni kien ivvota favuriha l-istess rikorrenti Raymond Vassallo filwaqt li l-esponenti William Carbonaro kien ivvota kontra. Dan ikompli juri kemm ir-rikorrenti qed imexxu din l-azzjoni fuq allegazzjonijiet assolutament inveritieri ;*

*9.20 Is-somom li r-rikorrenti jsemmu f`lanjanza 5(xii) kienu ammonti veri, likwidi u dovuti mis-socjeta` Windsor Holdings Ltd lis-socjeta` WCO*

*Limited, ghal spejjez ta` konsum ta` dawl u ilma, u thallsu kif miftiehem f`artiklu sitta (6) tal-att ta` trasferiment bejn Windsor Holdings Limited u WCO Limited tat-3 ta` Awissu 2007. L-ammont imhallas lil Anthony Parlato Trigona kien versu dejn ta` petty cash ghal spejjez inkorsi minn Parlato Trigona fil-qadi ta` dmirijietu bhala Amministratur ta` Windsor Holdings Limited tul diversi snin. Dawn il-pagamenti saru b`decizjoni tal-Bord tad-Diretturi li ttiehdet minn zmien twil qabel ;*

*9.21 Ic-cheque 1213 ghall-ammont ta` €10,461 lil Parlato Trigona nhareg minn Winex Holdings Limited regolarment iffirmat minn zewg diretturi kif mitlub mill-M&A tas-socjeta`. Dan id-dejn ma hu `neboluz` xejn kif jallega Raymond Vassallo. Vassallo jaf ben tajjeb li dan jirrappresenta sald ta` dejn dovut lil Parlato Trigona ghal spejjez inkorsi fil-qadi ta` dmirijietu bhala amministratur tal-kumpannija Winex Holdings Limited. Dan l-ammont jidher fil-kotba debitament audited u ffirmati minn Vassallo stess, peress li huma saru fl-2007 ;*

*9.22 Waqt li huwa veru li Parlato Trigona bhala Amministratur, nehha l-viewing rights ellettronici tal-kontijiet bankarji li kien igawdi minnhom Raymond Vassallo [imsemmija f`paragrafu 5(xiv)], dan sar ghaliex Vassallo kien ilu zmien jabbuza minn dan is-servizz biex jikxef ma` terzi informazzjoni kunfidenzjali tal-kumpanniji Windsor Holdings Limited u Winex Holdings Limited, u b`hekk jaghmel aktar hsara u jqieghed f`dell ikrah dawn is-socjetajiet ma` terzi, kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza ;*

*9.23 Ghar-rigward il-lanjanza 5(xv) dwar is-somma li `sparixxiet`, ghandu jinghad li, apparti indikazzjoniiet cari li dejjem kien hemm li dawn hadhom l-istess Raymond Vassallo, dawn il-flus effettivament spiccaw baghtewhom l-azzjonisti kollha, inkluz l-esponenti, hlief Vassallo nnifsu. Di piu` dan huwa fatt li sehh fl-1994, haga li naturalment Vassallo ma jsemmix ghaliex fl-isforzi tieghu li jiffabrika `kaz` kontra l-esponenti jipprova jaghti l-impressjoni li dawn l-affarijiet sehhew ilbierah. Din hija haga li l-istess Vassallo kien iddefinixxa ma` William Carbonaro u Anthony Parlato Trigona bhala "closed matter" hafna snin ilu. Izda issa donnu hass li kellu jerga` jqajjimha biex jipprova jzejjen il-kawza tieghu ;*

*9.24 Dwar lanjanza 5(xvi), irid jigi ccarat, li Winex Holdings Limited ma tikrix ufficcju. Hija thallas biss rimborz lil Parlato Trigona talli juza r-rizorsi tal-kumpannija tieghu sabiex jaqdi xoghol ghal Winex, sewwa sew kif miftiehem fil-laqgha tad-Diretturi tas-7 ta` Jannar 2008. Jekk Parlato Trigona jahdimx minn ufficcju proprjeta` tieghu jew jaqbillux jikri, huwa*

*affari ta` Parlato Trigona biss. WCO Limited certament m`ghandhiex x`taqsam ma` dan ;*

*9.25 Il-kera msemmija f`paragrafu 5(xviii) dejjem thallset minn Micallef tul iz-zmien, u Raymond Vassallo dejjem kien ha sehmu. Ghalhekk din l-allegazzjoni hija wkoll falza. L-esponenti ma jafx xi jrid jghid biha Vassallo din id-dikjarazzjoni falza, ghax dan il-fatt huwa jafu, kif ser jirrizulta fit-trattazzjoni tal-kawza ;*

*9.26 Ghandu jinghad ukoll li t-talba tar-rikorrenti li jittiehdu provvedimenti provizorji biex is-socjetajiet intimati ma jinkorri l-ebda spejjez minghajr l-awtorizazzjoni tal-Qorti hija ntenzjonata biss sabiex tivvessa. Ma jezistu l-ebda ragunijiet (tant li r-rikorrenti ma jsemmu l-ebda ragunijiet) sabiex tiggustifika tali talba. In oltre l-ordni mitluba effettivament tista` tkisser lil kumpannija qabel ma tkun inqatghet din il-kawza hekk kif jixtiequ r-rikorrenti, peress li ma tkunx tista` tahdem bil-pratticita` necessarja f`kull socjeta` biex in-negozju jibqa` ghaddej fl-interess tal-membri kollha ;*

*9.27 Ma jezistu l-ebda ragunijiet li jistghu jiggustifikaw rimedju taht l-Artikolu 402 tal-Kap. 386, kif ser jirrizulta ahjar fil-mori tal-kawza. F`paragrafu 8 tar-rikors promotur, ir-rikorrenti jghidu li mhux jeskludu t-talba ghal xoljiment tas-socjetajiet intimati Parade Limited u Windsor Holdings Limited. Huwa ferm difficli, pero`, biex wiehed jifhem kif jista` jkun li s-socjetajiet rikorrenti jifthu kawza kontra taghhom infushom fejn jitolbu x-xoljiment taghhom stess ;*

*9.28 Ghaldaqstant it-talbiet kollha tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.*

Rat ir-risposta guramentata tal-intimata WCO Limited prezentata fil-15 ta` Ottubru 2009 li tghid hekk –

*1. Illi s-socjeta` WCO Limited mhiex il-legittimu kuntradittur fil-kawza odjerna u ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju stante li hija m`ghandha l-ebda interess guridiku toqghod fil-kawza u hija estranja ghall-pretensjonijiet u t-talbiet maghmula fir-rikors promotur, u dan kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza ;*

*2. Illi tant is-socjeta` esponenti tharrket inutilment illi dan il-fatt jirrizulta anke prima facie mir-rikors promotur stess. L-ebda pretensjoni m`hi diretta lejn is-socjeta` esponenti u l-ebda talba ma tista` tirrispondi ghaliha s-socjeta` WCO Limited ;*

*3. Illi ghalhekk jidher manifestament car li t-tahrika tal-esponenti min-naha tar-rikorrenti hija frivola u vessatorja u ghandha tigi michuda minn din l-Onorabbli Qorti, filwaqt li l-esponenti qieghda minn issa tirriserva kull dritt t`azzjoni, inkluza dik ghad-danni, spettanti lilha skond il-ligi kontra r-rikorrenti talli dahlitha inutilment f`dawn il-proceduri ;*

*4. Illi s-socjeta` esponenti hija estranja ghall-allegazzjonijiet kollha esposti fir-rikors promotur dwar tmexxija irregolari, danni u allegazzjonijiet ohra fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost qed jigu kollha michuda bhala infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-esponenti m`hi responsabbli ghal ebda danni pretizi mir-rikorrenti ;*

*5. Illi s-sitt talba tar-rikorrenti, in kwantu m`hiex diretta kontra l-esponenti izda diretta kontra terzi, ukoll ghandha tigi michuda fil-konfront tal-esponenti bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti ;*

*6. Illi ghal dawn ir-ragunijiet kollha u dawk li ser jirrizultaw fil-mori tal-kawza, it-talbiet kollha tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess rikorrent ;*

*7. Salv eccezzjonijiet ohra.*

Rat ir-risposta guramentata li pprezentaw l-intimati konjugi Parlato Trigona u l-konjugi Micallef fil-<u>21 ta` Ottubru 2009</u> li tghid hekk –

*1. Illi preliminarjament l-azzjoni kif proposta hija irrita u nulla in kwantu l-mod kif gie redatt ir-rikors promotur ma jidentifikax b`mod card x`inhuma l-bazijiet fattwali u n-nessi logici mar-rimedji mitluba kif rikjest mil-ligi, ma jikkontjeni l-ebda ness logiku bejn il-kwazi tletin premessa u t-talbiet kif elenkati fir-rikors u fuq kollox ma jidentifikax b`mod car x`inhu r-rimedju rikjest mir-rikorrenti fil-konfront ta` kull wiehed jew wahda mill-intimati b`tali mod li jirrendi r-rikors promotur ingestibbli minn din l-Onorabbli Qorti u johloq diffikultajiet kbar lill-esponenti intimati anke sabiex jirrispondu b`mod ezawrjenti ghaliex mhu car xejn x`qed jintalab minn ghand*

*kull wiehed minn dawn l-intimati u fuq kollox fil-kuntest ta` liema wahda jew aktar mis-socjetajiet intimati qed issir kull wahda mit-talbiet promoturi ;*

*2. Illi preliminarjament ukoll, l-azzjoni li jidher li qed iressaq ir-rikorrenti hija dikjarata bhala azzjoni ghal pregudizzju mhux gust – unfair prejudicce – taht l-Art. 402 tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta` Malta mentri dak li kellhom f`mohhhom ir-rikorrenti jidher bl-aktar mod evidenti li kienet l-azzjoni derivattiva kif (a) dikjarat espressament fil-kawzali tal-mandat ta` inibizzjoni u l-mandati ta` sekwestru li qed jikkawtelaw dawn il-proceduri u kif (b) jidher mill-fatt li gew imharrkin is-socjetajiet in kwistjoni infushom f`dawn il-proceduri mentri fi proceduri taht l-Art. 402 ftit li xejn jistghu jirrispondu s-socjetajiet in kwistjoni li se mai – jekk qatt jigu ppruvati l-allegazzjonijiet in kwistjoni – jkunu l-partijiet li soffrew id-dannu u certament mhux il-konvenuti. Dan il-fatt jirrendi din l-azzjoni bla bazi u kwindi nulla ;*

*3. Illi fir-rigward tal-ewwel talba attrici jidher li l-pern tal-lanjanzi tar-rikorrenti dwar pregudizzju mhux gust hija r-rimozzjoni tar-rikorrent Arkitett Raymond Vassallo minn direttur tas-socjeta` Regent Holdings Limited. L-intimati bir-rispett, jeccepixxu illi dan il-punt diga` gie diskuss u deciz minn din l-Onorabbli Qorti ghal darba darbtejn, f`zewg proceduri separati fejn il-Qorti sabet li tali rimozzjoni ma tikkostitwix pregudizzju mhux gust jew oppressjoni tal-azzjonisti minoritarji u kwindi dawk l-pronunzjamenti llum huma res judicata u jikkostitwixxu stat bejn l-partijiet ;*

*4. Illi l-illazzjonijiet l-ohrajn kollha tar-rikorrenti dwar kunflitt ta` interess, gestjoni hazina tas-socjetajiet intimati, u l-allegazzjonijiet l-ohrajn huma kollha michuda bhala infondati fil-fatt u fid-dritt u ghaldaqstant l-ewwel talba attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjez peress illi ma jissusistix il-pregudizzju reklamat la fil-fatt u lanqas fid-dritt ;*

*5. Illi subordinatament ghall-eccezzjonijiet numru 4 ghall-ewwel talba attrici, fi kwalunkwe kaz din it-talba ghandha tigi michuda in kwantu r-rikorrenti kienu akwiexxenti ghal dawn is-snin kollha fil-gestjoni tal-kumpaniji in kwistjoni u bis-silenzju taghhom fi kwalunkwe kaz kienu qed jikkonsentixxu ghal mod kif kienu jigu amministrati l-kumpaniji kif stabbilit fil-ligi u fil-gurisprudenza nostrana inkluz mill-Qorti ta` l-Appell ;*

*6. Illi r-rikorrenti ma sofrew l-ebda danni li ghalihom jistghu b`xi mod jitqiesu responsabbli l-intimati esponenti kif qed jallegaw, u kwindi t-tieni, it-tielet u r-raba` talba dwar dikjarazzjoni ta` responsabbilta`,*

*likwidazzjoni u ordni ghar-rizarciment ta` tali danni ghandhom jigu wkoll michuda bl-ispejjez ;*

*7. Illi l-hames talba ghandha bl-istess mod tigi michuda kemm ghaliex hija nsostenibbli fil-mod vagissimu u generalissimu li biha giet redatta minghajr per ezempju lanqas referenza ghal-liema socjeta` intimata qed jintalab tali rimedju, kif ukoll ghaliex proprju mhu opportun xejn li din il-Qorti taghti xi ordni jew provvediment fic-cirkostanzi ;*

*8. Illi s-sitt talba ghandha wkoll tigi michuda bl-ispejjez in kwantu fl-ewwel lok ma jezistu l-ebda cirkostanzi sufficjenti biex jittiehdu tali mizuri kif ser jigi ppruvat fit-trattazzjoni ta` dan ir-rikors u fit-tieni lok l-uniku effett reali ta` tali sanzjoni tkun it-tkissir definittiv tas-socjetajiet intimati li ma jkunux jistghu imexxu n-negozju taghhom ta` kuljum b`effett hazin u rrimedjabbli fuq il-korp kollu tal-azzjonisti ;*

*9. Salv eccezzjonijiet ulterjuri fuq il-mertu u b`riserva ghal kull rimedju, inkluz rimedju fid-danni, spettanti lis-socjeta` esponenti Parade Limited kontra r-rikorrenti Vassallo.*

*Illi r-rikors promotur jikkontjeni sensiela interminabbli ta` fabbrikazzjonijiet u ilazzjonijiet kontra l-intimati esponenti u kontra l-Perit Arkitett William Carbonaro u martu Gabriella Carbonaro li huma ghal kollox inveritieri u li huma minsuga flimkien b`mod malizzjuz sabiex jippruvaw juru lil din il-Qorti li jezisti xi kwadru shih ta` maniggi u azzjonijiet doluzi u/jew kolpuzi fil-konfront tar-rikorrenti Vassallo mentri fil-fatt dawn huma purament fabbrikazzjonijiet ta` mohh Vassallo. Addirittura, certi avvenimenti ghal kollox normali, mhux relatati ma` xulxin u li f`certi cirkostanzi sehhew hmistax-il sena `l boghod minn xulxin qed jigu pprezentati lil din il-Qorti bhallikieku sehhew ilbierah u fil-kunteest ta` skema oppressiva tad-drittijiet ta` Vassallo. Huwa ghalhekk li sa minn dan l-att l-esponenti ser jindirizzaw dawn l-illazzjonijiet principali individwalment.*

*Il-lanjanzi principali ta` Vassallo fil-konfront ta` l-esponenti odjerni u li jirrizultaw wara analizi fir-reqqa tar-rikors promotur huma s-segwenti :*

*It-tnehhija ta` Vassallo minn direttur ta` Regent Holdings Limited ;*
*Ir-rwol ta` l-esponent intimat Anthony Parlato Trigona fid-diversi socjetajiet;*
*Allegazzjonijiet ta` Serq ta` flus kontanti ;*
*Il-kirja tal-Perit Arkitett Edward Micallef.*

*L-allegazzjonijiet u l-fabbrikazzjonijiet l-ohrajn kontenuti fir-rikors promotur mhumiex direttament indirizzati lill-esponenti odjerni izda lill-Perit Arkitett William Carbonaro u lil martu Gabriella u ghalihom ser iwiegbu l-istess intimati Carbonaro separatament.*

***<u>It-tnehhija ta` Vassallo minn direttur ta` Regent Holdings Limited</u>***

*Din hija certament il-lanjanza principali tal-Perit Vassallo. Qatt ma accetta u jidher li ser ikompli ma jaccettax il-fatt illi huwa legittimament tnehha minn direttur wara li gew segwiti ad litteram id-dettami tal-Artikolu 140 tal-Kap. 386 – att ordinarju fit-tmexxija ta` kull kumpanija u li qed jigi hawn ikkonfermat bil-gurament.*

*Fl-ewwel lok irid jigi senjalat li l-Perit Vassallo diga` ressaq zewg rikorsi u tilifhom it-tnejn quddiem din il-Qorti fejn minghajr l-ebda esitazzjoni l-Qorti ppronunzjat ruhha fuq il-mertu u qalet li tali tnehhija ma tikkostitwix fiha nfisha l-"pregudizzju mhux gust" rikjest fil-ligi.*

*L-esponenti izda imorru oltre minn hekk. Fit-trattazzjoni tal-mandat ta` Inibizzjoni numru 1535/09 din il-Qorti wkoll cahdet dak ir-rikors tal-Perit Vassallo li fih talab li l-intimati odjerni u l-Perit Carbonaro jigu inibiti milli jressqu mozzjonijiet ta` tnehhija tieghu minn direttur f`socjetajiet ohrajn proprju ghaliex irriteniet li l-ezercizzju tal-mekkanizmu tal-Art. 140 qatt ma jista` a priori jitqiex bhala pregudizzjali ghall-interessi ta` xi azzjonist inkella dak ir-rimedju importantissimu jigi rez inutilizzabbli.*

*Il-Perit Vassallo jaf li z-zewg proceduri quddiem din il-Qorti kif ukoll il-pronunzjament tal-Qorti fil-mandat in kwistjoni jikkostitwixxu stat bejn il-partijiet. Li jerga` jressaq ghar-raba` darba din l-istess talba u jinsisti li tali tnehhija tikkostitwixxi pregudizzju mhux gust fil-konfront tieghu, anki in vista tal-gurisprudenza vasta msemmija mill-esponenti u kkwotata mill-Qorti f`dawk il-proceduri, ma tirriflettix biss il-vessatorjeta` ta` din l-azzjoni izda wkoll turi disprezz assolut lejn l-awtorita` tal-Qorti.*

*Fit-tieni lok izda, l-esponenti jiddikjaraw minghajr l-ebda riserva li fit-trattazzjoni ta` dan ir-rikors huma lesti li jressqu l-provi kollha sabiex juru ghal darb`ohra ghaliex wara kollox tnehha l-Perit Vassallo minn direttur. Huwa tilef kompletament il-fiducja tad-diretturi l-ohrajn, kellu atteggjament*

*ostruzzjonist fix-xoghol ta` kuljum tal-Bord tad-Diretturi, kien jimblokka x-xoghol tal-Bord, jahdem kontra l-interessi tal-kumpanija, jghaddi informazzjoni lil terzi u jippretendi li jimponi ruhu fuq kull hadd, fost l-ohrajn.*

*Minghajr pregudizzju ghas-sottomissjoni li dawn l-affarijiet diga` gew trattati fuq il-mertu u d-digrieti in kwistjoni jikkostitwixxu stat bejn il-partijiet, l-esponenti jiddikjaraw minn issa li m`ghandhom l-ebda riserva li jidhlu fid-dettall kollu rikjest minnhom fuq dan il-punt jekk ikun hemm bzonn inkluz li jressqu l-provi kollha a sostenn ta` dan jekk ikun rikjest minnhom.*

***<u>Ir-rwol ta` l-esponent intimat Anthony Parlato Trigona fid-diversi socjetajiet</u>***

*Fil-proceduri odjerni, Vassallo jattakka wkoll lill-esponent Parlato Trigona fuq diversi kapijiet li qed jigu trattati separatament :*

*<u>Paga ta` Ingrid Parlato Trigona</u>*

*Ezattament xi jrid jipprova r-rikorrent billi jirrileva li Ingrid Parlato Trigona (mart Anthony) tidher fuq il-payroll tal-kumpanija mhux maghruf. Dan ghaliex wiehed irid jara xi ftehim sar bejn id-diretturi, ghaliex sar hekk, jekk kienx hemm qbil dwar dan u jekk ma kienx hemm kif gie muri d-dissens minn Vassallo. Jekk issir tali analizi mill-ewwel wiehed jinduna li dan l-impjieg kien rizultat ta` ftehim bejn is-socjetajiet Windsor Holdings Limited u Winex Limited dwar it-trasferiment tal-impjegati.*

*F`dan l-istadju, bizzejjed li wiehed jghid bl-aktar mod car li Raymond Vassallo kien addirittura favur dan il-fatt u kif ser johrog fit-trattazzjoni ta` dan ir-rikors* ***kien hu stess li kien jiffirma c-cekkijiet lanjati*** *lill-imsemmija Parlato Trigona. Li llum qed jadduci dan il-fatt li sehh snin ilu bl-approvazzjoni tieghu, bil-firma tieghu u fid-dawl tax-xemx bhala wiehed mill-fatturi li jibnu dan il-famuz `kunflitt ta` interess` huwa semplicement inkredibbli u ma huwa xejn ghajr attentat frivolu u fqir sabiex minghalih jipprova jibni kaz kontra l-esponenti.*

*<u>Konsulat tat-Tajlandja u negozju ta` Carbonaro u Parlato Trigona</u>*

*Din ukoll hija wahda minn dawk ir-ragunijiet kompletament frivoli u bla l-ebda ness logiku li jressaq kull tant u tant Vassallo fit-tentattiv tieghu li jipprova xi forma ta` kunflitt ta` interess. Fl-ewwel lok ta` min jghid bl-aktar mod car li jaghmel x`jaghmel, jahdem x`jahdem u jinnegozja kemm jinnegozja fil-vesti tieghu personali kull direttur jew azzjonist tal-kumpanija mhux affari tar-rikorrent Vassallo sakemm dan ma jkunx qed jarreka dannu lill-kumpanija Regent Holdings Limited.*

*Fit-tieni lok izda, u kif ser jigi ppruvat fit-trattazzjoni ta` dan ir-rikors, mhux talli qatt u fl-ebda cirkostanza l-esponent Parlato Trigona kif ukoll William Carbonaro ma mexxew l-ebda forma ta` negozju kontra l-interessi tal-kumpanija izda talli l-inkosistenzi u t-tahwid ta` Vassallo fuq dan il-punt qeghdin kull ma jmur isir aktar evidenti. F`dan ir-rikors per ezempju qed jaghti x`jifhem illi huwa kien kontra l-ezistenza tal-Konsolat tat-Tajlandja mmexxi minn Carbonaro mentri f`korrispondenza precedenti huwa addirittura talab kumpens ghall-hin li kien iddedika jiddiriegi l-klijenti tal-Konsolat jew jigbor il-vizi tat-Tajlandja.*

*Bhal li kieku bis-setup li bih kienu joperaw Vassallo, Carbonaro, Micallef u Parlato Trigona xi hadd minnhom l-erba` jista` jikkwantifika l-valur ta` kemm-il darba kellem klijenti ta` l-iehor, wiegeb it-telefon tal-iehor jew `hela` hin jghin lill-iehor a detriment tax-xoghol tieghu. Ir-ridikolagni assoluta ta` din it-talba u l-fatt li tressqet quddiem din il-Qorti izda hija certifikat tal-fatt illi verament ma kien qed isir xejn hazin fit-tmexxija tal-kumpaniji ghaliex il-Perit Vassallo b`din l-akkuza huwa verament `scraping the barrel` fit-tentattiv iddisprat li jsib xi haga biex jakkuza lid-diretturi l-ohrajn.*

*Fi kwalunkwe kaz, Vassallo izda tipikament jitfa` allegazzjonijiet vagi u minghajr l-ebda referenza ghal-ligi applikabbli. Mhijiex l-ezistenza tal-operat tal-Konsolat tat-Tajlandja mill-post li trid tigi ppruvata izda li dan l-operat kellu effett hazin fuq il-kumpanija Regent Holdings Limited. Haga li qatt ma pprova u li ma jistax jipprova ghal raguni semplici – ghax qatt ma ezista tali pregudizzju ghall-kumpanija.*

<u>*Traskuragni u multi*</u>

*Ma hemm l-ebda kontestazzjoni dwar il-konstatazzjoni fattwali li l-kumpanija intimata (u skond il-ligi d-diretturi) sofrew multi mill-Malta Financial Services Authority (MFSA). Hemm kontestazzjoni totali izda dwar*

*il-fatt illi issa, konvenjentement Vassallo qieghed jipprova permezz ta` protesti, mandati, ittri, kawzi u kull forma ta` procedura immaginabbli jiddistakka ruhu mir-responsabbilta` ghal dawk il-multi bhal li kieku ma kienx direttur huwa stess daqs l-ohrajn kollha fiz-zmien meta gew inkorsi tali multi.*

*Tul l-inkarigu tieghu stess sad-data tat-tnehhija tieghu minn direttur, il-Perit Vassallo la qatt ma kien aktar jew anqas diligenti mill-esponenti odjerni, la qatt ma kellu aktar jew anqas responsabbilta` ghall-gestjoni tas-socjeta` Regent Holdings Limited u sa fejn jafu sal-lum l-esponenti, huwa agixxa ezattament bl-istess mod tal-esponenti diretturi l-ohrajn kollha.*

*Illi t-talba tal-Perit Vassallo mhu xejn ghajr attentat frivolu u fabbrikat biex juri illi b`xi mod huwa kien id-direttur diligenti mentri d-diretturi l-ohrajn esponenti kienu negligenti jew addirittura abbusivi fil-gestjoni tas-socjeta` u kwindi jipprova jelimina r-responsabbilta` personali tieghu quo direttur ghall-obbligi tal-kumpanija, haga li l-esponenti odjerni kollha jichdu bl-aktar mod qawwi.*

*<u>Tqassim ta` Dividend</u>*

*L-esponenti umilment jissottomettu li anke l-allegazzjoni dwar it-tqassim ta` dividend minghajr ma r-rikorrent qatt ma gie konsultat hija fabbrikazzjoni totali li tista` f`kull hin tigi kontraddetta mix-xhieda guramentata tan-nies prezenti ghal-laqgha tal-Bord tad-Diretturi tal-15 ta` Mejju 2009 li fiha ttiehdet id-decizjoni dwar id-distribuzzjoni ta` dividend li fiha Vassallo kien astjena. Issa huwa mill-aktar ovvju li jekk tkun prezenti f`laqgha tal-Bord tad-Diretturi bhala direttur u tastjeni minn vot dwar distribuzzjoni tad-dividend mhix l-istess haga bhal li tallega li d-decizjoni tkun ittiehdet "minghajr ebda involviment jew konsultazzjoni mill-esponent" li hija dikjarazzjoni kompletament zleali mal-esponenti u ma` din l-Onorabbli Qorti ;*

*Dan kien vot legittimu u ezercizzju legittimu tal-poteri tal-Bord tad-Diretturi.*

*<u>Kirjiet u Paga</u>*

*L-allegazzjonijiet dwar il-kirjiet imsemmija fir-rikors promotur hija mbaghad mizghuda bi zbalji fattwali. Dan ghaliex is-socjeta` Winex ma tikri l-ebda kamra u l-esponent Anthony Parlato Trigona jiehu kumpens tal-ispejjez maghmula minnu ezattament kif miftiehem mill-bord tad-Diretturi. Mhux talli hekk izda talli Raymond Vassallo kien il-persuna l-aktar favur dan l-arrangament mal-esponent Parlato Trigona u kien biss l-intimat William Carbonaro li vvota kontra tali pakkett. L-allegazzjoni dwar il-premessa 5(viii) fir-rikors promotur hija kwindi ghal kollox inveritiera ghaliex Vassallo mhux talli ben konsapevoli ta` kull decizjoni mehuda izda talli kien involut fil-laqgha tal-Bord tad-Diretturi in kwistjoni u li ghaliha kien prezenti u li fiha ha sehem attiv hafna.*

*L-esponent Anthony Parlato Trigona jiddikjara wkoll li anke dwar l-okkupazzjoni tal-fond, Vassallo huwa fattwalment skorrett. Huwa vvaka l-lok in kwistjoni ferm qabel ma gie intavolat ir-rikors odjern ossija f`April 2008.*

***Allegazzjoni ta` Serq ta` flus kontanti***

*L-esponenti jirrilevaw numru punti importantissimi f`din l-akkuza kontenuta fil-premessa numru (xv) tar-rikors promotur li qed tigi bil-qawwa kollha michuda bl-aktar mod kategoriku, ossija :*

*Jezistu dubji serji li l-flus li Vassallo jghid li "sparixxew" minn fuq mejda hadhom l-istess Vassallo ;*

*Naturalment mhu minnu assolutament xejn li "dawn il-flus gew traccjati bhala pagament ghal Alfa Romeo" kif jallega Vassallo. Dan sar biss fl-immaginazzjoni fertili ta` mohh Vassallo ;*

*Dawk il-flus neqsin li probabilment ha l-istess Vassallo spiccaw hallsuhom l-azzjonisti kollha u kwindi se mai l-esponenti odjerni ghandhom ezattament l-istess drittijiet ta` Vassallo ghal rifuzjoni ta` dak l-import soffert*

*u*

*Fuq kollox dan l-incident sehh hmistax-il sena ilu ossija fl-1994. Minn dakinhar u wara li nghalqet kompletament din il-materja l-Perit Vassallo hadem bhala direttur tas-socjetajiet b`mod normalissimu u akwiexxenti ghal hmistax-il sena shah li mhumiex biss fatali ghad-drittijiet tieghu in termini ta` preskrizzjoni izda wkoll ai termini ta` akwiexxenza fir-rwol tieghu ta` direttur.*

***Il-kirja tal-Perit Arkitett Edward Micallef***

*L-esponenti Arkitett Micallef jichdu kategorikament l-allegazzjoni kontenuta fil-punt 5(xviii) tar-rikors promotur dwar somma allegatament dovuta minnu bhala kera lis-socjeta` Windsor Holdings Limited. Dan il-hlas sar. Ma hemm l-ebda somma dovuta kif jista` jigi ppruvat b`mod semplici ghall-ahhar fit-trattazzjoni tal-kawza.*

*Ghal dawn ir-ragunijiet u ghal ragunijiet ohrajn li jistghu jitressqu fit-trattazzjoni ta` din il-kawza, l-esponenti intimati umilment jitolbu sabiex din l-Onorabbli Qorti tichad it-talbiet kollha rikorrenti bl-ispejjez ta` din l-istanza kontra l-istess rikorrenti Vassallo.*

Rat ir-risposta ta` TPT Limited, prezentata fil-<u>21 ta` Ottubru 2009</u> li tghid hekk –

*1. Illi s-socjeta` esponenti TPT Limited mhix il-legittimu kontradittur ta` din il-procedura stante illi t-talbiet u l-pretensjonijiet kollha dedotti fl-att promotur lanqas remotament ma jikkoncernaw affarijiet jew avvenimenti attribwibbli lis-socjeta` esponenti u lanqas l-ebda wahda mill-illazzjonijiet u l-allegazzjonijiet vagissimi tar-rikors promotur mhi indirizzata lil jew tista` tirrispondi ghaliha s-socjeta` esponenti li ghandha ghaldaqstant tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez ta` din l-istanza kontra r-rikorrenti Vassallo ;*

*2. Illi issa li gew dedotti t-talbiet f`dan ir-rikors jirrizulta bl-aktar mod car illi l-inkluzjoni tas-socjeta` esponenti f`dan ir-rikors saret b`mod malizzjuz u vessatorju u dan unikament sabiex jigu akkolti u jinzammu fis-sehh fil-pendenza ta` dawn il-proceduri mandati kawtelatorji ta` sekwestru kontra l-esponenti intizi sabiex jopprimu socjeta` kompletament estranea ghall-fatti bhas-socjeta` esponenti li izda nzertat (kwazi kompletament b`495 sehem minn 500) proprjeta` tal-familja Parlato Trigona ;*

*3. Minghajr pregudizzju ghas-suespost l-illazzjonijiet u l-allegazzjonijiet kollha kontenuti fir-rikors odjern huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk it-talbiet rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti ghaliex is-socjeta` esponenti la qatt ikkawzat danni jew telf patrimonjali lill-esponenti Vassallo, u lanqas qatt agixxiet b`xi mod li remotatament jista` jinghad li kkawza dannu lir-rikorrenti ;*

*4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri fuq il-mertu subordinati ghas-suespost u b`riserva ghal kull rimedju, inkluz rimedju fid-danni, spettanti lis-socjeta` esponenti TPT Limited kontra r-rikorrenti Vassallo.*

Rat ir-risposta ta` Parade Limited prezentata fil-<u>21 ta` Ottubru 2009</u> li tghid hekk –

*1. Illi s-socjeta` esponenti Parade Limited hija azzjonista fl-import azzjonarju ta` 50% tal-ishma tas-socjeta` Windsor Holdings Limited u mhix la azzjonista u lanqas b`xi mod konnessa mas-socjetajiet l-intimati l-ohrajn kollha Winex Holdings Limited, Regent Holdings Limited, WCO Limited u Parade Limited;*

*2. Illi ghaldaqstant (minkejja l-mod konfuz li bih ir-rikors promotur jitlob rimedji diversi kontra socjetajiet u entitajiet differenti fil-kuntest ta` socjetajiet differenti minghajr ma jispecifika x`qed jintalab u minn ghand min), huwa evidenti illi kull ma jista` qed jintalab mis-socjeta` esponenti Parade Limited huwa biss u esklussivament jew (a) fil-kuntest tat-tmexxija u l-gestjoni ta` Windsor Holdings Limited (C-11422) li taghha hija azzjonista jew (b) fil-gestjoni taghha nfisha f`liema kaz hija tirrimetti ruhha lil din il-Qorti u se mai ghall-allegazzjonijiet tar-rikorrenti jridu jwiegbu ghalihom id-diretturi u/jew l-azzjonisti l-ohrajn ;*

*3. Illi una volta stabbilit li r-rimedju mitlub minn Parade Limited, jekk qed jintalab tali rimedju, jikkoncerna naturalment biss il-gestjoni tas-socjeta` Windsor Holdings Limited, ir-rikors promotur ghandu jigi michud bl-ispejjez kontra r-rikorrenti in kwantu huwa rritwali ghaliex il-proceduri intavolati mir-rikorrenti ma jispettawx lilhom skond il-ligi ghal dawn ir-ragunijiet :*

*Illi r-rikors promotur huwa "talba a tenur tal-Artikolu 402 tal-Companies Act" ossija talba ghall-protezzjoni ta` azzjonisti kontra allegat pregudizzju mhux gust. Issa huwa fatt assodat fil-ligi u fid-dottrina illi d-dritt li tigi proposta tali azzjoni jispetta biss lil "kull <u>membru</u> ta` kumpanija" u skond l-istess organigramm provdut mar-rikors promotur ir-rikorrenti Vassallo ex admissis mhumiex "membri" tas-socjeta` intimata esponenti Windsor Holdings Limited u kwindi ma jispettax lilhom ir-rimedju vantat taht l-Artikolu 402 ;*

*Illi l-Artikolu 2(1) tal-Kap. 386 jiddefinixxi `membru` b`mod tassattiv bhala azzjonista ta` kumpannija u socju f`kull socjeta` kummercjali ohra ;*

*Illi a skans ta` kull ekwivoku l-fatt illi r-rikorrenti mhumiex membri ossija azzjonisti tas-socjeta` esponenti jirrizulta bl-aktar mod car minn semplici estratt mir-Registru tal-Kumpaniji fi hdan l-MFSA (hawn anness u mmarkat WHL 1) ;*

*Minghajr pregudizzju ghas-suespost l-illazzjonijiet u l-allegazzjonijiet kollha kontenuti fir-rikors odjern huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk it-talbiet rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti ghaliex is-socjeta` esponenti la qatt ikkawzat danni jew telf patrimonjali lill-esponenti Vassallo, u lanqas qatt agixxiet b`xi mod li remotatament jista` jinghad li kkawza dannu lir-rikorrenti.*

*4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri fuq il-mertu subordinati ghas-suespost u b`riserva ghal kull rimedju, inkluz rimedju fid-danni, spettanti lis-socjeta` esponenti Parade Limited kontra r-rikorrenti Vassallo.*

Rat ir-risposta ta` Windsor Holdings Limited prezentata fil-<u>5 ta` Novembru 2009</u> li tghid hekk –

*1. Illi r-rikors promotur ghandu jigi michud bl-ispejjez kontra r-rikorrenti in kwantu huwa irritwali ghaliex il-proceduri intavolati mir-rikorrenti ma jispettawx lilhom skond il-ligi ;*

*2. Illi r-rikors promotur huwa "talba a tenur tal-Artikolu 402 tal-Companies Act" ossija talba ghall-protezzjoni ta` azzjonisti kontra allegat pregudizzju mhux gust. Issa huwa fatt assodat fil-ligi u fid-dottrina illi d-dritt li tigi proposta tali azzjoni jispetta biss lil "kull <u>membru</u> ta` kumpanija" u skond l-istess organigramm provdut mar-rikors promotur ir-rikorrenti Vassallo ex admissis mhumiex "membri" tas-socjeta` intimata esponenti Windsor Holdings Limited u kwindi ma jispettax lilhom ir-rimedju vantat taht l-Artikolu 402 ;*

*3. Illi l-Artikolu 2(1) tal-Kap. 386 jiddefinixxi `membru` b`mod tassattiv bhala azzjonista ta` kumpannija u socju f`kull socjeta` kummercjali ohra ;*

*4. Illi a skans ta` kull ekwivoku l-fatt illi r-rikorrenti mhumiex membri ossija azzjonisti tas-socjeta` esponenti jirrizulta bl-aktar mod car minn semplici estratt mir-Registru tal-Kumpaniji fi hdan l-MFSA (hawn anness u mmarkat WHL 1) ;*

*5. Minghajr pregudizzju ghas-suespost l-illazzjonijiet u l-allegazzjonijiet kollha kontenuti fir-rikors odjern huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk it-talbiet rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti ;*

*6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri fuq il-mertu subordinati ghas-suespost u b`riserva ghal kull rimedju, inkluz rimedju fid-danni, spettanti lis-socjeta` esponenti Windsor Holdings Limited kontra r-rikorrenti Vassallo.*

Rat id-dokument li kien esebit flimkien mar-risposta ta` Windsor Holdings Limited.

Rat ir-risposta tas-socjetajiet Winex Holdings Limited u Regent Holdings Limited prezentata fil-<u>5 ta` Novembru 2009</u> li tghid hekk –

*Illi r-rikorrenti Perit Arkitett Raymond Vassallo huwa azzjonist minoritarju fis-socjeta` esponenti Winex Holdings Limited fl-ammont ta` elfejn (2,000) sehem minn total ta` erba` mitt elf sehem (400,000) ossija detentur ta` 0.05% tal-azzjonijiet ordinarji ;*

*Illi r-rikorrent Perit Arkitett Raymond Vassallo huwa wkoll azzjonist minoritarju fis-socjeta` esponenti Regent Holdings Limited (C-21410) fl-ammont ta` mija u hamsa u ghoxrin sehem (125) minn total ta` hames mitt sehem ossija detentur ta` 25% fil-mija tal-azzjonijiet ordinarji ;*

*Illi huwa car u evidenti li l-pern ta` din il-procedura odjerna hija l-vertenza bejn l-azzjonist Vassallo u d-diretturi / azzjonisti l-ohrajn tas-socjetajiet esponenti ai termini tal-Artikolu 402 tal-Kap. 386 dwar il-gestjoni tas-socjetajiet intimati esponenti ;*

*Illi s-socjetajiet esponenti ghalhekk ghandhom interess biss fl-ezitu ta` dawn il-proceduri in kwantu jekk, ghall-argument, l-allegazzjonijiet kontenuti fir-rikors promotur jigu ppruvati, ikunu s-socjetajiet intimati esponenti li*

*jkunu sofrew id-dannu vantat u li ghalhekk ikunu jridu jircievu kwanlunkwe kumpens likwidat u mhux ir-rikorrenti odjerni. In principju l-ebda wahda mit-talbiet rikorrenti ma hija indirizzata kontra s-socjetajiet esponenti ghaliex is-socjetajiet esponenti nfushom la qatt ikkagunaw l-ebda dannu u ghandhom kull interess li jitmexxew skond il-ligi ;*

*Illi fi kwalunkwe kaz talbiet rikorrenti huma insosenibbli fil-fatt u fid-dritt fil-konfront tas-socjetajiet intimati u ghandhom jigu michuda kif ser jigi ppruvat fit-trattazzjoni ta` dan ir-rikors ;*

*Illi l-ispejjez ta` din l-istanza ghandhom f`kull kaz jigu rizarcitati lis-socjetajiet esponenti li huma kompletament estraneji ghat-talbiet rikorrenti ;*

*Ghaldaqstant, is-socjetajiet esponenti filwaqt li jirriserva li jirregolaw il-pozizzjoni taghhom ulterjorment f`dawn il-proceduri, jitolbu li din l-Onorabbli Qorti tilliberahom mill-osservanza tal-gudizzju in kwantu t-talbiet rikorrenti huma insostenibbli fil-fatt u fid-dritt fil-konfront taghhom bl-ispejjez ta` din l-istanza kontra l-istess rikorrenti.*

Semghet ix-xiehda u rat il-provi l-ohra li tressqu fil-kors tal-kawza.

Rat id-digrieti kollha li tat fil-kors tal-kawza.

**Rat il-provvediment li tat fit-<u>30 ta` Settembru 2010</u> fejn (i) laqghet it-tielet eccezzjoni tal-intimata Parade Limited u cahdet it-talbiet attrici hekk kif dedotti kontra taghha – <u>spejjez ghar-rikorrenti</u> ; (ii) laqghet l-ewwel tlett eccezzjonijiet ta` Windsor Holdings Limited u cahdet it-talbiet tar-rikorrenti hekk kif dedotti kontra taghha – <u>spejjez ghar-rikorrenti</u> ; u (iii) cahdet l-ewwel u t-tieni eccezzjonijiet preliminari tal-konjugi Carbonaro, konjugi Parlato Trigona u tal-konjugi Micallef, <u>bl-ispejjez jibqghu riservati ghall-gudizzju finali.</u>**

**Rat il-provvediment li tat il-Qorti tal-Appell fl-<u>24 ta` Gunju 2011</u>, wara li sar appell mill-provvediment taghha tat-30 ta` Settembru 2010. Il-Qorti tal-Appell ikkonfermat dak li kienet ipprovdiet din il-Qorti hlief fil-parti fejn din il-Qorti laqghet it-tielet eccezzjoni ta` Parade Limited. <u>Dwar l-ispejjez kien deciz illi l-ispejjez tal-appell intavolat mir-rikorrenti tal-kawza tal-lum kellhom</u>**

**jinqasmu ndaqs bejn l-istess rikorrenti u Parade Limited, mentri fil-kaz tal-appelli l-ohra, kull parti kellha tbati l-ispejjez taghha.**

**Rat il-provediment li tat fl-10 ta` Jannar 2012 fejn (i) laqghet l-ewwel eccezzjoni ta` TPT Limited u lliberat lill-istess mill-osservanza tal-gudizzju, spejjez ghar-rikorrenti ; (ii) astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni u tielet eccezzjoni ta` TPT Limited ; u (iii) laqghet l-ewwel u t-tieni eccezzjoni ta` WCO Limited u lliberat lill-istess mill-osservanza tal-gudizzju, spejjez ghar-rikorrenti.**

Rat in-noti ta` osservazzjonijiet tal-partijiet.

Semghet l-ahhar sottomissjonijiet li saru fl-udjenza tal-14 ta` Mejju 2015.

Rat id-digriet li tat fl-istess udjenza fejn halliet il-kawza ghas-sentenza dwar il-mertu.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

## II. Il-*locus standi* tar-rikorrenti

Tajjeb jinghad illi r-rikorrent mexxa bl-azzjoni tal-lum bhala azzjonista u/jew direttur ta` Parade Limited, ta` Regent Holdings Limited u ta` Winex Holdings Limited.

Ma tirrizulta l-ebda nullita` fil-procedura adoperata.

Fis-sentenza li tat din il-Qorti (**PA/SM**) fit-8 ta` Jannar 2015 fil-kawza "**Oreste Cilia vs Daniel Cilia et noe**" inghad :-

*Illi kif irriteniet il-Prim` Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet "Mixkuka Limited vs George Mangion proprio et nomine" datata l-24 t`April, 2003 :*

*'Id-dikjarazzjoni ta` nullita` tal-atti gudizzjarji hi sanzjoni radikali li ghandha tintuza eccezzjonalment biss u meta ma jistax isir mod iehor. Jekk l-*

*ebda kawzali jew l-ebda talba fic-citazzjoni ma jidher li taghmel stat fil-konfront ta` wiehed mill-konvenuti jezisti rimedju procedurali li mhux t-thassir tal-att gudizzjarju, ossia billi jinheles milli jibqa` fil-kawza bla ma l-att jithassar. In-nuqqas ta` tharis formali, ghalhekk, ma jkunx nissel fil-parti eccipjenti pregudizzju li ma jistax jitnehha jekk mhux bid-dikjarazzjoni li l-att gudizzjarju ma jiswiex' ;*

*Illi in vista tal-istess, il-procedura adoperta mir-rikorrenti ma tistax tigi meqjusa nulla … kif qed jintalab mill-intimati."*

Hija l-fehma meqjusa ta` din il-Qorti illi l-fatt li r-rikorrent agixxa kemm fil-vesti tieghu ta` azzjonist kif ukoll bhala direttur ta` uhud mis-socjetajiet involuti ma jrendix nulla l-procedura, stante li dak li huwa ta` sostanza fi procediment ta` din ix-xorta huwa li l-azzjoni tkun istitwita *membru* tal-kumpanniji involuti.

Ghalhekk ladarba r-rikorrent huwa azzjonista ta` Parade Limited, Winex Holdings Limited u Regent Holdings Limited, allura ghandu *locus standi.*

## <u>III. L-istatus ta` Windsor Holdings Limited</u>

Dwar Windsor Holdings Limited (minn issa `l quddiem tissejjah "**<u>Windsor</u>**") diga` nghata provvediment car fis-sens illi t-talbiet attrici huma michuda ghal dak li ghandu x` jaqsam ma` din is-socjeta`.

Fin-nota ta` osservazzjonijiet taghhom, ir-rikorrenti jesprimu t-tama li ghad baqa` il-bieb imbexxaq biex il-posizzjoni ta` Windsor titqies fil-kawza prezenti fl-ahjar interess tal-gustizzja.

Din il-Qorti diga` tkellmet car illi ghax din tal-lum hija kawza skont l-Art 402 tal-Kap 386 ma setghetx issir kontra Windsor.

Irrizulta ppruvat illi fil-kawza tal-lum hadd mill-membri ta` Windsor ma mexxa mar-rikorrenti.

## IV. <u>L-istatus ta` Mariella Vassallo</u>

Dwar il-*locus standi* tar-rikorrenti Mariella Vassallo, jirrizulta din ipprezentat ir-rikors tal-lum ma` zewgha ghal kull interess li jista` jkollha kif ukoll bhala direttrici ta` Windsor.

Kif diga` nghad, dwar il-kwistjoni ta` Windsor, il-Qorti diga` ppronunzjat ruhha fis-sens illi ladarba ma rrizultax li z-zewg rikorrenti huma membri ta` Windsor, huma kienu prekluzi milli jistitwixxu azzjoni skont l-Art 402 tal-Kap 386.

Mhux l-istess jista` jinghad dwar Mariella Vassallo fil-kuntest tas-socjetajiet Parade Limited (minn issa `l quddiem tissejjah "**Parade**"), Regent Holdings Limited (minn issa `l quddiem tissejjah "**Regent**") u Winex Holdings Limited (minn issa `l quddiem tissejjah "Winex").

In linea mal-provvediment ta` din il-Qorti tat-28 ta` Gunju 2012 fil-kawza "**Michael Debono noe et vs Mario Debono pro et noe**", ladarba l-ishma ta` r-rikorrent kienu jaghmlu parti mill-komunjoni tal-akkwisti illi kellu ma` martu r-rikorrenti l-ohra, dawn kienu tat-tnejn *jointly* u ghalhekk ghall-fini tal-Kap.386 kienu meqjusa bhala entita` wahda, b`dana illi ma kienx necessarju li l-isem ta` Mariella Vassallo jigi mnizzel fir-registru tal-membri sabiex tigi kkunsidrata wkoll bhala membru tal-kumpaniji involuti.

Fil-provvediment citat inghad hekk :-

*"Hija l-fehma ta` din il-Qorti illi fil-kaz tar-rikorrenti Mary Saliba ssir rilevanti r-riferenza ghall-frazi "includes" tas-subinciz (6) tal-Art.402 tal-ligi taghna. L-uzu tal-frazi "includes" minflok il-frazi "means" mhijiex intiza sabiex tiftah il-bieb berah ghal kulhadd illi jittenta l-azzjoni fuq il-pretest illi l-frazi "includes" ma taghtix l-idea ta` "an exhaustive provision of law". Hija pero` intiza sabiex ma teskludi lil hadd minn dawk il-persuni li ghandhom jedd jipprocedu izda li b`interpretazzjoni stretta u distakkata ta` member u shareholder fis-subinciz (1) tal-Art.2 kienu jibqghu barra. Certament ma kienx dak ir-ratio legis fejn si tratta tal-Art.402.*

*Ir-rikorrenti Mary Saliba hija propju wahda minn dawn il-persuni li jaqghu taht il-kappa tal-frazi "includes".*

*Fis-sottomissjonijiet finali taghhom, ir-rikorrenti ghamlu riferenza ghall-Art.123(2) tal-Kap.,386 li jaqra hekk –*

*Where two or more persons hold one or more shares in a company jointly, they shall, for the purposes of this Act, be treated as a single member ; and, unless otherwise provided in the memorandum or articles, the name of only one of such persons shall be entered in the register of members. Such person shall be elected by the joint holders and shall for all intents and purposes be deemed vis-à-vis the company to be the member of the company in respect of all the shares so held.*

*Din il-Qorti tghid illi din id-disposizzjoni tghodd ghall-konjugi fejn wahda minnhom tkun registrata bhala azzjonista. Mhux kontestat fil-kaz tal-lum illi l-ishma fiz-zewg kumpanniji kienu registrati f`isem Joseph Saliba. Mhuwiex kontestat illi dawk l-ishma kienu jaghmlu parti mill-komunjoni tal-akkwisti illi kellu ma` martu r-rikorrenti Mary Saliba. Lanqas ma huwa kontestat illi ladarba dawk l-ishma kienu jaghmlu parti mill-komunjoni tal-akkwisti ta` bejn il-konjugi Saliba, huma kienu taghhom it-tnejn jointly u ghalhekk ghall-fini tal-Kap.386 kienu meqjusa bhala entita` wahda. Mal-mewt ta` Joseph Saliba u allura max-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti Mary Saliba illi diga` kienet member ope legis baqghet member ghar-rigward tan-nofs taghha de proprio ta` dawk l-ishma. Ghalhekk certament ghall-fini tal-Art.402 Mary Saliba kienet kompriza fil-frazi "includes" u ma kellhiex il-htiega illi sabiex tipprocedi bl-azzjoni skond l-Art.402 tkun inserita fir-registru tal-membri."*

Ghalhekk Mariella Vassallo ghandha *locus standi* biex tipprocedi flimkien ma` zewgha Perit Vassallo b` talba skont l-Art 402 tal-Kap 386 fir-rigward ta` Parade, Winex u Regent.

## V. <u>Osservazzjonijiet ohra</u>

Il-Qorti trid taghmel car il-punt illi kuntrarjament ghal dak li kien rilevat fin-nota ta` l-osservazzjonijiet tar-rikorrenti, hija sejra tqis dawk il-provi li tressqu quddiemha waqt din il-procedura u mhjiex sejra tirreferi ghal provi ohra li tressqu quddiemha fi proceduri ohra.

Inoltre l-Qorti terga` wkoll tinnota li ladarba inghata digriet ta` sfilz fis-27 ta` Marzu 2015, kwalunkwe referenza fin-nota ta` l-osservazzjonijiet tar-rikorrenti ghal xi dokumenti li gew sfilzati, sejra tkun skartata wkoll.

## VI. <u>L-Art 402 tal-Kap 386</u>

L-azzjoni tar-rikorrenti hi bazata fuq l-Art 402 tal-Kap 386. Il-Qorti sejra tirreferi ghas-subartikoli ta` dan l-artikolu li huma rilevanti ghall-kawza tal-lum :-

*(1) Kull membru ta` kumpannija li jilmenta li l-affarijiet tal-kumpannija jkunu tmexxew jew qed jitmexxew jew aktarx jitmexxew b`mod li, jew li xi att jew ommissjoni tal-kumpannija kienu jew huma jew x`aktarx se jkunu, oppressivi b`mod mhux gust diskriminatorji kontra, jew b`mod mhux gust ta` pregudizzju, ghal membru jew membri jew b`mod li jkunu kontra l-interessi tal-membri in generali, jista` jaghmel rikors lill-qorti ghal ordni taht dan l-artikolu.*

…

*(3) Jekk dwar rikors maghmul skond is-subartikolu (1) il-qorti tkun tal-fehma li l-ilment ikun bazat sewwa u li jkun gust u ekwu li hekk taghmel, il-qorti tista` taghmel ordni taht dawk il-kondizzjonijiet li jidhrilha xierqa –*

*(a) li jirregola t-tmexxija ta` l-affarijiet tal-kumpannija fil-futur ; jew*

*(b) jirrestringi jew jipprojbixxi l-ghemil ta` xi att propost ; jew*

*(c) jehtieg lill-kumpannija li taghmel xi att li r-rikorrent ikun ilmenta li kienet naqset li taghmel ; jew*

*(d) jipprovdi ghax-xiri ta` l-azzjonijiet ta` xi membri tal-kumpannija minn membri ohra tal-kumpannija jew mill-kumpannija nnifisha u, f`kaz ta` xiri mill-kumpannija, ghat-tnaqqis li jkun mehtieg fil-kapital azzjonarju mahrug tal-kumpannija ; jew*

*(e) jordna lill-kumpannija li tibda, tiddefendi, tkompli jew ma tkomplix procedimenti tal-qorti, jew jawtorizza lil membru jew membri tal-kumpannija li jibdew, jiddefendu, ikomplu jew ma jkomplux procedimenti talqorti f`isem u ghan-nom tal-kumpannija ; jew*

*(f) jipprovdi ghall-hlas ta` kumpens minn dik il-persuna li tista` tkun instabet responsabbli mill-qorti ghal telf jew danni li jkunu ggarrbu minhabba att jew nuqqas li dwaru jkun sar ilment lill-persuna li tkun garrbet dak it-telf jew danni ; jew*

*(g) ixolji l-kumpannija u jipprovdi ghall-istralc konsegwenzjali taghha.*

*(4) Meta jsir ordni ghax-xoljiment ta` kumpannija skond is-subartikolu (3)(g), il-kumpannija ghandha titqies li tkun xoljiet fid-data meta*

*jkun sar l-ordni u d-disposizzjonijiet tas-Sub-Titoli I u III tat-Titolu II tat-Taqsima V ta` dan l-Att li jirregolaw l-istralc ta` kumpanniji ghandhom japplikaw.*

*(5) Ordni maghmul taht dan l-artikolu jista` jehtieg lil kumpannija biex ma taghmilx xi emenda, jew li taghmel emenda mehtiega, fil-memorandum jew fl-istatut taghha.*

Fil-pag 970 ta` **Principles of Maltese Company Law** (MUP -2007) Andrew Muscat jitfa` fuq ir-rikorrenti l-piz tal-prova li l-att jew omissjoni jaqa` fl-ambitu tas-subartikolu (1) tal-Art 402 billi jghid –

*This wording (tal-subartikolu 1) clearly suggests that the member need only prove one effect of the conduct, act or omission, that is, that such conduct, act or omission, has been, is or is likely to be "oppressive" or "unfairly discriminatory" or "unfairly prejudicial" (to a member or members) or contrary to interests (of the members as a whole).*

Sabiex il-Qorti taghti ordni skont kif previst fis-subartikoli (3) (4) u (5) ta` l-Art.402, hija tassattiva l-prova tal-att li minnu qeghdin jilmentaw ir-rikorrenti. Fis-sentenza li ta` din il-Qorti (PA/GV) tat-30 ta` Jannar 2008 fil-kawza "**Cutajar pro et noe et vs S.C. & Company Limited et**" inghad hekk –

*Illi l-prova biex tirnexxi dina l-azzjoni tispetta lir-rikorrenti li ressqu dina l-azzjoni. Huma jridu jippruvaw li (a) l-affarijiet tal-kumpanija jkunu tmexxew jew qed jitmexxew jew aktarx jitmexxew b`mod li (b) jew li xi att jew ommissjoni tal-kumpannija kienu jew huma jew x`aktarx se jkunu, oppressivi b`mod mhux gust diskriminatorji kontra, jew b`mod mhux gust ta` pregudizzju, ghal membru jew membri jew b`mod li jkunu kontra l-interessi tal-membri in generali.*

Fis-sentenza li tat il-Qorti ta` Ghawdex (Gurisdizzjoni Superjuri) **[AE]** fl-4 ta` Frar 2009 fil-kawza "**Ellis vs Ellis**" hekk kif ikkonfermata mill-Qorti ta` l-Appell fis-sentenza taghha ta` 3 ta` Novembru 2009 inghad hekk –

*Jibda biex jinghad li dan il-provvediment jista` jigi nvokat mill-membri kollha, u mhux biss minn membri minoritarji u m`hemmx dubju li d-diskrezzjoni u l-poteri moghtija lill-qorti f`dan il-kuntest huma wesghin.*

*Minn dan il-provvediment hu evidenti li :*

*(a) Dan il-provvediment japplika wkoll f`kaz ta` att jew ommissjoni izolata ;*

*(b) Ir-rimedju jista` jinghata kemm ghal dak li jkun gara fil-passat u wkoll xi att propost li jsir fil-futur ;*

*(c) L-ilment jrid ikun fuq it-tmexxija tal-affarijiet talkumpannija jew fuq att jew ommissjoni tal-kumpannija.*

Il-ligi taghna ma taghtix tifsira ta` x`inhu oppressiv b`mod mhux gust diskriminatorji kontra, jew b`mod mhux gust ta` pregudizzju.

Ghalhekk kull kaz irid jigi trattat u deciz fuq il-mertu tieghu proprju.

L-iskop tal-ligi hu biex il-Qorti tkun tista` tintervjeni f`dawk il-kazijiet fejn hemm bzonn li jinghata rimedju minhabba *unfair dealing* fejn jigi pruvat li kien hemm azzjonijiet jew ommissjonijiet li ma kienux gusti u li kienu ta` pregudizzju jew li l-affarijiet tal-kumpanija mhux qed jitmexxew sew.

Jekk abbazi tal-provi akkwiziti l-Qorti tkun sodisfatta li jirrizulta dak previst fis-subartikolu (1), allura tghaddi mbaghad biex taghti l-ordni skond is-subartikoli l-ohra. Jekk il-prova tkun insodisfacjenti, allura l-Qorti ma ghandhiex tapplika dak previst mis-subartikoli l-ohra.

Fis-sentenza li tat fid-9 ta` Marzu 2007 fil-kawza "**Vella et vs Vella Brothers Ltd et**", il-Qorti tal-Appell qalet hekk –

*L-Artikolu 402 ta` l-Att dwar il-Kumpaniji jaghti diskrezzjoni pjuttost wiesa` lill-Qrati u dan ghaliex dawn il-provvedimenti ghandhom l-ghan li jissalvagwardjaw u jipprotegu lill-azzjonisti ta` socjeta` kummercjali, partikolarment lil dawk li huma minoritarji u li ghalhekk qeghdin fl-impossibilita` li jirregolaw il-mod li bih tkun qed titmexxa s-socjeta` li fiha huma jkollhom interess.*

*Din id-disposizzjoni, li hija bbazata fuq l- Art.459 tal-Companies Act (1985) Ingliza, hija ispirata fuq principji ta` ekwita` aktar milli minn drittijiet strettament legalistici biex ikun jista` jigi moghti rimedju. Dak li hu necessarju hu li l-azzjonista jipprova li minhabba l-gestjoni tas-socjeta` partikolari hu qed isofri, jew ukoll jista` jsofri, pregudizzju ta` natura oppressiva, ingusta jew diskriminatorja. Tali gestjoni tista` tirreferi sempliciment ghal xi att specifiku jew xi ommissjoni tal-kumpanija. Il-*

*pregudizzju jista` jirreferi ghall-azzjonist li qed jippromwovi l-proceduri, ghal xi azzjonist iehor jew ghall-interess in generali ta` l-azzjonisti. Ma hemmx ghalfejn li huwa jipprova li huwa zgur ser isofri xi pregudizzju fil-futur. Tali prova tista` ssir fuq bazi ragjonevoli ta` possibilita` ("Vincent Monreal et v. Lino Delia noe" deciza mill-Prim`Awla tal-Qorti Civili fit-13 ta` Mejju, 1999). Infatti gie deciz mill-Qrati Inglizi fil-kawza in re Bovey Hotel Ventures Ltd [(1983) B.C.L.C. 290] li `the Court will not give a list of situations when this remedy may be resorted to however one principle remains clear. A shareholder may make use of this article when his shareholding in the company has been seriously diminished at least seriously jeopardized by reason of a course of conduct or the part of those who have the de facto control of the company, which has been unfair to the member concerned".*

*Fid-decizjoni O`Neill v Phillips moghtija mill- House of Lords fl-20 ta` Mejju 1999, gie ritenut illi l-legislatur ried illi biex jinghata rimedju taht l-artikolu jigi kkunsidrat il-kriterju ta` dak li huwa `fair`. Izda Lord Hoffman izid ighid li - "Although fairness is a notion which can be applied to all kinds of activities, its content will depend upon the context in which it is being used … The requirement that prejudice must be suffered as a member should not be too narrowly or technically construed.*

Fil-provvediment li nghata fil-31 ta` Mejju 2006 fil-kawza "**Ivor John Zammit vs Bank of Valletta plc**" inghad :

*L-Att dwar il-Kumpanniji ma jaghtix definizzjoni tal-kriterji ta` "oppressjoni b`mod mhux gust", "Diskriminazzjoni" u "mod mhux gust ta` pregudizzju". Ghalhekk il-Qorti trid tirreferi ghal awtoritajiet legali Inglizi sabiex ikun jista` jiftiehem ahjar xi trid tfisser il-ligi. Jekk xi wiehed jew izjed minn dawn il-kriterji jissussistu jkun jista` jinghad li membru jew membri ta` kumpannija jkunu sofrew `unfair prejudice` liema terminu jinkludi fih il-kriterji kollha stabbiliti f`artikolu 402 ta` l-Att.*

Fis-sentenza "**Bovey Hotel Ventures Ltd**" li kienet citata fis-sentenza ta` "**Vella vs Vella**" (op. cit.) kien inghad hekk –

*The test of unfairness must, I think, be an objective, not a subjective one. In other words it is not necessary for the petitioner to show that the persons who have had the de facto control of the company have acted as they did in the conscious knowledge that this was unfair to the petitioner or that they were acting in bad faith ; the test, I think, is whether a reasonable bystander observing the consequences of their conduct, would regard it as having unfairly prejudiced the petitioner`s interests.*

Fis-sentenza "**Monreal et vs Delia noe**" li kienet citata wkoll fis-sentenza ta` "**Vella vs Vella**" (op. cit.) inghad hekk –

*Dawn il-provedimenti huma ta` salvagwardja u ta` protezzjoni ghall-azzjonisti ta` socjeta` kummercjali, b`mod partikolari ghal dawk li huma minoritarji. Ir-rimedji li johorgu minn dawn il-provedimenti huma moghtija lil kull azzjonist ta` socjeta` kummercjali. Kull azzjonist, anke jekk hu minoritarju, ta` socjeta` kummercjali, anke jekk hi pubblika, jista` jitlob li jinghataw l-ordnijiet kollha necessarji u opportuni, f`kaz li jirnexxielu jipprova illi minhabba l-gestjoni tal-istess socjeta` huwa qed isofri jew ukoll jista` jsofri xi pregudizzju ta` natura oppressiva, ingusta jew diskriminatorja. Tali gestjoni tista` tirreferi semplicement ghal xi att specifiku jew xi ommissjoni tal-kumpanija.*

*Il-pregudizzju jista` jirreferi ghall-azzjonist li qed jippromuovi l-proceduri, ghal xi azzjonist iehor jew ghall-interessi in generali tal-azzjonisti. In vista ta` dan kollu jista` jinghad li hu bizzejjed li l-azzjonista jipprova li huwa qed isofri jew eventwalment jista` jsofri xi pregudizzju minhabba xi agir tas-socjeta` li taghha huwa jippossjedi xi ishma. Ma hemmx ghalfejn li huwa jipprova li huwa zgur li ser isofri xi pregudizzju fil-futur. Tali prova tista` ssir fuq bazi ragjonevoli ta` probabbilita`. Inoltre, skond dak li hemm provdut fis-subartikolu (3) tal-istess artikolu 402, il-Qorti tista` tipprocedi biex taghmel kull ordni necessarja u opportuna skond dawn il-provedimenti, jekk jirrizulta li l-ilment tal-azzjonista hu sewwa bbazat u jekk il-Qorti thoss li huwa ekwu u gust li taghmel.*

Fis-sentenza "**Ellul vs Ellul pro et noe**" deciza fil-31 ta` Jannar 2003, il-Qorti tal-Appell qalet hekk –

*… Fil-ligi Ingliza (ara Art 459 tal-Companies Act, 1985) jinstab rimedju simili li hu maghruf bhala "The Unfair Prejudice Remedy". Il-Qorti ta` l-Appell Ingliza stabbiliet fil-kaz "in Re Saul D. Harrison & Sons plc ([1995]) 1BCLC 14)" il-linji ta` gwida dwar kif kellu jkun loperat biex ikun jista` jigi kkwalifikat bhala, "unfairly prejudicial" (fit-test tal-Ligi Maltija din il-frazi hi tradotta "b`mod mhux gust ta` pregudizzju"). Wiehed kellu, flewwel lok, jara jekk dak l-operat kienx jew le skond l-istatut tal-kumpanija. Izda fl-applikazzjoni tal-imsemmija dispozizzjoni – ispirata fuq principji ta` ekwita` aktar milli minn drittijiet strettament legali – il-Qorti tiehu in konsiderazzjoni l-aspettattivi legittimi ("legitimate expectations") li r-rikorrent jista` jkollu u li sikwiet ikunu ferm aktar wiesgha mid-drittijiet strettament legali lijohorgu mill-istatut ta-ssocjeta`. Dawn l-aspettativi legittimi jitwieldu minn xi relazzjonijiet personali partikolari bejn l-azzjonisti.*

*Fil-kaz Ebrahimi vs Westbourne Galleries Ltd. ([1973] AC 360) Lord Wilberforce elenka numru ta` sitwazzjonijiet fejn dan ir-rimedju jista`*

*jinghata, sitwazzjonijiet dawn li x`aktarx jinstabu f` kumpaniji zghar privati li ta` sikwiet jissejhu "quasi partnerhsips", fosthom is-segwenti :-*

*"(i) an association formed or continued on the basis of a personal relationship, involving mutual confidence – this element will often be found where a pre-existing partnership has been converted into a limited company*

*(ii) an agreement, or understanding, that all, or some (for there may be "sleeping members") of the shareholders shall participate in the conduct of the business ;*

*(iii) restriction upon the transfer of the members` interest in the company – so that if confidence is lost, or one member is removed from management, he cannot take out his stake and go elsewhere".*

Fil-pag 464 tat-Tielet Edizzjoni tal-**Ferrar`s Company Law** jinghad illi :-

*A member`s interests are not necessarily limited, therefore, to his strict legal rights under the Articles and the Companies` Act but can extend also to legitimate expectations as to the conduct of the company`s affairs arising from the nature of the company and the agreements and understandings between the parties …*

*The position will vary greatly from the small private companies, commonly called quasi-partnerships, to public companies of considerable size. As a quasipartnership, the company will usually have been formed or continued on the basis of a personal relationship involving mutual confidence. There may be an agreement or understanding that all or some of the shareholders are to participate in the conduct of the business. Restrictions on the transfer of shares will be the rule rather than the exception. The individuals involved may also have made relatively substantial capital contributions to the company. Shareholders in such companies will be a small close-knit group, actively involved in many instances in the daytoday operations and financially and personally committed to the company. Here the scope for legitimate expectations beyond their strict legal rights is obviously greatest.*

*However, as Lord Wilberforce stressed in Ebrahimi v Westbourne Galleries Ltd, the case for giving effect to equitable considerations must be made in each instance and it is not sufficient simply to assert that the company is small or private, for in many cases the basis of the relationship will be adequately and exhaustively laid down in the articles. If it is so defined by the articles or, for example, by the articles supplemented by a*

*shareholders` agreement, then there is little room for finding further legitimate expectations beyond those outlined in the documents.*

*The interests of shareholders in larger private and public companies, on the other hand, are likely to be quite different from those of shareholders in quasi-partnerships and considerably more restricted. In these larger companies there is usually no underlying personal relationship, employment is rarely an issue and the shareholders are more interested in such matters as dividend yield and capital appreciation than involvement in the day-to-day running of the company. If they become dissatisfied, especially if it is a public company, they can sell their shares and withdraw from the company. Here the members rarely have expectations beyond their strict legal rights as provided by the articles.*

*That is not to say that s.459 does not apply to larger private companies and public companies for the section is clearly not limited to quasi-partnerships. The point is that it may be harder to establish conduct which is unfairly prejudicial to the interests of the members in such companies.*

Fil-pag 409 tal-Hames Edizzjoni ta` "**Cases and Materials on Company Law**" jinghad :-

*In the early days of S.459, it was thought that the petitioner must have unfairly suffered prejudice to an interest as a member only (and not eg. as a director). This requirement has never been relaxed in that the Court is prepared to recognise that members may have different interests having regard to their rights, expectations andobligations (re A company (No 00477 of 1986 [1986 BCLC 376; O`Neill v Phillips. [1999] 1 WLR 1092). This is particularly so in quasi-partnership cases where a minority is excluded from management. But where the articles make detailed provision for any departing members to sell their shares at a fair price, the position may be different ….Section 459 has proved to be a powerful weapon for minority shareholders, particularly in the case of quasipartnerships. In such companies, minorities who are excluded from management participation or who unfairly suffer loss as a result of wrongdoing by directors or majority shareholders may get relief under the section.*

Fil-**Principles of Maltese Company Law** (op. cit.) pag 978 jinghad :-
*In order that the "special" relationship may arise, something more is required, which typically may include one or probably more of the following elements :*

*(a) an association formed or continued on the basis of a personal relationship, involving mutual confidence ;*

*(b) an agreement, or understanding, that all, or some (for there may be "sleeping" members) of the shareholders are to participate in the management of the business ; and*

*(c) restrictions upon the transfer of the shares in the company, so that if mutual confidence is lost, or one member is removed from management, he cannot simply take out his stake and move elsewhere.*

## VII. Sintesi tal-provi

Il-provi kienu estensivi u voluminizi.. Kienu prezentati ghadd kbir ta` dokumenti. Li gejja hija sintesi.

**Ir-rikorrent** xehed illi minhabba konflitt ta` interessi dan kien qed ikollu effett fuq il-kumpanniji kollha nkluzi WCO Limited (minn issa `l quddiem tissejjah "**WCO**") u TPT Limited (minn issa `l quddiem tissejjah "**TPT**"). Ghalhekk mexxa bl-azzjoni tal-lum skont l-Art 402 tal-Kap 386.

Huwa spjega li l-kumpanija li ghandha l-akbar assi hija Winex peress li ghandha blokk bini Tigne Street, Sliema, bl-isem ta` Tigne Palace. Dan jinkera bhala ufficini u milli jidhol jiehdu sehemhom l-azzjonisti nkluza Regent.

Qal illi l-konvenut Perit William Carbonaro (minn issa `l quddiem jissejjah "**Carbonaro**") u l-konvenut Anthony Parlato Trigona (minn issa `l quddiem jissejjah "**Parlato Trigona**") huma diretturi ta` Winex, ta` WCO u ta` TPT.

Stqarr illi dawn it-tlieta tal-ahhar qeghdin f`kompetizzjoni ma` xulxin fuq l-istess haga.

Spjega illi TPT hija l-kumpanija tal-familja ta` Parlato Trigona b` ufficcju Tas-Sliema li jinkera wkoll lill-istess nies li ghandhom potenzjal li jkunu klijenti ta` Winex. Ix-xoghol ta` WCO huwa wkoll li tikri spazji ta` ufficini li ghandha.

Ighid illi apparti dan il-konflitt ta` interess, Carbonaro u Parlato Trigona kkomplottaw bejniethom sabiex TPT tikri spazju go blokk bini bl-isem "Regent House" minghand WCO, u talbet rifuzjoni ta` l-kera minghand Winex. Inoltre saru pagamenti minn Winex lil TPT u WCO li kienu abbuzivi.

Fil-**kontroezami**, ir-rikorrent xehed illi WCO ilha tikri postijiet minn Awissu 2007, izda mis-sena 2008, intlahaq livell skottanti ta` pregudizzju. Minhabba l-*economic rescission*, kien hemm hafna ufficini vojta u ghalhekk il-konflitt ta` interessjinhass ferm aktar, ghalkemm dak il-konflitt ta` interess kien hemm sa mill-bidu nett tal-hatra ta` Carbonaro u Parlato bhala diretturi.

**Perit Vassallo** pprezenta wkoll affidavit.

Xehed illi l-kawza tinvolvi lilu, lil Carbonaro, lil Palato Trigona u lill-Perit Edward Micallef (minn issa `l quddiem jissejjah "**Micallef**") bis-socjetajiet relatati.

Ighid illi huwa nvolva lil WCO u TPT in vista tal-partecipazzjoni u tal-interess taghhom fl-abbuzi allegati.

Ighid illi huwa azzjonista dirett fis-socjetajiet kollha inkluzi WCO u TPT Limited hlief fil-kaz ta` Windsor, peress li s-sehem tieghu huwa ndirett, ghax ghandu 50% tal-ishma tal-*parent company* Parade Limited li ghandha nofs l-ishma fis-socjeta` Windsor.

Ighid illi l-parti tas-socjetajiet Parade/Windsor u Regent/Winex garrbu telf sinjifikanti bhala konsegwenza ta` serje ta` abbuzi mwettqa principalment minn Carbonaro u Parlato Trigona, bil-kunsens passiv ta` Micallef.

Ighid illi l-abbuzi minn konflitt ta` interess da parti ta` Carbonaro li flimkien ma` Parlato Trigona sfruttaw l-infrastruttura tas-socjetajiet ghal gwadann personali taghhom.

Ighid illi Parade hija azzjonista ta` 50% ta` Windsor. Regent hija azzjonista ta` 51% ta` Winex.

Ikompli jfisser illi huwa l-beneficjarju ta` 25% u ta` 12.5% tal-patrimonju ta` Parade u ta` Regent.

Ipprezenta skeda li turi r-rapport bejn il-persuni u s-socjetajiet principali kif ukoll *balance sheet* formanti parti mill-ahhar *audited accounts* ta` Parade.

Jixhed illi Parade Limited ghandha *fixed assets* b`valur ta` €655,895. Minnhom €650,126 cioe` `il fuq minn 99% jikkonsistu fil-50% tal-ishma ta` Windsor.

Jixhed illi Parade u Windsor ghandhom l-istess *registered address*.

Ikompli billi jghid illi l-patrimonju ta` Parade huwa effettivament kwazi identiku ghal nofs il-patrimonju ta` Windsor.

Ighid illi huwa ghandu nofs l-ishma ta` Parade, liema ishma huma effettivament ekwivalenti ghal kwart ta` l-assi ta` Windsor.

Fisser il-kawza li tat lok ghal-litigazzjoni bejn il-partijiet.

Jixhed illi din giet mir-rebgha ta` Carbonaro.

Jispjega illi l-ewwel manifestazzjoni ta` din ir-reghba bdiet fil-*partnership* li kien hemm bejnu, Carbonaro u Micallef.

Qal illi Carbonaro u Micallef kienu lura Malta wara snin jahdmu s-Sawdi Arabia. Kien hu li stedenhom jippartecipaw ghal numru ta` progetti ta` klijenti tieghu permezz ta` *partnership* bl-isem ta` Excel Associates. Huwa ma kienx talab is-solita *introductory fee* ta` 10% tar-rikavat. Bis-sahha tal-*goodwill* tieghu, u permezz ta` Excel Associates, Carbonaro u Micallef ibbenifikaw minn dhul tajjeb kull xahar ghal ghaxar snin shah.

Ighid illi fl-ahhar sena ta` attivita` flimkien huwa dahhal progett zghir li kien jinvolvi studju preliminarju ghal zvilupp turistiku, liema progett kien

thallas mizata ta` €5,000. Ftit xhur wara, Carbonaro kien dahhal progett ukoll simili u dan kien issuggerixxa li ma jintbaghatx kont peress li l-klijent seta` jghaddi progetti akbar. Fil-fatt kont ma ntbaghatx izda meta l-klijent ghadda progett ta` konverzjoni ta` lukanda, Carbonaro zamm dak il-progett ghalih u ma ghaddiehx lil Excel Associates.

Kompla jixhed illi Micallef u Parlato Trigona kienu tkazaw bir-reghba ta` Carbonaro. Dak l-incident temm hesrem il-*partnership* Excel Associates. Micallef kien stiednu jippartecipa mieghu fi progetti ta` klijenti tieghu bla ma stieden lil Carbonaro biex jippartecipa.

Qal illi l-abbuzi bdew jitwettqu b`mod sottili qabel ma` nbdiet din il-kawza u komplew anke wara.

Qal illi Carbonaro wettaq misapproprjazzjoni ta` flus ta` Windsor u kien assistit b` mod passiv mit-traskuragni ta` Parlato Trigona li ma zammx *records* tajbin ta` fejn marru l-flus li waslu minghand din is-socjeta` fil-perijodu bikri ta` l-attivita` taghha.

Stqarr illi ammont ta` €25,000 sparixxa mill-*cash* tas-socjeta` izda dwar dan Parlato Trigona ma kellux spjegazzjoni preciza. Huwa spjega li kien biss wara li cheque ghal xi eluf ta` liri kien rintraccjat li ssarraf in konnessjoni ma` xiri ta` Alfa Romoeo mixtrija minn Carbonaro, li kien hemm indikazzjoni ta` x`gara.

Spjega li l-flejjes gieli kienu jingabru minn Carbonaro bl-ideja li hu jiddeposithom fil-kont tas-socjeta` immedjatament izda anki peress li ma kienx jafda lil Parlato Trigona li kien anke tnehhewlu l-*viewing rights* fis-sena 2008.

Huwa qatt ma gabar dhul.

Spjega li biex tinghalaq il-kwistjoni, kien miftiehem li tinqasam id-differenza bejn il-pretiza ta` €25,000 ta` Parade bhala azzjonista ta` 50% tal-ishma ta` Windsor u dik ammessa minn Carbonario, cioe` €12,500 sabiex jigu akkreditati lil Parade.

Qal illi dan l-episodju serva biex ma sarux aktar progetti minn Windsor.

Kompla jghid illi Micallef kien involut fi struttura gdida fejn il-patrimonju kien allokat f` ishma ndaqs ta` 25% kull wiehed bejn l-erba` partijiet. Din kienet Regent ghall-progett Tigne Place.

Spjega li sar sfruttament tal-infrastrutturi ta` Windsor u Winex.

Insista li r-reghba ta` Carbonaro u t-traskuragni ta` Parlato Trigona komplew jikkawzaw telf sinjifikanti matul is-snin partikolarment wara l-2000. Parlato Trigona kien imhallas bhala financial controller biex jipprepara *draft accounts* ta` Windsor u Winex. Kellu wkoll ir-rwol ta` *company secretary.* Carbonaro sfrutta lis-socjetajiet billi huwa kien Konslu Onorarju tat-Tajlandja u kien johrog *visas* ghal persuni li riedu jzuru dak il-pajjiz kontra hlas ta` Lm 5 kull *visa.* Carbonaro u Parlato kkonducew matul is-snin il-hrug ta` *visas* ghall-interess uniku u personali taghhom mill-ufficju ta` Windsor u waqt il-hin imhallas ta` Parlato Trigona li kien impjegat full time ma` Windsor u Winex.

Ighid illi sal-2007 dan l-operat kien jattira lejn l-ufficju ta` Windsor u Winex numru ta` persuni. Minflok kienet impjegata segretarja, Carbonaro wasal ghal arrangament ma` Parlato Trigona sabiex dan jiehu hsieb il-hrug tal-visas meta Carbonaro ma jkunx l-ufficcju. Carbonaro dam madwar erba` assenti mill-ufficcju ghax kien impjegat *full time* bhala perit fil-progett tal-bini tal-Isptar Mater Dei. Parlato Trigona kien johrog il-*visas* ghal hlas ta` Lm 1 kull visa amministrat minnu mill-istess ufficcju u fl-istess hin li suppost kellu jiddedika ghall-amministrazzjoni tas-socjetajiet inkluz l-amministrazzjoni tal-partijiet komuni tal-binijiet Regent House assocjata ma` Windsor u Tigne Place assocjata ma` Winex apparti t-thejjija tad-draft accounts ta` Windsor u Winex.

Ighid illi Parlato Trigona kellu doveri assocjati mar-rwol tieghu bhala segretarju ta` Windsor, Winex u Regent. Dan ma lahhaqx mar-responsabbiltajiet li kien assuma minhabba hela kbira ta` hin kawza tad-disturbi sporadici ta` applikanti ghall-visas. Carbonaro u Parlato Trigona huma responsabbli flimkien ghat-telf in vista tal-isfruttament tal-infrastrutturi tal-kumpanniji nvoluti li wettqu bl-operat estraneju ta` l-hrug ta` visas.

Ighid illi ibnu li kien inkwilin fl-istess ufficcju sofra telf fit-tgawdija tal-inkwilinat tieghu minhabba *disruption* kronika.

Ighid illi kemm hu u kif ukoll ibnu ghamlu talbiet ufficjali biex jigu kkumpensati ghall-hin li kienu obbligati jaghtu kontra qalbhom ghall-operat tal-visas fil-perijodi meta Carbonaro u Parlato Trigona kienu t-tnejn assenti.

Qal illi li l-ewwel kaz ta` telf konsegwenza tad-*dereliction of duties* kien jikkomprendi kumulu ta` multi ta` `l fuq minn €30,000 mill-MFSA ghad-dewmien fil-presentata ta` l-*accounts* kif ukoll multi separati ghal ammont indeterminat impost mid-Dipartiment tat-Taxxi Interni ghall-istess raguni ta` dewmien.

Ighid illi huwa ghamel protesti fil-Qorti kontra l-konvenuti jew min minnhom dwar dawn il-penali li kienu mposti fuq Parade, Windsor, u Regent. Il-multi sofferti minn Parade qed jigu allokati lil Parlato Trigona wahdu, dawk sofferti minn Windsor huma allokati lil Parlato u Carbonaro indaqs, waqt li l-multi ta` Winex u Regent qed jigu apporzjonati fis-sehem ta` 4:4:2 biex jigi rifless il-kontribut ta` Parlato Trigona, Carbonaro u ta` Micallef.

Ighid illi wahda mill-funzjonijiet li Parlato Trigona kellu bhala parti mill-inkariku full time kien li jamministra l-partijiet komuni ta` Regent House. Din kienet tirrikjedi thejjija ta` konteggi relatati mal-partijiet komuni u s-sottomissjoni taghhom liz-zewg komproprjetarji u cioe` Windsor u l-familja Ripard. Dawn il-konteggi waslu tard b`ghaxar snin minkejja li huwa kien jaghmel premura kontinwa biex dawn isiru fil-hin. Parlato Trigona kien l-uniku li jithallas salarju u kellu segretarja mieghu. Meta saru, Carbonaro zammhom ghalih madwar sentejn. Kien biss fis-6 ta` Ottubru 2009 illi Carbonaro iccirkola l-konteggi fejn rrizulta li l-kreditu pagabbli lil Windsor minghand il-familja Ripard kien jammonta ghal kwazi €37,000. Dan l-ammont baqa` ma ngabarx minhabba d-dewmien. Imbaghad Carbonaro naqas li jibghat ittra ufficjali biex jinterrompi l-preskrizzjoni ghad-detriment ta` Windsor.

Ighid illi Parlato Trigona naqas ukoll fl-obbligi tieghu dwar Winex.

Ighid illi l-konteggi ta` l-ispejjez komuni marru tard b`dewmien ta` aktar minn sitt snin bil-konsegwenza li xi ammonti marruw preskritti.

Ighid illi huwa kien lahaq ftehim mal-komproprjetarji dwar kompromess li permezz tieghu huma jcedu l-preskrizzjoni kontra skont ta` 25% fuq l-arretrati. Tnehha minn direttur ta` Winex qabel ma twettaq dak il-ftehim. Carbonaro u Parlato Trigona uzaw il-pozizzjoni taghhom u abbuzaw mill-vot maggoritarju taghhom biex agevolaw lilhom infushom jew is-socjetajiet taghhom.

Ighid illi fl-2007, irrizulta li €20,000 kellha tingabar minn Windsor minghand Micallef li kien jikri spazju fl-ufficcju 44 go Regent House. Is-somma kienet tirraprezenta arretrati tal-kera ghall-perijodu ta` bejn l-2000 - 2007. Ipprezenta ittra ufficjali fejn interpella lil Micallef biex jhallas dawk l-ammonti. Kien biss fir-risposta ghal rikors f`kawza ohra li Micallef ipprezenta cheques ghall-hlas li ghamel. Dawn ic-cheques qatt ma waslu fil-kont ta` Windsor izda marru fil-kont personali ta` Ingrid u Anthony Parlato Trigona.

Jafferma li Carbonaro u Parlato Trigona hallsu lilhom infushom jew lis-socjetajiet taghhom ammonti mhux stabbiliti. Dan jidher fejn Carbonaro gie awtorizzat ihallas €10,000 kull wiehed lis-socjeta` tieghu WCO u lil Parlato Trigona b`cheques bil-firma unika tieghu. Parlato Trigona kien ippermetta li jakkumula kreditu kbir favur tieghu u dan il-fatt jispira sfiducja fl-operat tieghu. Carbonaro u Parlato Trigona sabu maggoranza konvenjenti biex il-Bord japprova l-pretizi taghhom minghajr ebda konsiderazzjoni ta` preskrizzjoni jew ta` kredituri ohra.

Ighid illi l-*accounts* ta` Windsor u Winex kienu jaqblu li Winex kellha kreditu ta` aktar minn €15,000 pagabbli lil Windsor. Dan kien jirrizulta mill-*accounts* li gew approvati fil-laqghat. Carbonaro huwa effettivament beneficcjarju ahhari ta` 50% ta` kull Ewro formanti parti mill-assi ta` Windsor, mentri s-sehem korrispondenti fis-socjeta` Winex huwa biss 13%. Carbonaro dejjem irrifjuta li jkun iffirmat cheque ta` Windsor favur Winex biex jinzamm sens ta` rgulija fir-rigward ta` l-azzjonisit minoritarji u passiv ta` Winex. Huwa kien ressaq mozzjoni sabiex il-kreditu ta` Winex jigi protestat halli jghaddu nteressi legali, izda Micallef u Parlato Trigona naqsu milli juzaw il-vot taghhom biex dan isir.

Jixhed illi wara li Parlato Trigona ma baqax segretarju tas-socjetajiet kollha hlief ta` Parade, inhatar floku bhala segretarju ta` Winex u Regent. Kien dakinhar li rcieva notifika minghand l-MFSA dwar penali ta` €1,500 imposta fuq Regent minhabba dewmien fil-presentata ta` dokumenti. Inkwieta u sejjah laqgha tad-diretturi u ppropona li jiehu responsabilita` diretta fir-rigward tat-thejjija ta` l-*accounts*. Carbonaro u Micallef kienu

opponew u ghalhekk huwa ppropona li Parlato Trigona kellu jmur jahdem f` ufficcju separat bil-ghan li jieqaf id-disturb tal-hin ta` Parlato Trigona minn applikanti ta` visas. Ippropona wkoll l-paga ta` Parlato Trigona toghla ghal €2,500 fix-xahar.

Kompla jixhed illi f`Awissu 2007, il-proprjeta` ta` Windsor fil-blokk ta` Regent House kienet diviza u trasferita lil tliet socjetajiet appartenenti lill-partijiet. Ighid illi 44 Regent House gie trasferit lil WCO. Winex kienet thallas kera lil WCO ghall-uzu ta` spazju okkupat minn Parlato Trigona. Thasseb meta ntebah li Carbonaro kien qed jircievi flus minghand Winex permezz ta` WCO waqt li fl-istess hin fil-vesti tieghu ta` direttur ta` Windsor kien qed jostakola l-hlas tal-kreditu dovut minn Windsor lil Winex. Spjega li mbaghad saret manuvra li permezz taghha l-kera mhallsa minn Winex ma baqghetx tithallas lil WCO izda Winex bdiet tikkumpensa lil Parlato Trigona ghall-kera li hu kien ihallas lil TPT, liema kumpannija kienet tikri l-ispazju okkupat minn Parlato Trigona minghand WCO.

Qal illi Carbonaro u Parlato Trigona ghamlu hlasijiet bil-mohbi lill-Kummissarju tal-VAT ghal ammonti mhux spjegati u minn wara dahar il-Bord ta` Windsor. David Vassallo qatt ma rcieva rcevuti tal-VAT ghal hlasijiet li kien ghamel minkejja li ghamel protest dwar dan in-nuqqas. Il-bord kien iddecieda li jiftah proceduri legali kontra David Vassallo sabiex jigbor l-ammont disputat u hamest ijiem qabel ma kien prezentat ir-rikors, Carbonaro u Parlato Trigona ghamlu pagamenti personali bil-mohbi barra mis-socjeta` u minn wara dahru sabiex is-socjeta` tkun tista` tghid li hallset il-VAT fuq l-ammonti mhallsa minn David Vassallo.

Ighid illi d-dhul minghand David Vassallo qatt ma kien jigi dikjarat fir-rendikont tad-dhul ta` Windsor.

Ighid illi kien hemm kazi ohra fejn dhul ta` Windsor ma kienx dikjarat. Huwa kien gharaf li dan kien abbuz tant li rrifjuta li jiffirma l-*audited accounts* ta` Windsor.

Ighid illi kien biss f`Jannar 2011 li l-Bord accetta li jissottometti denunzja addizzjonali wara li huwa kien intavola erba` kazi ta` dhul mhux dikjarat.

Ighid illi d-denunzja addizzjonali inkludiet erba` kazi identifikati izda inkludiet zewg dhulijiet ohra. Carbonaro rrefera ghal dhul fittizju tal-kera li

thallset minn Micallef, meta fil-verita` l-kera qatt ma dahlet fil-kontijiet ta` Windsor. Carbonaro nkluda dhul fittizju korrispondenti ghal kera li hu attribwixxa lilu nnifsu izda li qatt ma kien hemm pagament li jikkorrispondi. Spjega li Carbonaro ghamel kawza kontra tieghu ghal Windsor dwar pretiza ta` kera. L-iskop tal-inkluzjoni tal-kera attribwita lil Carbonaro kienet wahda ta` malafede, intiza biex is-socjeta` ma tigix kompromessa fir-rigward tal-kawza kontra tieghu. Il-Bord ta` Windsor accetta unaninament li t-taxxa vera assocjata mad-denunzja addizzjonali kellha tigi finanzjata minn Carbonaro, Parlato Trigona u Raymond Cassallo. Huwa hareg sehmu ekwivalent ghal kwar tat-taxxa in kwistjoni izda relativament ghall-ammont li dwaru kien hemm qbil, ossija l-erba` kazi ta` dhul mhux dikjarat u bl-eskluzjoni ta` dhulijiet allegatament gejjin minghand Micallef u Carbonaro. Spjega li huwa kien gibed l-attenzjoni li self bankarju seta` jinkiseb ghal rata ta` interessi ta` 4%. Spjega li xi sena wara gie zvelat illi Carbonaro u Parlato kienu mmanuvraw kuntratt bejn is-socjeta` Windsor u da parti ta` WCO u TPT fejn Windsor accettat li s-sehem tat-taxxa fuq id-denunzja addizzjonali pagabbli minn Carbonaro u Parlato, jigi misluf mis-socjetajiet imsemmija kontra rata ta` interessi ta` 8%.

Ighid illi uhud minn dawn il-kazijiet sehhew wara li bdiet il-kawza. Huwa insista illi kellu *viewing rights* tal-kontijiet bankarji ta` Windsor u Winex. Fl-2009 il-*viewing rights* tieghu ma baqghux. Wara li gew *restored* induna li cheque ghal €10,413.60c gie migbud mill-kont tas-socjeta` Winex f` isem Parlato Trigona bil-firma tieghu stess u ta` Edward Micallef. Baqa` bla spjegazzjoni ghalkemm talabha. Spjega li wara dan, il-*viewing rights* tieghu rega` thehhew.

Ighid illi minhabba l-agir tieghu, kien invokat l-Art 140 tal-Kap 386. Tnehha minn direttur ta` Regent u Winex. Minfloku nhatar iben Carbonaro.

Ighid illi fl-2006 kien hemm ferment generali fost l-azzjonisti passivi li kellhom 49% ta` l-ishma ta` Winex. Spjega li huwa kien talab sabiex jigi dikjarat l-ewwel dividend u dan jigi distribwit. Spjega li huwa kien informa lil ohrajn li huh Leonard Vassallo li bhala azzjonista individwu kellu l-akbar ammont ta` azzjonijiet fis-socjeta` kien inkwetat ferm u ried jehles mill-ishma tieghu. Dak iz-zmien Carbonaro kien biegh zewgt id-djar u kellu ammont ta` flus. Ghalhekk kien fetah negozjati ma` Leonard Vassallo biex jixtri l-ishma tieghu. Carbonaro dan beda jaghmel minn kollox biex jostakola l-hrug tal-ewwel dividend halli b`hekk Leonard ikompli jaqta` qalbu. Madanakollu, saret votazzjoni u d-dividend gie dikjarat u distribwit ghalkemm b`dewmien ta` xhur.

Qal illi f`Gunju 2009, huwa ra formoli FS 5 iffirmati minn Anthony Parlato Trigona fejn martu Ingrid giet dikjarata bhala impjegata ta` Winex. Spjega li dak l-impjieg kien ghal kollox fittizju. Minn dawk il-formoli jidher li Parlato Trigona naqqas s-salarju tieghu ghal minimum wage u ttrasferixxa d-differenza bhala salarju ta` martu biex b`hekk seta` jiehu l-pensjoni. Huwa sostna li Parade u Regent tmexxew kompletament bl-eskluzjoni tieghu stante li gie eskluz minn kull partecipazzjoni jew informazzjoni. Saret approprjazzjoni effettiva tal-assi ta` Parade minn Parlato Trigona inkluz zamma ta` dhul fil-kont personali tieghu, kontinwazzjoni ta` kirja ta` zewg fondi lil ibnu Michael ghal ammont irrizorju, kif ukoll self bankarju u assenjazzjoni lil Banif Bank tad-dividends li Regent Holdings kienet tircievi minn Winex u b`danni ghal Regent ta` €EUR 100,000.

Huwa cahad li saret xi diskussjoni jew konsiderazzjoni tad-dividend allegatament approvat fil-laqgha tal-bord tal-15 ta` Mejju 2009. Id-dividends dikjarati wara l-2009 ma gewx sanzjonati mill-azzjonisti f`laqgha generali. Dak id-dividend thallas b`manuvra li kkawzat telf tal-audit trail fit-transazzjonijiet ta` Winex u Regent. Spjega li tnejn mill-erba` diretturi gibdu ammont ta` €40,000. Dan l-ammont ma giex depozitat fil-kont bankarju ta` Regent peress li Carbonaro, Parlato Trigona u Michallef hallsu lilhom nfushom fi flus kontanti bhala dividend allegatament dikjarat minn Regent.

Fil-**<u>kontroezami,</u>** ir-rikorrent spjega li l-kumpanniji kollha involuti kienu joperaw kollha mill-istess ufficcju Regent House, 44, Bisazza Street, Sliema. Spjega li fil-kaz ta` Winex u Windsor, kien hemm ukoll *staff*. Huwa insista li Carbonaro u Parlato Trigona sfruttaw din l-infrastruttura ghal gwadann personali taghhom u a skapitu tal-kumpannija. Spjega li ttiehdet decizjoni bejn id-dretturi ta` Windsor u d-diretturi ta` Winex sabiex Winex tibda thallas il-kera. Spjega li Winex kienet ukoll bdiet thallas parti mis-salarju ta` Parlato Trigona. Sal-2005, Parlato Trigona kien jithallas minn Windsor izda mill-2006, sar ftehim fejn is-salarju tieghu beda jithallas nofs bin-nofs bejn Windsor u Winex. Sar ftehim wara l-2007 fejn Winex tibda thallas wehidha peress li Windsor nehhiet li kellha. Spjega li f`dan l-ufficcju kien isir xoghol ta` *freelance* bhala periti individwali izda Carbonaro kien juzah ghall-hrug tal-visas. Parlato Trigona ma kienx ilahhaq max-xoghol u kienu wehlu multi peress li kien impenjat b` dan ix-xoghol ta` l-visas. Kien hemm zmien fejn tant kien ikun hemm queque ta` nies jistennew ghal visas li kien ikollhom problema biex jidhlu mill-*hall.*

Ighid illi li ibnu kien beda jhallas nofs il-kera dovuta lil Windsor ghal spazju li kera bhala ufficcju peress li kien qed isiru wisq disturbi u ghalhekk huwa sostna li kien qed jitlef mit-tgawdija ta` l-inkwilinat tieghu. Ikkonferma li Parlato Trigona kien jutilizza kontijiet tieghu personali biex

ihallas nies u spejjez ohra u mbaghad jiehu rifuzjoni minghand il-kumpannija. Huwa ma eskludiex li gieli ffirma xi cheque sabiex Parlato Trigona jigi rifuz ghal dawn l-ammonti. Huwa oppona ghal proposta li saret f` laqgha fejn il-maggoranza tal-bord awtorizza pagament ta` €10,000 lil Parlato Trigona u pagament ta` €10,000 lil WCO. Wahda mil-lanjanzi tieghu hija li kera dovuta minn Micallef qatt ma waslet ghand Windsor izda dahlu f` kont tal-konjugi Parlato Trigona.

Qal illi sar jaf bil-multi inkorsi qabel il-prezentata tal-kawza. Mistoqsi kif huwa bhala direttur, ma ndunax illi ma kienx qed jigi mitlub jiffirma kontijiet, sostna li kulhadd kellu r-rwol tieghu u huwa ma setax joqghod jara x-xoghol li kien qed jaghmel l-iehor. Huwa spjega li ghandu ideja ta` kemm kien tard Parlato Trigona fil-preparazzjoni ta` l-accounts. Huwa sostna li kien hemm dewmien biex Parlato Trigona ghamel id-draft accounts. Parlato Trigona kien responsabbli kemm bhala segretarju u kif ukoll bhala financial controller.

**Andrew Schembri** mir-Registru tal-Kumpanniji pprezenta d-dokumenti dwart WCO, TPT, Windsor, Winex u Regent.

**David Vassallo** iben il-Perit Vassallo pprezenta affidavit.

Xehed li huwa kien jikri spazju fl-ufficcju 44 Regent House Triq Bisazza Sliema bejn l-2002 sa Lulju 2007 fi zmien meta dan l-ufficcju kien jappartjeni lil Windsor. Fl-ewwel sentejn tal-kera, huwa hallas regolarment izda mill-2004 `il quddiem, huwa ddecieda unilateralment li jibda jhallas nofs il-kera minhabba li t-tgawdija ta` l-inkwilinat kienet qed tigi ridotta bid-disturb kroniku u sinjifikanti kkawzat minn utenti ohra tal-ufficcju. Huwa sostna li kienet infethet kawza minn Windsor sabiex ihallas l-arretrati tal-kera. Fil-kawza xehed hu u d-draughtsman tieghu kif ukoll missieru fejn ilkoll ikkonfermaw id-disturb kbir li kien qed jinholoq. Waqt laqgha tal-bord Carbonaro kien offra li jhallas elf lira Maltin bhala kumpens. Huwa sostna li d-disturb soffert minnu kien generalment jigi nkors f` dawk il-perijodi meta Parlato Trigona ma kienx ikun prezenti fl-ufficcju.

**Perit William Carbonaro** ipprezenta affidavit.

Xehed illi t-tmexxija tal-Konsolat tat-Tajlandja ma saritx mill-ufficcju ta` Winex izda minn 44, Regent House, li huwa kera fl-1995. Spjega li l-Konsolat ghandu infrastruttura li hallas sehmu ghaliha hu stess komprizi

*furnishings, equipment,* u *network.* Spjega li huwa kien ihallas sehemu mill-paga tas-segretarja. Insista li l-ufficcju 44 mhuwiex l-indirizz ta` l-ebda wahda mis-socjetajiet involuti. It-tmexxija tal-Konsolat ma saritx minn Parlato Trigona waqt il-hin li ghalih kien jithallas full time mis-socjetajiet. Parlato Trigona qatt ma kien impjegat ta` Regent u huwa qatt ma ordna lil Parlato Trigona sabiex jaghmel xoghol konsolari biss jew b` xi prijorita partikolari. Ix-xoghol privat kien *understood* minn dejjem tant li wara li Parlato Trigona sar impjegat ta` Winex f` laqgha tal-Bord tas-7 ta` Jannar 2008, kien stabbilit li Parlato Trigona kellu jkollu flessibilita` fil-hinijiet biex ilahhaq mal-impenji l-ohra li kellu. L-allegazzjoni li Parlato Trigona kien abbanduna l-obbligi tieghu qatt ma tqajmet fil-Bord. Parlato Trigona thalla jaghmel xoghol privat mill-istess ufficju mikri lilhom. Spjega li huwa kien fost ohrajn jissorvelja l-kostruzzjoni tal-blokk ta` Tigne Place. Ix-xoghol tal-visas huwa insinifikanti peress li l-hrug ta` visa jiehu inqas hin minn telefonata ta` ftit minuti. Fl-ahhar 15-il sena nhargu madwar 14-il visa fil-gimgha u huwa kien jaghmel hafna minnhom hu stess.

Ikkonferma li hemm multi impost fuq is-socjetajiet. Vassallo kien notifikat sa mill-bidu nett mill-MFSA sa minn Mejju 2001 dwar multi ta` Winex u sa minn April 2002 dwar multi ta` Windsor. Il-Bord dejjem hass li l-multi ghandhom jithallsu mis-socjeta` u Vassallo qatt ma qajjem l-ebda kwistjoni dwar dan. Huwa spjega li parti minn dawn il-multi thallsu bil-kunsens tal-Perit Vassallo. Insista li r-raguni wara dawn il-multi ma kinitx dewmien minhabba l-visas. Kien hemm okkazjoni fejn l-accounts ta` Winex tal-2005 kienu gew awditjati u tlestew ghall-firma izda baqghu fuq il-mejda tal-board room ghal disa` xhur ghax Vassallo ma kienx iffirmahom. Meta Vassallo kien segretarju ta` Regent u Winex, Regent wehlet multi ghax Vassallo ma baghatx *returns* fil-hin. Huwa spjega wkoll li d-data ta` sottomissjonijiet li gabet il-multa ma tkunx id-data ta` meta Parlato jlesti l-accounts, stante li s-sottomissjoni tal-accounts ghandha hafna passi. Gie spjegat li l-Bord dejjem hass li ma setax jattribwixxi htija jew joffri soluzzjoni ahharija ghal multi li kienu jehlu. Spjega li Vassallo qatt ma ppropona xejn ghal dawk is-snin kollha.

Sahaq li l-flus dovuti ghall-manutenzjoni tal-parkegg ta` Tigne Palace ma ngabrux minhabba rezistenza tas-sidien tal-*car spaces* stess. Spjega li l-ftehim li ntlahaq bejn Vassallo u l-komproprjetarji qabel ma` tnehha minn direttur ta` Winex gie attwat mill-Bord u llum il-fondi ngabru. Huwa cahad li Micallef qatt kellu movent biex ikun f`xi kolluzzjoni mieghu u ma` Parlato Trigona. Sostna li Micallef dejjem mexa b`onesta skont l-aqwa gudizzju tieghu. Huwa cahad li b xi mod jiffavorixxi lil Windsor fuq Winex. Spjega li l-bilanc bejn iz-zewg socjetajiet kien in diskussjoni bejniethom. Fl-2006 huwa kien deherlu li r-rifuzjoni ta` spejjez li Windsor kienet titlob minghand Winex ma kinitx tirrifletti l-valur tas-servizz moghti. Spjega li bi ftehim bejniethom

kien sar aggustament ghal xi snin izda huwa kien qed jinsisti li dan jibda mill-2002 u ghalhekk il-Bord ta` Winex f laqgha tad-9 ta` Gunju 2009, kien iddecieda li jiehu din il-kwistjoni ghal arbitragg. Sostna wkoll li kien hemm kwistjoni peress li kien irrizultalu li waqt li f` Jannar 2007 Windsor kellha bilanc fil-kreditu, matul is-sena giet debitata b` xi Lm 10,000. Spjega li rrizulta li bejn Awissu sa Dicembru 2007, ossija wara li Windsor ittrasferiet l-proprjeta` taghha, Windsor giet mghobbija inkorrettament b` kontijiet ghal servizzi li messhom gew addebitati lil min kien xtara, ghax hi ma kinitx aktar is-sid tal-proprjeta`. Sostna li kien hemm malafede wara dan l-ispulpjar kontinwu peress li Vassallo kien kuntent jisloh lil Windsor. Sostna li Windsor x` aktarx ma ghandhiex taghti lil Winex izda fl-ahhar mill-ahhar dan il-hlas jispetta lil Windsor u mhux lilu jew lil Parlato Trigona.

Qal illi l-proposta ta` Vassallo biex jiehu responsabilita` diretta rigward it-thejjija tal-*accounts* ma gietx accettata u fis-sena li Vassallo kien segretarju, lanqas biss zamm minuti kif ukoll Winex u Regent wehlu multi godda. Huwa spjega li f` Dicembru 2007, meta Parlato Trigona kien baghat ittra ta` rizenja, il-Bord ha decizjoni fis-7 ta` Jannar 2008 illi Parlato Trigona jiehu zieda, li jzomm ix-xoghol privat bi flessibilita fl-uzu ta` l-hin u fejn Winex kienet ser tkun moqdija b` mod accettabbli. Huwa cahad li l-ftehim kien li Parlato Trigona ma jibqax jahdem fl-ufficcju ta` Regent House. Insista li l-ftehim kien li Winex tieqaf tikri l-ufficcju kif fil-fatt ghamlet u attwalment ma ghandha l-ebda ufficcju. Spjega li l-ftehim kien li Winex kienet obbligata thallas il-bolla u kera ghal Parlato Trigona bhala kumpens ghas-servizzi li tircievi. Il-Bord ta` Winex ghazel li ma jikrix ufficcju separat ghalih ghax dan ma kienx vantaggjuz. Huwa sostna li Vassallo kien wkoll approva z-zieda fis-salarju.

Qal illi Winex ghandha obbligu li thallas il-kera ta` Parlato Trigona ghas-servizz li jaghtiha. Winex ma tikrix ufficju proprju izda thallas lil Parlato Trigona ammont ta` kera biex tkopri r-rizorsi li jintuzaw biex isir il-management u accounts biss. Fil-mument li Parlato Trigona jieqaf minn segretarju taghha, Winex ikollha tisserva b`xi ndirizz iehor. Spjega li b` referenza ghac-cheque ta` €10,461 moghti lil Parlato Trigona, dan ikopri spejjez inkorsi minnu bhala amministratur ta` Winex. Sostna li dan l-ammont jidher fil-kotba tas-socjeta awditjati ghall-2007 li kienu ffirmati minn Vassallo stess. Fi Frar 2007, huwa kien induna li kien hemm possibilita` li l-internet banking facility kienet qed tippermetti li l-amministratur jaghmel transazzjonijiet wahdu u minn jeddu, haga li kienet kontra l-istatut ta` Windsor u ta` Winex u ghalhekk huwa kien talab li ssir korrezzjoni mill-bank. Huwa ma kienx involut fis-sospensjoni tal-viewing rights ta` Vassallo li sehhew f` Awissu 2009. Dawn kienu sospizi minn Parlato Trigona peress li Vassallo kien ilu zmien jabbuza minn dan is-servizz biex jikxef ma` terzi informazzjoni kunfidenzjali. Xahar wara li gew sospizi il-

*viewing rights* ta` Vassallo, il-membri bdew proceduri biex dan jitnehha minn direttur. It-tnehhija ta` Vassallo minn direttur ta` Winex u Regent saret skont il-ligi.

Qal illi mhux minnu li ostakola l-hrug ta` *dividends* ta` Winex sabiex ikun jista` jixtri l-ishma ta` hu Vassallo bl-irhis. Is-sitwazzjoni finanzjarja ta` Winex sehhet minhabba li l-progett kien *undercapitalised* tant li fl-2006 kien ghad hemm dejn mal-bank ta` aktar minn Lm 200,000. Huwa spjega li kien Vassallo stess li qalilhom li huh ried ibiegh l-ishma tieghu u kif ukoll semma ammont. Meta kien avvicina lil Leonard Vassallo, dan kien rega` bdielu peress li kien ser jehel it-taxxa. Bejn Marzu u Awissu 2006, il-kont kurrenti ta` Winex juri bic-car li ma kienx possibbli li jithallas *dividend.* Spjega li l-ewwel *dividend* gie dikjarat b` vot maggoritarju fil-Bord ta` Winex meta f` Settembru 2006 ghall-ewwel darba dahlu fondi bizzejjed fil-kont kurrenti. Spjega li huwa kien ivvota kontra li jinhareg *dividend* peress li huwa ried li l-ewwel tithallas it-taxxa u d-dejn mal-bank u mbaghad jithallsu l-membri.

B` referenza ghall-impjieg ta` Ingrid Parlato Trigona, sahaq li f`Marzu jew April 2007, l-impjegati kollha ta` Windsor kellhom jinqalbu ghal ma` Winex. Ingrid Parlato Trigona kienet impjegata ta` Windsor, u kien Vassallo stess li ffirma ETC forms tal-impieg u c-cheques tas-salarju taghha. Ingrid Parlato Trigona baqghet taghmel l-istess xoghol li kienet taghmel ma` Windsor meta saret impjegata ta` Winex. Ingrid Parlato Trigona kienet tghin lil zewgha fix-xoghol tieghu ; dan kellu l-liberta` li jqassmilha xoghol kif jidhirlu. Is-self bankarju li hadet Regent kif ukoll ic-cessjoni ta` *dividends* li Regent tircievi minghand Winex huma materji ta` tmexxija tal-Bord u mhux tal-membri. Sostna li meta s-socjeta` giet rinfaccjata b` talba u b` sekwestru minghajr pre-avviz, hija ma kellhiex triq ohra ghajr li tfittex self bankarju sabiex issalva ruhha minn insolvenza. Waqt laqgha tal-Bord tad-Diretturi tal-15 ta` Mejju 2009, iitiehdet decizjoni dwar id-distribuzzjoni ta` dividend li dwarha Vassallo astjena. Spjega li Vassallo tnehha minn direttur fid-9 ta` Gunju 2009 u l-ghada ma kienx mehtieg il-firma jew il-kunsens tieghu biex ikun jista` jinhareg id-dividend. Insista li l-mod kif gew migbuda l-fondi mill-kont fil-bank u kif tqassam id-dividend kien wiehed regolari.

Stqarr illi l-ufficcju kien maqsum bejn erba` periti, nofs tuzzana kumpanniji u konsolat. B`hafna interessi ohra individwali, huwa mistenni li jkun hemm disturbi kontinwi. Dwar l-allegazzjoni ta` misappropjazzjoni ta` flus kontanti li ghebu minn fuq l-iskrivanija ta` Vassallo fl-1991, huwa spjega li dan kien wiehed minn diversi kazi fejn flus kontanti ma kienux jigu depozitati u mqassma bejniethom. Spjega li peress li ma setghu jippruvaw xejn, kien qablu li jirrizolvu dan bhala telf ghall-membri tas-socjeta`. Huwa insista li ma kienx responsabbli ghal telf dwar il-*porterage* ta` Regent House.

Dan sehh ghax kien hemm dizgwid serju u kontinwu bejn is-socjeta` taghhom u l-familja Ripard. Il-ftehim kien li Windsor jibnu u jghaddu lill-familja Ripard numru ta` appartamenti f`Regent House. Spjega li kien hemm varji ilmenti li l-appartamenti ma kinux lesti u dizgwid dwar kif kellha titmexxa l-binja tant li ma nhatarx amministratur u Windsor kienet kostretta tiehu hsieb l-ispejjez tal-partijiet komuni. Spjega li saru tentattivi biex jintlahaq ftehim izda wara li kien intlahaq ftehim li din il-kwistjoni tmur ghal arbitragg, Vassallo fetah il-proceduri u pprezenta mandat ta` sekwestru kif ukoll waqt laqgha, qabad u ghamel xenata u l-ftehim ma` Ripard tar mar-rih.

Xehed illi Micallef kien ihallas il-kera dovuta, liema cheques kienu jissarrfu regolarment minn Parlato Trigona li mbaghad kien iqassamhom bejn l-azzjonisti. Spjega li l-awditur ma kellux records ta` dawn ghaliex dawn ma kinux dikjarati. Imbaghad fl-2010, Windsor ghamlet dikjarazzjoni addizzjonali biex tissana dan kollu. Qal ukoll illi kien Vassallo li beda jostakola l-hlas ta` dejn sal-punt li s-socjeta` ma kienx baqghalha hlief l-artikolu 27 tal-memorandum u articles of association biex taqdi dawn l-obbligi. Spjega li David Vassallo flimkien ma` inkwilini ohra kien partecipi ghal ftehim ta` kirijiet li ma kinux dikjarati. Fil-bidu tal-2009 David Vassallo rrifjuta li jhallas il-bilanc tal-kera li kellu ma` Windsor u baghat ittra gudizzjarja fejn talab kumpens ghall-allegat disturb.

Dwar is-self bankarju li ttiehed, sahaq li l-banek ma ridux jaccettaw li jaghtu self lis-socjeta` fic-cirkostanzi ta` glied u disgwid bejn id-diretturi. Wara li sar dan is-self u thallset it-taxxa, Vassallo stess imblokka kull tentattiv biex isir *board meeting* tas-socjeta` u ma attendiex bejn Dicembru 2009 u Dicembru 2011 sakemm attenda biss fuq ordni tal-Qorti.

**Anthony Parlato Trigona** xehed illi huwa direttur u azzjonista fi kwota ta` 255 sehem ta` Regent, direttur u azzjonista fi kwota ta` 50% fis-socjeta` Parade, u direttur kif ukoll segretarju tas-socjeta` Winex. Spjega li jekk veru huwa kien impjegat traskurat, ir-rimedju kien li jitkecca bhala impjegat jew ta` l-inqas titressaq talba fil-bord tad-diretturi. Huwa spjega li ghamel x-xoghol ta` *project management* kollu meta kien qed jibni l-postijiet ta` Regent House, Windsor Terrace u Tigne Place. Ha hsieb jaghmel il-kontijiet tad-ditta tal-periti Excel Associaties, kif ukoll ta` Parade, Regent, Winex u Windsor. Spjega li kien imexxi l-postijiet ta` Regent House u l-partijiet komuni taghhom. Kien jikri u jassigura li `l fuq minn 5500 metru kwadru ta` spazju ghall-ufficini u 200 spazju ta` garaxx ikunu dejjem jew kwazi dejjem mikrija bi qliegh ghal Winex. Spjega li kien izomm u jmexxi il-partijiet komuni tal-binijiet kollha. Kien jagixxi ta` segretarju tal-kumpanniji. Kien wkoll jaghmel il-kontijiet ta` socjeta` ohra relatata li mhix parti minn din il-kawza – Nevise Holdings Limited. Spjega li qabel jikri,

huwa kien jiehu hsieb il-konfigurazzjoni tal-ufficcji li jinvolvi xoghol ta` tkabbir jew tnaqqis tal-ispazji skont il-htigijiet tal-inkwilini prospettivi. Spjega li kien ukoll jaghmel ix-xoghol kollu ta` kuljum. Dak iz-zmien, ftit biss minn dan ix-xoghol kien kopert bil-paga u dak ix-xoghol kien jaghmlu b` sens ta` lealta`. Il-Konsolat tat-Tajlandja kienet mansjoni li kien jaqdi ferm qabel ma` gew iffurmati Winex u Regent. Huwa tant kien mghobbi b` xoghol u ma kienx imhallas sufficjenti li kien qal lil shabu li ser jirrizenja u kien l-istess Vassallo li ssuggerixxa zieda fil-paga tieghu.

Insista li kienu l-erba` diretturi kollha li f` kull hin kienu jafu li kienu waqghu lura fis-sottomissjoni tal-accounts. Huwa spjega li dak kien il-mod kif kienu jmexxu stante li kellhom hafna xoghol bi progetti telghin. Sfortunatament, il-mod kif kienu jmexxu kien wiehed informali hafna. Mill-gwadan li kienu jaghmlu, hadd ma kien jinteressah mill-multi tal-MFSA ; kienu jitqiesu parti mill-ispejjez tal-kumpanniji. Huwa kellu tort hekk kif kellu tort haddiehor ukoll. Huwa spjega li kien hemm istanzi fejn il-kontijiet kienu jkunu lesti u mbaghad ma jigux iffirmati minn Vassallo. Sostna li huwa kien biss responsabbli ghall-*book keeping / accounting* u warajh kien ikun hemm l-awdituri li kienu wkoll jdumu biex jlestu xogholhom. Dana apparti d-dewmien tal-bord ghall-approvazzjoni tal-istess kontijiet wara li jitlestew mill-awdituri.

Sostna li l-azzjonisti ta` Winex huma kuntenti bil-mod kif tmexxew l-affarijiet u li l-investiment irrenda l-frott. Huwa cahad li ha xi haga mill-kumpannija li ma kienx intitolat ghaliha. Spjega li huwa kien il-persuna l-aktar qrib tal-progetti u ghalhekk kien jaghmel hafna spejjez minn butu u mbaghad jigi rifuz ghalihom mill-kumpannija. Spjega li huwa kien izomm il-kont sabiex il-kumpanija tirrifondih. Id-dividends inqasmu indaqs bejn kulhadd minkejja li kienu nhargu kontanti minflok cheques. Ikkonferma wkoll li martu kienet ilha impjegata ta` Windsor, u kien Vassallo li kien jiffirmalha l-pagi, social security u applikazzjoni tal-impjieg mal-ETC. Martu kienet tiehu parti mill-paga tieghu. Dwar l-allegazzjoni ta` cheque mahrug lil WCO, ighid illi dan kien jirrigwarda rifuzjoni ghal flus migbura minn Windsor minghand inkwilini ghal konsum tad-dawl u l-ilma u rifondibbli lil WCO li f` Awissu 2007 xtrat il-proprjetajiet in kwistjoni. Winex ma ghandha l-ebda relazzjoni ma` WCO. Huwa kien kera f` ismu biex ma jzidx piz fuq Winex.

Stqarr illi bhala *administrator* nehha l-viewing rights ta` Vassallo ghal minhabba li Vassallo ccirkola email b` kontenut kummercjali u konfidenzjali lis-socji ta` Winex. Huwa sahaq li ma kellu l-ebda interess li b` xi mod jahdem kontra l-istess kumpannija tieghu. Huwa spjega li bhala turnover, il-

kumpanniji jaghmlu ftit aktar minn €600,000 kull sena filwaqt li l-multa tal-MFSA hija ta` €30,000 fuq 15-il sena.

**Perit Edward Micallef** xehed li huwa direttur u *shareholder* ta` 25% ta` Regent flimkien ma` Carbonaro, Vassallo u Parlato Trigona. Fil-kawza kien akkuzat minn Vassallo li huwa naqas milli jhallas xi ammonti dovuti lil Windsor u li huwa ikkonsenta ghal sensiela ta` affarijiet. Huwa spjega li l-kera dejjem hallasha b`cheques li huma esebiti. Huwa sostna li mhux parentat ma` hadd mill-azzjonisti l-ohra. L-interess tieghu huwa l-investiment li ghamel. Kien tkellem ma` Vassallo u talbu jurih x` kienu l-ilmenti tieghu, izda dawn tant kienu trivjali, li huwa ma setax jaqbel ma` Vassallo. Huwa sostna li qatt ma ra okkazjonijiet fejn Carbonaro u Parlato Trigona xjentement ippruvaw jimmanipolaw il-kumpanniji. Huwa sostna li Vassallo sempliciment urtat li ma tghaddix tieghu. Kien Vassallo li pprezenta mandat ta` sekwestru kontra tieghu lejliet it-tieg ta` bintu, tant li kien infurmah li ma kienx persuna grata li jattendi t-tieg.

## VIII. Konsiderazzjonijiet

Ir-ragunijiet li taw ir-rikorrenti fir-rikors promotur biex jinvokaw l-applikazzjoni tal-Art 402(1) huma dawn –

i) il-konflitt ta` interess ta` William Carbonaro illi kien jikkonduci attivita` ta` konsolat ta` Thailandia mill-ufficcji tas-socjetajiet f`Regent House, Bisazza Street, Sliema bil-konsegwenza illi l-hin tal-intimat Parlato Trigona kien qed jigu "disrupted" totalment b`effett deleterjuz fuq il-kapacita` u l-hin tal-intimat Parlato Trigona biex jiddedika ruhu fl-ahjar hin tal-energeniji ghall-affarijiet tas-socjetajiet li kienu jhallsu l-full time salary ;

ii) "Dereliction" ta` rwoli ta` accounting u amministrazzjoni da parti ta` l-intimat Anthony Parlato Trigona ;

iii) illi l-intimati Carbonaro u Parlato Trigona kienu jisfruttaw din is-sitwazzjoni u juzaw l-infrastruttura tas-socjetajiet ghall-beneficcju esklussiv taghhom, a skapitu tas-socjetajiet u l-azzjonijisti taghhom li kienu flimkien ihallsu lil Parlato Trigona, is-salarju full time tieghu ;

iv) Tardivita` fil-preparazzjoni u fis-sottomissjoni tal-financial statements tas-socjetajiet Windsor Holdings Limited, Winex Holdings Limited, Parade Limited u Regent Holdings Limited minn Anthony Parlato Trigona ;

v) Ostakolu tal-hrug ta` l-ewwel *dividend* sabiex l-intimat Carbonaro jirnexxielu jkompli jaqta` qalb l-azzjonist f` Winex Holdings Limited, Leonard Vassallo u b`hekk jixtri l-azzjonijiet tieghu bi prezz irhis ;

vi) Nuqqas ta` hlas tad-debitu ta` ammont `il fuq minn EUR 10,000 dovut mis-socjeta` Windsor Holdings Limited lis-socjeta` Winex Holdings Limited u dana minhabba rifjut tal-familja Carbonaro ;

vii) illi f`manifestazzjoni ohra flagranti ta` konflitt ta` interess ta` Carbonaro, f`Lulju 2009, b`abbuz mill-aktar manifest, Carbonaro flimkien ma` l-intimat Parlato Trigona, immanuvraw pagamenti lejn xulxin billi abbuzaw il-poter tal-vot taghhom fil-Bord tad-Diretturi ta` Windsor Holdings Limited biex kull wiehed minnhom gibed somma ta` `il fuq minn ghaxart elef Euro (€10,000) mill-kont bankarju ta` Windsor Holdings Limited u dan kontra pretensjonijiet dubjuzi li jirrasalu ghas-sena 1997, ampjament preskritti u kontra kull interess tas-socjeta` Windsor Holdings Limited ;

viii) illi f`Gunju 2009, l-intimati Carbonaro u Parlato Trigona, kontra kull regola ta` Ligi u ta` accountancy rules, gibdu s-somma ta` `il fuq minn sitta u tletin elf Euro (€36,000) f`kontanti minn fondi tas-socjeta` Winex Holdings Limited.

ix) Tnehhija allegatament ingusta mill-pozizzjoni tar-rikorrenti bhala direttur tas-socjeta` Regent Holdings Limited ;

x) Dikjarazzjoni falza li Ingrid Parlato Trigona kienet impjegata ta` Winex Holdings Limited ;

xi) Cahda ghat-talba tar-rikorrenti li jiehu responsabilita` ghall-preparazzjoni tal-financial statements minhabba l-multi li kienu qed jakkumulaw u awment fis-salarju ta` Anthony Parlato Trigona intenzjonat biex dan jaghmel xoghol ahjar u aktar efficjenti ;

xii) illi f`Lulju 2009, l-intimati abbuzaw mill-maggoranza fil-Bord ta` Windsor Holdings Limited biex ghaddiet rizoluzzjoni li tawtorizza lill-intimat Carbonaro sabiex jiffirma cheques favur il-partijiet li dehrilhom huma, selettivament u dan b`ezempju sfaccat ta` "backscratching" billi tnejn mit-tliet cheques sostanzjali kienu wiehed ghall-kumpanija ta` Carbonaro , cioe` WCO Limited u l-iehor ghal Parlato Trigona ;

xiii) illi f`Awissu 2009, Parlato Trigona sfaccatament bil-komplicita` tad-direttur l-iehor, l-intimat Edward Micallef irtira `il fuq minn ghaxart elef Euro (€10,000) mill-kont tal-kumpannija Winex Holdings Limited permezz ta` cheque 1213 ghal skop nebuluz ;

xiv) Tnehhija ta` viewing rights tar-rikorrenti f`Awissu 2009 ;

xv) Ammont ta` flus li sparixxew ammontanti ghal somma`il fuq minn ghaxart elef Lira Maltija (Lm10,000) mill-kumpanija Windsor Holdings Limited ;

xvi) Konflitt ta` interess u oltragg tad-doveri tad-direttur, u dana peress l-kera li TPT kienet thallas lil WCO Limited kienet tingabar minn ghand Winex Holdings Limited biex tghaddihom lil WCO bhala kera ghall-kamra b`mod illi effettivament il-kera lil WCO kien jinhareg minn Winex Holdings Limited. Fl-istess waqt, Carbonaro kien jichad il-firma tieghu ghall-pagament tad-debitu dovut minn Windsor Holdings Limited lil Winex Holdings Limited ;

xvii) Komplicita, Kunsens u approvazzjoni da parti ta` l-intimat Edward Micallef ;

xviii) Nuqqas ta` hlas ta` kera mill-intimat Edward Micallef u kollaborazzjoni da parti ta` Micallef, Carbonaro u Parlato Trigona sabiex is-somma qatt ma tasal minn ghand l-intimat Micallef ghal ghand Windsor Holdings Limited.

Qabel ma` jigu evalwati b` mod individwali u distint l-ilmenti hawn fuq riportati, ghandu jinghad li fid-dawl tal-principjі legali fuq esposti dwar *quasi partnership*, din il-Qorti hija tal-fehma li t-tlett rekwiziti imsemmija aktar `il fuq fit-taqsima tal-principjі applikabbli, japplikaw fil-kaz ta` Parade Limited u Regent Holdings Limited stante illi huwa ppruvat u pacifiku bejn il-partijiet illi (a) l-ghaqda bejn l-erba` diretturi u azzjonisti f` Regent Holdings Limited u l-ghaqda bejn iz-zewg diretturi u azzjonisti f` Parade Limited kienet iffurmata u kompliet bejniethom a bazi ta` relazzjoni personali li kienet tinvolvi fiducja reciproka. Tant hu veru illi l-ghaqda ta` bejn l-azzjonisti kienet ta` relazzjoni personali bazata fuq il-fiducja reciproka ghal hafna u hafna snin, illi meta spiccat il-fiducja ta` bejniethom, dik l-istess ghaqda sfaxxat fix-xejn ; (b) id-diretturi u azzjonisti kienu jippartecipaw fl-amministrazzjoni tan-negozju u (c) It-trasferiment ta` l-ishma huwa ristrett skond l-Artikoli 9, 10, 11 u 12 tal-Articles of Association ta` Regent Holdings Limited (fol 116 et seq) u ta` Parade limited (fol 57 et seq tal-process tal-kawza meta fi stadju ta` appell) rispettivament.

Ghalhekk kemm Parade Limited kif ukoll Regent Holdings Limited jistghu jitqiesu bhala *quasi-partnership*. Dwar Winex Holdings Limited, din il-Qorti ma tarax li dawn it-tlett elementi japplikaw anke minhabba li hemm ammont ta` azzjonisti differenti li ma kinux involuti fl-amministrazzjoni ta` dan in-negozju koncernanti din is-socjeta` (vide fol 165 et seq).

Fil-fehma tal-Qorti, dawn iz-zewg socjetajiet jikkwalifikaw bhala *"quasi partnership"* fejn hija haga xierqa u gusta li jigi rikonoxxut li r-rikorrenti kellhom interessi u aspettativi legittimi li jmorru oltre u `l hinn mis-sinifikat tal-"memorandum and articles" tas-socjetajiet in kwistjoni. Kif diga gie spjegat aktar qabel l-Art 402 hu ispirat mhux minn koncetti legalistici izda minn principji ta` ekwita` u gustizzji li jirrikonoxxu l-interessi u l-aspettativi legittimi li mmorru oltre mill-kelma tal-istatut tas-socjeta`. Dan qed jinghad stante li tali cirkostanza tista` timpingi fuq il-mod kif din il-Qorti sejra tezamina u tanalizza l-ilmenti fuq rapportati.

Din il-Qorti sejra issa tghaddi biex tevalwa l-ilmenti b` mod separat u distint.

**<u>Dwar l-ilment ta` konflitt ta` interess,</u>** ir-rikorrent jallega illi hemm konflitt ta` interess ta` Carbonaro li kien jikkonduci attivita` tal-Konsolat ta` Tajlandja mill-ufficcji tas-socjetajiet in kwistjoni . Isostni li peress li Carbonaro ghamel zmien nieqes mill-ufficcju, dan ghamel arrangament ma` Parlato Trigona sabiex jiehu hsieb din l-attivita` fl-assenza tieghu. Jallega li din l-attivita` kienet qed tikkaguna *disruptions* u konfuzjoni fil-hin ta` Parlato Trigona.

Din il-Qorti, minghajr ma toqghod tidhol fil-battibekki li nholqu dwar din il-kwistjoni u dwar jekk effettivament Parlato Trigona kienx impjegat *full time* jew *part time* ma` uhud mis-socjetajiet in kwistjoni, taghmilha cara li hija ma tarax li l-fatt li kienet ghaddejja l-attivita` tal-Konsolat ta` Tajlandja minn xi ufficcji ta` uhud mis-socjetajiet in kwistjoni, hija raguni fondata u sufficjenti biex tintlaqa` talba ai termini ta` l-Art 402 tal-Kap 386. Dan qed jinghad ghal diversi ragunijiet. Fl-ewwel lok, din l-attivita` kienet ilha ghaddejja sa minn qabel ma` gew iffurmati dawn is-socjetajiet u r-rikorrenti kien ben konsapevoli ta` din l-attivita`. Ma tressqux provi li tressqu mozzjonijiet fil-Bord tad-Diretturi tas-socjetajiet rispettivi sabiex din l-attivita` tieqaf tigi gestita minn dak l-ufficcju jew sabiex parti mill-qliegh ta` din l-attivita` jigi moghti lis-socjetajiet jew uhud minnhom.

Ghal kuntrarju, irrizulta li l-istess rikorrenti u l-intimati l-ohra ilkoll kienu jaghmlu xoghol privat taghhom f` dawn l-istess ufficini u dana b` konsapevolezza u akkwixxenza ta` kulhadd. In oltre, mid-dokumenti mressqa bhala Dok WC10 irrizulta li kienu jinhargu medja ta` 14-il visa fil-gimgha li circa nofshom kienu jigu processati mill-istess Carbonaro. Din il-Qorti ma tarax li b` tali attivita` li qatt ma sar ilment dwarha hlief xhin beda jinqala` l-inkwiet u d-dizgwid bejn il-kontendenti, seta` jkun hemm kunflitt ta`

interess li ghandu jigi kkunsidrat bhala lment validu u fondat ai fini ta` din il-procedura.

**Dwar il-ilment ta` *dereliction of duties* u multi**, ir-rikorrent ighid li kien hemm dewmien kroniku da parti ta` Parlato Trigona biex ihejji l-*management accounts* u jipprezentahom lill-awdituri. Sostna li Parlato Trigona bhala segretarju tal-kumpanniji kellu r-responsabbilita` ai termini ta` l-Artikolu 72 tal-Ewwel parti tal-Ewwel Skeda tal-Ligi dwar il-Kumpaniji li jissottometti dawn id-dokumenti lill-awtoritajiet.

Madanakollu, din il-Qorti ma tikkondividix ma` dak sottomess mir-rikorrenti li kien proprju u eskluzivament il-hrug ta` visas li tellef serjament lil Parlato Trigona tant li dan issottometta l-*accounts* tas-socjetajiet b` mod tardiv bil-konsegwenza li s-socjetajiet inkorrew multi. Din il-Qorti hija tal-fehma li ghalkemm huwa minnu li gew inkorsi varji multi, dawn kienu ilhom isehhu ghal diversi snin. Ghandu jinghad illi r-rikorrenti ghazel li jagixxi biss wara tant snin li kienu ilhom jigu nkorsi multi. Din il-Qorti ma taqbilx ma` l-allegazzjoni li r-rikorrenti ma kienx jaf b` dawn il-multi (vide f` dan ir-rigward Dok WC11 minn fejn jirrizulta li MFSA kienet ilha mill-2001 tikteb direttament lil Vassallo dwar dawn il-multi). Huwa evidenti li r-rikorrenti agixxa fiz-zmien meta inqala` d-dizgwid.

Kien wkoll jinkombi fuq l-istess rikorrenti fil-vesti tieghu bhala direttur u azzjonist sabiex jistharreg ir-raguni ghalfejn kien qed isir dan id-dewmien u jagixxi biex dan id-dewmien ma jibqax isehh. F` dan ir-rigward, gustament l-intimati Carbonaro rreferew ghal provvediment moghti minn din il-Qorti hekk kif ippreseduta fit-13 ta` Jannar 2011 fil-kawza fl-ismijiet "**Ronald Azzopardi vs Taormina Holdings Limited et**". Hemm kien inghad :-

*Prof. Andrew Muscat fil-pagna 507-509 ta`* ***Principles of Maltese Company Law*** *ighid hekk –*

*As a general rule, the directors are obliged to ensure that the accounts are drawn up clearly and in accordance with the provisions of the Act and with generally accepted accounting principles and practice. An overriding principle, however, is that the accounts must give a truie and fair view of the company`s assets, liabilities, financial position and profit or loss … The company`s annual accounts should be approved by the voard of directors and the balance sheet should be dated and signed on behalf of the board by two directors of the company. Every copy of the balance sheet which is laid before the company in general meeting or which is otherwise circulated, published or issued is to state the name of the directors who signed the balance sheet on*

*behalf of the board. The same directors are to sign, on behalf of the board, the copy of the balance sheet which delivered to the Registrar.*

*Directors need to exercise considerable caution in relation to the approval of the annual accounts. Indeed, if accounts are approved which do not comply with the provisions of the Companies Act every director of the company who was party to their approval and who knew that they did not sso comply or was negligent as to whether or not they so complied is liable to a penalty. For the purposes of this rule, every director at the time the accounts were approved is considered to be a party to their approval unless he proves that he took all reasonable steps to prevent their being approved … .**Ir-rikorrent ma kienx semplici azzjonista izda direttur wkoll fiz-zmien tal-accounts in kwistjoni.** Kien obbligu tieghu li jinsisti, anke permezz ta` fakoltajiet li taghtih il-ligi, ma` min kien mieghu fil-bord dak iz-zmien sabiex jassikura li l-accounts jigu approvati kif trid il-ligi. Mhux iqieghed kollox fil-genb sa ma tinqala` l-problema, snin wara, kif fil-fatt gara.*

*Anke minn analizi tad-diversi disposizzjonijiet tal- Kap.386 inkluzi dawk diga` citati, wiehed isib li hemm artikoli fejn il-ligi stess introduciet flessibilita` u tat lill-Qrati diskrezzjoni wiesgha sabiex tiddeciedi, bhal fil-kaz tal- Art.402 fejn l-ekwita` aktar milli r-rigidita` tal-ligi trid li jkun assikurat id-dritt tal-azzjonista specjalment dak ta` minoranza, fl-istess waqt hemm ohrajn relatati mad-dmirijiet tad-diretturi, iz-zamma u l-approvazzjoni tal-kontijiet, ir-rwol tal-awdituri, il-funzjoni tal-laqgha generali u ohrajn fejn id-disposizzjonijiet huma dettaljati u rigidi u fejn inadempjenza twassal ghal pieni vis-a- vis ir- Registratur tal-Kumpanniji.Ir-rwol ta` din il-Qorti mhuwiex li toffri soluzzjoni kif donnu qieghed jippretendi r-rikorrent, anke jekk din ma tkunx konformi ma` dak li talab, izda li tghid jekk bil-provi akkwiziti jirrizultawx fondati t-talbiet tar-rikorrent ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u cioe` l-Art.402 tal-Kap.386, fuq liema disposizzjoni qieghed jistrieh sabiex isostni t-talbiet tieghu.*

*Kollox meqjus din il-Qorti tghid li dan tal-lum mhux kaz fejn hi ghandha tintervjeni ghaliex ma rrizultax li l-kumpannija jew l-azzjonista ta` maggoranza (li fiz-zmien in kwistjoni kienet debitament rapprezentata fil-bord tad-diretturi) ikkommettiet abbuz, kif intiz ghall-fini tal-Art.402, kif lamentat mir-rikorrent a skapitu tal-istess rikorrent, li kien minn dejjem azzjonista ta` minoranza izda wkoll direttur. Lanqas fuq bazi ragonevoli ta` probabilita`, ma huwa dan kaz fejn tirrizulta prova ta` agir oppressiv, ngustament diskriminatorju u/jew ngustament pregudizzjevoli fil-konfront tar-rikorrent u fejn allura ghandha tkun din il-Qorti li taghti rimedju.*

Fil-fehma ta` din il-Qorti, il-multi gew inkorsi minhabba l-mod kemmxejn irregolari u informali li bih kienu jitmexxu dawn is-socjetajiet. Stante r-relazzjoni ta` amicizja u bejn uhud anke ta` parentela, ezistenti bejn

Vassallo, Carbonaro, Parlato Trigona u Micallef, kien hemm informalita` kbira dwar kif jigu mmexxija dawn is-socjetajiet. Irrizulta wkoll li dawn l-erba` persuni, apparti x-xoghol individwali u professjonali taghhom stess, kienu wkoll involuti fi progetti kbar ta` zvilupp fir-rigward ta` l-istess socjetajiet. Ghalhekk, fil-fehma ta` din il-Qorti, f` dan l-isfond ta` fatti, ma jistax jigi meqjus li ngabet prova inkonfutabbli li dan id-dewmien sehh minhabba xi *dereliction of duties* ta` Parlato Trigona.

Din il-Qorti hija aktar propensa li tahseb li kull wiehed minn dawn l-erba` persuni kienu konsapevoli ta` dawn il-problemi sabiex jigu ppreparati l-*accounts* f` xenarju tant informali, illi xhin kienu jqisu l-profitt kbir li kien qed jirrendi n-negozju taghhom, kienu jargumentaw li tali multi ghandhom jigi nkorsi u kkunsidrati bhala spejjez li jaghmlu dawn il-kumpaniji. Barra minn hekk, ghandu wkoll jigi ravvizat li r-rikorrenti lanqas ma gab prova li d-dewmien kien biss isehh minhabba l-agir ta` Parlato Trigona. Kif huwa ben maghruf, tali dokumenti jridu jigu ezaminati mill-awdituri, u kif ukoll ghandhom jinghataw ghal approvazzjoni u firem tad-diretturi, qabel ma` finalment jigu sottomessi lill-awtoritajiet kompetenti. Mill-provi prodotti, ma tressqux provi konvincenti li dan id-dewmien kien isehh tort ta` Parlato Trigona. Ghal kuntrarju, uhud mill-intimati stess ammettew li kien hemm okkazzjonijiet fejn kien l-istess rikorrenti li jkun dam ma` iffirma dawn id-dokumenti ta` l-accounts, kif ukoll li kien hemm okkazzjonijiet fejn id-dewmien kien isehh peress li d-dokumenti kienu jdumu biex jigu ezaminati mill-awdituri.

Fl-isfond ta` dan kollu, din il-Qorti ma tarax li tista` tqis din l-allegazzjoni bhala fondata ai termini ta` din il-procedura.

**Dwar l-ilment tal-isfruttament tal-infrastruttura**, jinghad mir-rikorrenti li kien hemm xi infrastruttura li giet abbuzata minn Parlato Trigona u lCarbonaro. Madanakollu, ir-rikorrenti naqas li jressaq provi dwar dan l-ilment, hlief li baqa` jirrepetti illi minn dawn l-ufficini kienet qed issir l-attivita` tal-Konsulat tat-Tajlandja. Kuntrarjament ghar-rikorrenti, l-intimati ressqu provi dokumentarji ezebiti a fol 624 sa 629 dwar il-kiri ta` l-ufficju, u inventarju ta` l-ghamara u ta` l-infrastruttura elettronika kif ukoll l-oggetti l-ohra li jisabu fil-fondi in kwistjoni. Jidher li dawn kienu proprjeta` ta` uhud mill-intimati. In oltre, irrizulta li kemm Parade Limited u kif ukoll Regent Holdings limited ma kellhiex infrastruttura fl-edifiziji minnhom uzati bhala l-ufficju taghhom u kienu huma stess jisservew mill-infrastruttura tal-intimati.

**Dwar l-ilment ta`t-tfixkil fil-hrug tad-dividend ta` Winex Holdings Limited**, ir-rikorrenti insista li kien l-intimat Carbonaro li ostakola l-hrug tal-ewwel *dividend* bil-ghan li jaqta` qalb huh li huwa azzjonist f` Winex Holdings Limited u b` hekk jikkonvincih ibieghlu l-azzjonijiet tieghu bi prezz irhis. Ir-rikorrenti sahaq illi l-azzjonisti ta` Winex Holdings Limited kienu dizappuntati u preokkupati li ma nghatawx *dividends*. Biex jipprova dan il-punt, ma tressqux dawn l-azzjonisti li allegatament kienu tant dizappuntati u preokkupati.

Dak li effettivament irrizulta huwa illi xhin intalab li ssir votazzjoni dwar dan il-punt, jekk jinharigx *dividend* ommeno, ir-rizultat kien li effettivament inhareg *dividend*. Il-fatt li Carbonaro vvota kontra li jinghata dak id-*dividend* ma jistax jitqies bhala xi agir oppressiv jew diskriminatorju, stante li bhala direttur, Carbonaro kellu kull dritt li ma jaqbilx anke tenut kont li kien hemm xi djun li l-istess socjeta` kellha thallas.

In oltre, ma tressqux provi sodisfacenti illi fil-perijodu li allegatament Carbonaro kien imhajjar jakkwista l-azzjonijiet ta` Leonard Vassallo, is-socjeta` Winex Holdings Limited kellha assi sufficjenti biex jinhargu f` dak l-istess zmien xi dividends. Dan kien semmai jinkombi fuq ir-rikorrenti bil-ghan li jipprova l-allegazzjoni tieghu.

Ghaldaqstant, lanqas dan l-ilment huwa nfondat.

**Dwar l-ilment ta` konflitt ta` interess bejn Windsor Holdings Limited u Winex Holdings Limited**, ir-rikorrenti sostna li Windsor Holdings Limited kellha taghti lis-socjeta` Winex Holdings Limited is-somma ta` `l fuq minn EUR 10,000 izda fl-istess nifs, ir-rikorrenti qatt ma ta rendikont dwar kif wasal ghal tali figura. Mill-banda l-ohra, skont dokument WC 15 ( fol 638) fl-2007, kien hemm Lm 2,409.56c li kienu dovuti lis-socjeta` Winex Holdings Limited, liema dokument kien mahrug minn l-accountant Carm A Fenech. Jinghad li kien hemm tentattiv sabiex din il-kwistjoni dwar kemm kien l-ammont dovut lis-socjeta` Winex Holdings Limited tigi risolta permezz ta` arbitragg, izda dan ma sehhx u ghalhekk baqghet pendenti din il-kwistjoni dwar kemm kien l-ammont attwalment dovut.

Din il-Qorti tara li setghu tressqu provi ahjar da parti tar-rikorrenti biex jispjega lil din il-Qorti minn fejn wasal ghall-ammont ta` EUR 10,000 (u imbaghad fl-addendum anness ma` l-affidavit tieghu dan l-ammont awmenta ghal EUR 15,000) u b` hekk ikun jista` jipprova ahjar l-allegazzjoni tieghu li l-erba` membri tal-familja Carbonaro li kienu jagixxu bhala diretturi kienu

qed jigbdu habel li jaqbel lilhom u mhux lis-socjeta` Winex Holdings Limited. Madanakollu, din il-Qorti tifhem  ukoll li kien hemm dan id-dizgwid bejn dawn is-socjetajiet dwar il-kwantum ta` l-ammont dovut u ghalhekk dan id-dizgwid kien lok ghal pregudizzju soffert mis-socjeta` Winex Holdings Limited.

**<u>Dwar l-ilment ta` debiti mhallsa wara decizjoni tal-Bord tad-Diretturi ta` Windsor Holdings Limited,</u>** ir-rikorrent ighid kien hemm abbuz fejn Carbonaro u Parlato Trigona uzaw il-vot maggoritarju taghhom fil-Bord tad-Diretturi ta` Windsor Holdings Limited, biex approvaw lil WCO u lil Parlato stess ammonti ta` EUR 10,000 kull wiehed waqt li minhabba pika ma approvawx talba ta` Eleanor Limited ghal hlas ta` kreditu li dwaru kien hemm qbil. kien ma` l-intimat

Din il-Qorti gia` rriteniet li kwistjonijiet relatati ma` Windsor Holdings Limited u d-decizjonijiet moghtija fil-Bord tad-Diretturi taghha ma ghandhomx jigu kkunsidrati f` din il-procedura peress li t-talbiet fir-rigward ta` l-istess socjeta` gew gia` michuda.

Din il-Qorti ma gietx fornita bi *breakdown* dwar kif gew ikkalkolati dawn l-ammonti dovuti sabiex wiehed ikun jista` jqies jekk tali ammonti kinux attwalment dovuti jew le. Lanqas ma tressqu provi dwar ghalfejn tali debiti gew ikkunsidrati u *settled* qabel debiti ohra li l-istess Windsor Holdings Limited kellha ma` Winex Holdings Limited, hlief forsi li tressaq argument li dak li kien dovut lil Winex Holdings Limited ma kienx hemm qbil dwaru.

Din il-Qorti qed tifhem li kien qed ikun hemm varji ammonti dwar djun li kienu qed ikun hemm dizgwid dwarhom. Jidher ukoll li kienu qed jittiehdu decizjonijiet fejn certi krediti kienu qed jigu maqbula waqt li ohrajn kienu jibqghu kontestati.

**<u>Dwar l-ilment ta` gbid ta` flus f` kontanti minn fondi ta` Winex Holdings Limited,</u>** ir-rikorrent isostni li ntilfet l-*audit trail*  peress li minflok ma` nhargu cekkijiet bhalma solitament kien isir, ammont ta` flus ekwivalenti ghal *dividends*  tat-tlett azzjonisti Parlato Trigona, Carbonaro u Micallef inhargu fi flus kontanti. Huwa minnu li huwa ahjar li jinhargu cekkijiet biex l-ammonti jkunu jistghu jigu rintraccati imma fil-fehma ta` din il-Qorti, dan ma jipprekludix li jinhargu ammonti fi flus kontanti.

Irrizulta li d-*dividend* dovut lil Vassallo ukoll thallas lilu u li dan accettah. Ghalhekk huwa kemmxejn inopportun li wara li accetta l-istess *dividend*, Vassallo beda jilmenta dwar kif gie dikjarat dan id-*dividend*.

Jigi notat illi dak li sehh kien li l-Bord tad-diretturi ta` Regent Holdings Limited kienu kkonfermaw waqt laqgha mizmuma fil-15 ta` Mejju 2009 illi : *"It was proposed that as in the past, Regent Holdings would in future continue to distribute dividends from those distributed by Winex Holdings, but after deducting an allowance for estimated yearly expenses. This was agreed to by the board, with Mr Vassallo abstaining."*

Irrizulta li imbaghad waqt laqgha sussegwenti ta` l-10 ta` Gunju 2009, izda wara li kien tnehha minn direttur Raymond Vassallo, gie dikjarat illi: *"Dividend was discussed. It was explained that this had already been approved at the last meeting, (15/05/2009). The dividend distributed by Winex was 12.5% as in the previous year. The amount of EUR 38,609.36 net was then declared interim."*

Din il-Qorti tqis li ladarba l-Bord tad-Diretturi kien approva li *dividends* jibqghu jinhargu wara li titnaqqas somma rapprezentanti spejjez li jsiru, id-diretturi kellhom dritt li jiddikjaraw *dividends* minghajr ma` ssir *general meeting* apozitu. Dana qed jinghad in vista tal-fatt li peress li fl-*articles of association* ma kienx hemm imnizzel dwar liema organu ghandhu jiddikjara l-hrug ta` *dividends,* huma d-diretturi in vista tal-artikolu 137(3) tal-Kap 386 li ghandhom din l-awtorita.

Lanqas ma hija fondata l-allegazzjoni ta` Vassallo fis-sens li l-hrug ta` cekk kien jinnecessita l-firem ta` l-erba` persuni ossija Vassallo, Parlato Trigona, Micallef u Carbonaro, peress li rrizulta li cekk kien jinnecessita zewg firem ta` kwalunkwe minn dawn l-erba` persuni.

**<u>Dwar l-ilment tat-tnehhija tar-rikorrent minn direttur,</u>** il-Qorti taghmel riferenza ghall-**<u>Principles of Maltese Company Law</u>** pag.976 fejn jinghad hekk :

*"In a number of foreign cases, the courts have held that despite the statutory right of members to remove a director from office by a majority of votes, a member in the "quasi-partnership" type of private companies has an interest in the continued participation in the management of the company and that removal from that position in circumstances where there is an expectation*

*of participation can amount to unfairly prejudicial conduct, unless of course the expulsion has been for a good and sufficient reason".*

Id-dritt tal-membru jew membri li ghandhom maggoranza tal-voti, u cioe` ta` iktar minn hamsin fil-mija tal-jeddijiet tal-vot, jinsab fl-Artikolu 140 ta` l-Att dwar il-Kumpanniji.

L-Art 140(1) tal-Kap 386 jiddisponi illi :

*Kumpanija tista` tnehhi Direttur qabel ma jghaddi z-zmien tal-kariga tieghu b`rizoluzzjoni Ii tittiehed f`laqgha generali tal-kumpanija u mghoddija minn membru jew membri Ii jkollhom iI-jedd Ii jattendu ghaliha u jivvotaw, Ii flimkien ikollhom mhux inqas minn hamsin fil-mija tal-valur nominali ta` l-azzjonijiet rapprezentanti u li jaghtu l-jedd ghal vot fil-laqgha.*

Il -ligi taghti d-dritt lil min ghandu l-maggoranza ta` l-ishma li jnehhi direttur. L-Art 140 ma jirrikjediex li jkun hemm raguni valida ghat-tnehhija ta` Direttur. Inoltre dan id-dritt hu imsahhah minn dak li hemm provvdut fis-sub-artikolu 2 ta` l-istess artikolu li *d-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) ghandhom japplikaw minkejja kull haga li tinsab fil-memorandum jew l-istatut tal-kumpanija jew f`xi ftehim bejnha u d-direttur.*

Fis-sentenza li tat il-Qorti ta` l-Appell fil-31 ta` Jannar 2003 fil-kawza "**<u>Philomena Ellul vs Charles Ellul pro et noe</u>**" inghad :-

*Ma jistax jinghad pero` li azzjoni bhal tnehhija ta` direttur li tinsab accettata u rikonoxxuta mill-ligi taht l-artikolu 140 tal-1995 tista` tkun oppressiva, ingusta u diskriminatorja. .....Il-protezzjoni li jaghti l-artikolu 402 hi dik lill azzjonisti ta` socjeta` jipprotegu id-drittijiet taghhom fejn huma ma jkollhomx kontroll u minhabba f`hekk ikunu soggetti ghar-rieda ta` dawk li ghandhom ishma aktar. Din il-protezzjoni tapplika ghall- azzjonista kemm jekk rapprezentat permezz ta` direttur u kemm jekk le. In-nuqqas ta` rappresentanza fit-tmexxija ta` kumpanija ma hux fih innifsu att opprimenti, ingust jew diskriminatorju ghax kieku hafna kumpaniji huma hekk. Li wiehed ikollu ishma f`kumpanija ma jaghtihx dritt assolut li jkollu rappresentanza fil-kumpanija. Il-protezzjoni gudizzjarja taht l-artikolu 402 ta` l-azzjonista minoritarju hi li dawk l-atti kommessi minn min jikkontrolla l-ishma maggoritarji ma jaghmlux atti opprimenti, ingusti u diskrimintarji. Kif gja` inghad it-tnehhija ta` direttur hi azzjoni prevvista u accettata mill-ligi, li ma tnaqqasx id-dritt ta` azzjonista minoritarju milli jikkontrolla l-operat ta` azzjonista`*

*maggoritarju. It-tnehhija ta` direttur ma tistax tigi kkonsidrata bhala li tippregudika l-interess tal-azzjonista minoritarju billi d-drittijiet tieghu jibqghu impregudikati.*

Ta` l-istess portata kien il-provvediment ta` din il-Qorti kif ippreseduta fid-9 ta` Gunju, 2011 fil-kawza "**<u>Lonavi Properties Limited *kontra* Balkan Power Invest Holding Limited et"</u>** :

*"In-nuqqas ta` rappresentanza fit-tmexxija ta` kumpannija mhux per se att ta` opprimenti, ingust jew diskriminatorju. Li wiehed ikollu ishma f`kumpannija ma jaghtix dritt assolut lil azzjonista li jkollu rappresentanza fit-tmexxija ta` kumpannija. Il-protezzjoni gudizzjarja ta` l-azzjonista minoritarju hija fis-sens li min jikkontrolla l-ishma maggoritarji ma jikkommetti atti li jopprimu b`mod ingust u diskriminatorju lil min jippossjedi l-minoranza tal-ishma.*

Irrizulta li, fiz-zewg istanzi, it-tnehhija ta` Vassallo minn direttur saret hekk kif dokumentata fil-minuti tal-laqghat generali a fol 645 u 646 tal-process, in linea ma` dak dispost fl-artikolu 140 tal-Kap 386. Ghalhekk, jidher li f` Winex Holdings Limited, tmexxiet il-procedura ta` tnehhija ta` direttur ai termini ta` dak stipolat mil-ligi.

Dwar il-kaz ta` "*quasi-partnership*" fir-rigward ta` Regent Holdings Limited, din il-Qorti ghandha imbaghad tmur oltre u trid tara a) jekk hemmx ic-cirkostanzi li d-direttur, u cioe` r-rikorrent, li gie mnehhi minn direttur, ghadx ghandu l-aspettattiva li jibqa` jippartecipa fl-amministrazzjoni tal-kumpannija, u b) kienx hemm raguni valida ghat-tnehhija tieghu. Fil-kaz ta` "*quasi-partnership*", din il-Qorti ghandha imbaghad tmur oltre u trid tara a) jekk hemmx ic-cirkostanzi li d-direttur, u cioe` r-rikorrent, li gie mnehhi minn direttur, ghadx ghandu l-aspettattiva li jibqa` jippartecipa fl-amministrazzjoni tal-kumpannija, u b) kienx hemm raguni valida ghat-tnehhija tieghu.

Ghar-rigward tal-punt a) hawn fuq, l-istess rikorrent wera bic-car f` punt numru 7 tar-rikors odjern a fol 7 tal-process, illi huwa ghamel proceduri li jafu jwasslu anke potenzjalment ghax-xoljiment ta` Regent Holdings Limited. Jigi osservat ukoll li t-tnehhija ta` Vassallo mill-Bord iddisturbat il-bilanc fl-ugwaljanza bejn Vassallo, Carbonaro, Parlato Trigona u Micallef statne li l-artikoli tas-socjeta` kienu cari li l-intenzjoni kienet li din l-ugwaljanza kellha tkopri mhux biss l-ishma izda anki t-tmexxija, tant li l-htiega ta` vot` ta` 80% biex jittiehdu decizjonijiet kemm fil-Bord u anki tal-

laqghat generali kienet intiza biex l-ebda wiehed minn dawn l-erba` ma jithalla barra.

Ghar-rigward tal-punt b) aktar `l fuq, jidher illi diga kien beda l-inkwiet bejn l-erba` azzjonijisti u minhabba li kienet qed tigi kkwazata sitwazzjoni ta` *deadlock* fil-Bord tad-Diretturi, gie deciz li jitnehha Vassallo. Madankollu xorta jibqa` l-fatt li t-tkeccija tieghu ma kenitx l-ahjar mod ta` kif wiehed minn erbat ihbieb jispicca mill-kumpannija wara tant snin ta` xoghol, specjalment jekk wiehed jiehu kont tal-fatt illi s-socjeta` tista` titqies *"quasi-partnership"*. Ir-rikorrent kellu certu aspettattivi minnhom. Irrizulta car mill-provi li l-*mutual confidence* kif ukoll l-aspettativi personali ta` l-azzjonisti fil-kumpaniji ntimati spiccat ghal kollox.

Illi fil-fehma ta` din il-Qorti, ir-reazzjoni tal-intimati fi hdan il-kumpanija Regent Holdings Limited ma kelliex tkun tali li twassal lir-rikorrenti jigi imwarrab mill-istess socjeta` biex b`hekk jiehdu l-istess socjeta` f`idejhom. Illi hu proprju dan it-tip li ma jippermettix l-Art 402 tal-Kap 386 fuq riferit. Ghalhekk il-lanjanza tar-rikorrenti f`dan ir-rigward timmerita l-avall ta` din il-Qorti.

Specifikament dwar din il-kwistjoni, fil-pagna 469 tal-***Farrar`s Company Law*** jinghad hekk –

*… to ensure that in any conflict of interest the directors are not too ready to subordinate the company`s interest to some personal interest of their own. Thus in Whyte, Petitioner proposed alterations to the composition of the board were restrained where there was a danger that the newly composed board would move to compromise litigation which the company had commenced. Likewise in Re a Company (No 008699 of 1985) the court thought an action would lie if it could be shown that the board`s conduct in relation to a particular takeover bid had been motivated by a desire to see it fail in order that a bid of their own might succeed.*

Fis-sentenza Ingliza **"Loch v Blackwood"** ([1924] A.C. 783) il-Qorti sabet illi mhux rikjest *"a grave degree ofmisconduct"* biex taghti rimedju taht dak li fil-ligi taghna huwa l-Art.402. Is-sentenza tghid li *"the loss of confidence by the shareholders in the management of the company would be enough to constitute breach of duty by the company directors"*.

Infatti, irrizulta mill-provi li l-komunikazzjoni bejn ir-rikorrenti u l-ohrajn spiccat fix-xejn. Minn qari ta` uhud mid-dokumenti ezebiti bhala

minuti ta` laqghat li nzammu, irrizulta li dawn il-kontendenti m`huma jaqblu f`xejn anki ghal dak li jirrigwarda d-*day to day running* u t-tmexxija tan-negozju. Illi bla ebda dubju rrizulta li bejn l-azzjonisti, il-posizzjoni attwali hija li m`hemm qbil fuq xejn, li sahansitra wassal sabiex ghal xi *board meetings,* anke attendew avukati rispettivi tal-partijiet.

**<u>Dwar l-ilment li kien simulate l-impieg ta` Ingrid Parlato Trigona mas-socjeta` Winex Holdings Limited</u>**, il-Qorti sejra wkoll tiskarta dan l-ilment bhala wiehed infondat u bla ebda bazi. Dan qed jinghad peress li mid-dokumentazzjoni ezebita mill-intimati irrizulta illi Vassallo fl-2006 kien iffirma l-formula ta` l-impieg ta` Ingrid Parlato Trigona relatata ma` l-impieg taghha ma` Windsor Holdings Limited (Dok WC 23). Irrizulta li huwa kien ukoll jiffirma c-cekk tas-salarju ta` l-istess Ingrid Parlato Trigona (Dok WC 24). Inoltre, Vassallo kien partecipi ghal-ftehim li sehh bejn is-socjeta Windsor Holdings Limited u Winex Holdings Limited sabiex l-impjegati jigi trasferiti minn Windsor Holdings Limited ghal fuq Winex Holdings Limited.

Jigi osservat ukoll li Vassallo kellu wkoll sa dak iz-zmien id-dritt li jivverifika t-transazzjonijiet li kienu jsiru fil-kontijiet bankarji u kien ukoll jiffirma l-accounts ta` Winex Holdings Limited. Ghalhekk, huwa ferm difficli li l-verzjoni ta` Vassallo li huwa sar jaf f` Gunju tal-2009 li Ingrid Parlato Trigona kienet impjegata ma` Winex Holdings Limited, tigi meqjusa bhala kredibbli.

**<u>Dwar l-ilment ravvizat fir-rikors promotur nru 5 (xi)</u>** Vassallo insista li kien gie propost awment fis-salarju ta` Parlato Trigona bil-ghan li dan ma jibqax jahdem fl-ufficju li minnu kien qed jahdem kif ukoll jitbieghed mill-konsolat tat-Tajlandja.

Meta jigu analizzati l-minuti tal-laqgha tat-8 ta` Jannar 2007 irrizulta li gie iftiehem li Parlato Trigona kellu jkollu *flexible hours* marbutin ma` *accountability for late submittals.* Gie wkoll miftiehem illi *Winex would vacate present office…would maybe seek an independent office for itself.* Dan ifisser li Winex Holdings Limited kellha titlaq minn l-ufficju li kellha u in fatti, hekk sar. Jaghmel sens dak li xehed Anthony Parlato Trigona fis-sens li kien ta` vantagg ghas-socjeta` li tiffranka l-kiri ta` ufficju independent milli tikri wiehed aktar u aktar meta dan kien ikollu joqghod jigri minn hawn ghal hemm il-hin kollu.

Jidher ghalhekk li d-decizjoni mehuda hekk kif rapportata fil-minuti giet attwata.

Dwar l-ilment li giet michuda t-talba ta` Vassallo li jinghata responsabilita` ghal preparazzjoni tal-*financial statements* ta` Winex Holdings Limited, ghandu jinghad li din il-proposta saret wara li Parlato Trigona kien ta r-rizenja tieghu. Madanakollu, jidher li ma kienx hemm qbil li dan kellu jigi mahtur f` din il-kariga anke peress li meta agixxa bhala Segretarju ta` Winex Holdings Limited u ta` Regent Holdings Limited, l-istess Vassallo ma kienx zamm minuti u kien hemm ukoll dewmien fil-prezentazzjoni ta` l-accounts mal-MFSA. Jigi ribadit li l-fatt li t-talba ta` Vassallo li jiehu hsieb il-*financial statements* ma gietx accettata, ma jfissirx li dan kien jammonta ghal xi att oppressiv, ingust u diskriminatorju.

**<u>Dwar l-ilment tac-cheque bin-nru 1213,</u>** ir-rikorrent ighid illi f`Awissu 2009, Parlato Trigona sfaccatament bil-komplicita` tad-direttur l-iehor, l-intimat Edward Micallef irtira `il fuq minn ghaxart elef Euro (€10,000) mill-kont tal-kumpannija Winex Holdings Limited permezz ta` cheque 1213 ghal skop nebuluz.

Mill-banda l-ohra, l-intimati sostnew hekk kif daltronde kkonferma wkoll fix-xhieda tieghu r-rikorrenti Vassallo illi bhala segretarju tal-kumpanija Winex Holdings Limited, Parlato Trigona kien jamministra l-*petty cash* u dan kien ta` sikwit jizborsa flus minn butu u wara jigi rimburzat minn zmien ghal zmien. Gie sostnut li dan ic-cekk kien jirraprezenta dan ir-rimborz.

Minkejja tali allegazzjoni, ma tressqux provi dwar x` kienu dawn l-ispejjez u rendikont ta` l-istess, hlief ghal dokument li fih hemm imnizzel li kien hemm dan id-debitu (Dok APT1 a fol 698) minghajr ma` gie korraborat bl-ebda rcevuti. Huwa minnu li Vassallo kien jiffirma il-*financial statements* , izda huwa kellu kull dritt li bhala direttur, jigi moghti rendikont dettaljat ta` fiex kienu jikkonsistu dawn il-flejjes dovuti lil Parlato Trigona.

**<u>Dwar l-ilment tat-tnehhija tal-viewing rights fl-internet banking,</u>** il-Qorti sejra tinkwadra l-ilment biss fir-rigward ta` Winex Holdings Limited biss.

Dawn effettivament irrizulta li tnehhew lil Vassallo peress li dan kien iccirkola ma` l-azzjonisti li l-hrug tac-cekk fl-ammont ta` EUR 10,461 kien

sar b` mod indebitu u peress li kien irrizulta li Vassallo kien kixef ma` terzi, informazzjoni kunfidenzjali dwar Winex, Windsor u Regent Holdings Limited. Madanakollu, l-intimati minkejja li pprezentaw Dok WC 19 li huwa sensiela ta` emails, ma ressqux provi fosthom l-istess terzi persuni li allegatament Vassallo kixef maghom tali informazzjoni sensittiva u kunfidenzjali.

Ghandu jinghad li ma ngabitx prova sodisfacenti lil Qorti li d-decizjoni li Vassallo jitnehhewlu dawn il-*viewing rights* kienet wahda motivata b` ragunijiet gusti. Ghalkemm, din il-Qorti taqbel illi direttur awtomatikament ma ghandhux dritt li jkollu *viewing rights,* il-fatt hu li Vassallo kien inghata dan id-dritt u ghalhekk, ma jistghux dawn jitnehhew minghajr ma jkun hemm raguni valida.

L-argument li imbaghad wara li tnehha minn direttur, Vassallo bhala azzjonist ma kellux dritt ghal dawn il-*viewing rights* lanqas ma huwa fondat stante li dawn il-*viewing rights* tnehhew fiz-zmien meta dan kien ghadu direttur u meta kien igawdi minn tali dritt li tnehhielu minghajr l-ebda preavviz.

Din il-Qorti tifhem li t-tlett intimati Micallef, Parlato Trigona u Carbonaro kienu qed jigu urtati minhabba d-diversi mistoqsijiet li kien qed ipoggi quddiemhom Vassallo. Jidher li dawn it-tlieta baqghu sodisfatti li s-socjetajiet jibqghu jitmexxew b` mod informali u b`mod li jkun hemm fiducja totali bejn il-partijiet, tant li jekk Parlato Trigona jsostni li kien nefaq ammont ta` flus, dan jigi accettat *no questions asked.* Dan iktar u iktar fic-cirkostanzi vigenti f` Winex Holdings Limited fejn jidher li kien beda jsir gwadann minn dan il-progett. Madanakollu, Vassallo ried spjegazzjonijiet kif kellu semmai kull dritt li jitlob. Jidher li dan l-issindikar ta` Vassallo beda jdejjaq lil ohrajn u b` hekk dawn ippruvaw jaghlqu halq Vassallo billi nehhewlu d-dritt li jara x` kien qed jigri fil-kontijiet bankarji.

B` dan kollu, din il-Qorti mhijiex qed tikkommetti ruhha li tghid li dan sar biex isir tahwid u manniggjar hazin tal-fondi tas-socjeta` Winex Holdings Limited. Din il-Qorti temmen li fl-ahhar mill-ahhar, partikolarment l-intimati Micallef ghandhom kull interess li kollox jkun immexxi b` mod tajjeb u vantaggjuz ghalihom. Izda ma tarax li l-kweziti li kien qed jaghmel Vassallo kellhom jigu mwaqqfa billi jitnehhewlu l-possibilita` li jara l-kontijiet bankarji ta` Winex Holdings limited.

**<u>Dwar l-ilment ta` cash management</u>**, il-Qorti mhijiex sejra tesprimi ruhha billi jirrigwarda_Windsor holdings Limited.

**<u>Dwar il-kwistjoni ta` l-kera : rikors promotur nru 5(xvi)</u>** il-Qorti tghid illi dan l-ilment huwa ibbazat fuq konflitt ta` interess u oltragg tad-doveri tad-direttur, u dana peress l-kera li TPT kienet thallas lil WCO Limited kienet tingabar minn ghand Winex Holdings Limited biex tghaddihom lil WCO bhala kera ghall-kamra b`mod illi effettivament il-kera lil WCO kien jinhareg minn Winex Holdings Limited.

Irrizulta li dak li sehh kien li Parlato Trigona tramite l-kumpanija tieghu TPT kien jikri ufficju minghand WCO u tali kera kienet tithallas minn Winex peress li Winex ma kellhiex ufficju taghha u ghalhekk kien hemm ftehim vigenti li hija kellha thallas il-kera tal-ispazju li jigi utilizzat minn Parlato Trigona bhala l-post minn fejn jiehu hsieb l-affarijiet ta` Winex Holdings Limited. Din il-qorti ma tarax li dan jammonta ghal xi lment li jiggustifika din il-procedura ai termini ta` l-artikolu 402 tal-Kap 386. In fatti, ma kien hemm xejn imnizzel fil-ftehim raggunt illi l-ufficju minn fejn Parlato Trigona kellu jippresta s-servizzi tieghu lil Winex Holdings Limited, kellu jkun xi ufficju minghajr ebda rabta` ma` xi wiehed mis-socji. Parlato Trigona permezz tal-kumpanija TPT Limited seta` jikri minghand min ried u l-fatt li kera minghand WCO Limited ma jikkostitwixxix abbuz jew konflitt.

L-ilment da parti ta` Vassallo seta` forsi jkollu bazi li kieku l-lment kien msejjes fuq allegazzjoni li l-kera li qed tithallas hija wahda ngusta u mhiex ibbazat fuq ir-rata fis-suq liberu. Izda dan l-ilment odjern ma sarx fuq tali punti u ghalhekk, din il-Qorti mhiex tikkonsidrah bhala lment validu fid-dawl ta` l-Art 402 tal-kap 386.

**<u>Dwar l-ilment tal-partecipazzjoni ta` l-Perit Edward Micallef ravvizat fir-rikors promotur nru 5(xvii)</u>**

Dwar dan l-ilment, din il-Qorti tara li dan mhuwiex fondat. Dan qed jinghad peress li mix-xhieda prodotta mill-Perit Micallef u anke mill-involviment ta` l-istess f` dawn il-proceduri, jidher li dan ma ghandhux interessi ohra hlief l-investiment li ghamel. Huwa kien ferm car fis-sens li kien tkellem ma` Vassallo dwar id-dizgwid li kien qed jinholoq u din il-qorti temmen il-verzjoni ta` l-istess Micallef fis-sens li jekk dan hass li l-ilmenti ta` Vassallo kienu ta` certu gravita`, huwa kien jaqbel ma` l-istess Vassallo u jigbed l-attenzjoni ta` l-ohrajn.

Li gara huwa li fil-fehma ta` Micallef ma kienx hemm sitwazzjoni fejn kellha tinholoq tali burraxka ta` kawzi u rikorsi u proceduri. Naturalment gialadarba, Micallef ma qabilx mal-fehma ta` Vassallo, Vassallo imbaghad irraggunga l-konkluzzjonijiet tieghu li Micallef kien komplici mat-tnejn l-ohra, ghal dak kollu li kien qed jippjana fl-interessi tieghu Carbonaro.

**<u>Dwar l-ilment ravvizat fir-rikors promotur nru 5(xviii)</u>**

Dan l-ilment mhuwiex ser jigi ezaminat stante li jirrigwarda kera li kellha tasal ghand Windsor Holdings Limited.

**Riskontrata mill-premess l-applikazzjoni tal-Art 402(1) tal-Kap 386, il-Qorti sejra tqis ir-rimedji skont l-Art 402(3).**

L-awtur Brian Cheffins fil-pag 285 tal-ktieb "**<u>Company Law – Theory, Structure and Operation</u>**" (OUP - 1998) ighid –

*Under this provision, a Judge can grant relief on the grounds that a company`s affairs have been conducted in a manner which is unfairly prejudical to the applicant. Section 459 is an example of an open-ended rule since the legislation does not define in any way the type of conduct which qualifies as unfairly prejudical and provides a Judge with broad powers to grant to a successful applicant whatever remedy is appropriate.*

Fid-decizjoni diga` citata "**<u>Philomena Ellul vs Charles Ellul pro et noe</u>**" intqal li : *"Il-Qorti ghandha poteri deskrezzjonali vasti hafna ghal dak li jirrigwardja r-rimedji li tista` tipprovdi meta tara li ghandha taghti harsien lill-azzjonist kontra pregudizzju mhux gust."*

Mill-assjem ta` lmenti fuq rapportati irrizulta illi r-rikorrenti talab illi jigi ezaminat il-kaz favur ix-xoljiment ta` Parade Limited u ta` Windsor Holdings Limited, filwaqt li ppremetta illi din it-talba mhiex tipprospetta ix-xoljiment ta` Winex Holdings Limited. Ippremetta wkoll li huwa kien gia` pprezenta proceduri separati li jafu jwasslu ghal xoljiment ta` Regent Holdings Limited.

Il-Qorti sejra tevalwa jekk huwiex gust li jinghataw ordnijiet fid-dawl ta` l-Art 402(3) tal-Kap 386 fir-rigward ta` Winex Holdings Limited, ladarba

rrizulta li uhud mill-ilmenti mressqa mir-rikorrenti kienu gustifikati gharrigward ta` Winex Holdings Limited.

In kwantu ghal rimedju, din il-Qorti mhijiex tara skop illi t-tmexxija tal-kumpannija, fis-sens tad-direzzjoni taghha, tkun diversa milli hija llum. La Vassallo tnehha minn direttur u l-ghadd tal-ishma li jippossjedi baqa` dak li kien, ma hemm l-ebda skop ghala ghandu jerga` jigi reintegrat fit-tmexxija tal-kumpannija, anke ghaliex ir-relazzjoni ta` bejnu, Carbonaro, Micallef u Parlato Trigona semmai marret ghall-aghar u aggravat ruhha b` tali mod li huwa impossibbli li dawn jkomplu jikkoperaw fit-tmexxija tan-negozju tal-kumpannija Winex Holdings Limited.

Din il-Qorti hija tal-fehma li l-ilmenti li gew ikkunsidrati bhala validi minn din il-Qorti jduru ma` kwistjoni ta` nuqqas ta` trasparenza fil-komputazzjoni ta` spejjez u ta` konteggi. Ghalhekk, sabiex is-socjeta` timxi `il quddiem, hemm bzonn li fl-ewwel lok jkun hemm aktar formalita` f` dak li jkun ghaddej fin-negozju ta` Winex Holdings Limited u fit-tieni lok, li jkun hemm persuni independenti li jiehdu hsieb dawn il-konteggi. Ghalhekk, fid-dawl ta` dak dispost fl-artikolu 402(3)(a) tal-Kap 386, din il-Qorti sejra tirregola t-tmexxija ta` l-affarijiet tal-kumpannija billi tordna li jinzammu minuti dettaljati ta` kwalunkwe laqghat li jissejhu, kemm fil-Bord tad-Diretturi kif ukoll waqt laqghat generali u/jew straordinarji. Inoltre, din il-Qorti qeghda tordna li titqabbad *company secretary* u *financial controller* li jkunu persuni independenti u li ma ghandhomx x` jaqsmu ma` l-ebda wiehed mill-azzjonisti kif ukoll ma jkollhomx l-ebda interess personali fl-ebda wahda mis-socjetajiet li hija azzjonista fil-kumpanija.

Ir-rikorrenti talbu wkoll li jigi dikjarat li l-intimati jew min minhom ikkawzaw danni jew telf patrimonjali inkluz telf ta` qligh lill-atturi, kif ukoll talba ghal likwidazzjoni ta` tali danni u telf patrimonjali kif ukoll kundanna lill-intimati biex ihallsu tali danni. Bhala danni, fir-rikors promotur, ir-rikorrenti jaghmlu referenza ghal (i) EUR30,000 bhala penali tal-MFSA li gew imposti fuq id-diversi socjetajiet ; (ii) EUR 37,000 bhala *porterage* ta` Regent House li baqa` mhux migbur ; (iii) EUR 10,000 bhala *porterage* tal-parkegg ta` Tigne Place u (iv) EUR 20,000 kera pagabbli minn Edward Micallef lil Windsor Holdings Limited.

Din il-Qorti sejra tiskarta mill-ewwel l-ammonti reklamat bl-ittri (ii) u (iv) peress li dawn semmai jirrigwardaw Windsor Holdings Limited li kif gia` ilu jinghad giet estromessa minn din il-kawza. Sejra ukoll tiskarta l-ammonta ta` EUR 10,000 bhala *porterage* tal-parkegg ta` Tigne Place peress li dwar dan intlahaq ftehim bonarju fil-mori tal-kawza u ngabret is-somma

ta` EUR 7,500. Dwar ir-rimanenti bilanc ta` EUR 2,500 li baqa` pendenti mis-somma ta` EUR 10,000, din il-Qorti ma tarax li tista` talloka xi tip ta` responsabbilita` fuq xi hadd mill-intimati. Ftehim intlahaq ghas-somma ta` EUR 7,500 u din il-Qorti ma tarax li l-bilanc rimanenti jista` jigi imputat b` responsabilita` fuq xi hadd partikolari, peress li kull direttur inkluz l-istess rikorrenti kellu semmai l-obbligu li jara kif jista` jigbor dawn l-ammonti mill-aktar fis possibbli.

Dwar il-kwistjoni tal-ammonti imposti bhala penali ta` l-MFSA, din il-Qorti taghmel referenza ghal dak li gia` nghadd aktar `il fuq f` din id-decizjoni , fejn intqal li ma tressqux provi ampji dwar x` kienet ir-raguni ghalfejn dawn id-dokumenti ma kinux jigu pprezentati fil-hin, u fid-dawl ta` dan in-nuqqas, din il-Qorti lanqas ma tista` tiddeciedi li tali ammonti jigu imputati fuq xi hadd partikolari.

Fil-mori tas-smigh ta` dan ir-rikors, Raymond Vassallo pprezenta wkoll *addendum* ma` l-affidavit tieghu a fol 472 fejn apparti `l fuq imsemmija danni, huwa ghamel referenza ghal danni ohra li huma (i) hlasijiet abuzivi li saru lil Carbonaro u Parlato Tigona ammontanti ghal EUR 20,000; (ii) kreditu ta` Winex mhux saldat ammontanti ghal EUR 15,000; (iii) rifuzjoni ta` zieda fis-salarju ta` Parlato Trigona ammontanti ta` EUR 42,000 u (iv) rifuzjoni ta` kera mhallsa lil WCO ammontanti ghal EUR 5,040. Dwar it-talba ghal rifuzjoni ta` kera mhallsa lil WCO Limited hawn enumerate bhala (iv), din il-Qorti gia` ppronunzjat ruhha li ma tarax li kien ilment fondat ai termini ta` l-artikolu 402 tal-Kap 386 u ghalhekk sejra tiskarta tali talba. L-istess jinghad dwar it-talba ghal rifuzjoni ta` zieda fis-salarju ta` Parlato Trigona (hawn enmerata bhala (iii)) stante li din il-Qorti ukoll iddecidiet li dak li gie rapportat fid-decizjoni approvata kien gie sodisfatt.

Dwar it-talba hawn enumerata bhala (i) ossija hlasijiet abuzivi li saru lil Carbonaro u Parlato Trigona, din lanqas ma sejra tigi kkunsidrata stante li din il-kwistjoni tirrigwarda Windsor Holdings Limited. Dwar it-talba hawn enumerata bhala (ii) ossija kreditu ta` Winex mhux saldat , din il-qorti gia` ppronunzjat ruhha mhux sodisfatta bil-provi jew ahjar in-nuqqas taghhom, sabiex tigi ppruvata kemm kien verament il-kreditu li kien dovut lil Winex Holdings Limited.

Ghalhekk dawn it-talbiet relatati mad-danni, sejrin jigu lkoll michuda.

**<u>Provvediment</u>**

Ghar-ragunijiet kollha premessi, u wara li rat il-provvediment taghha tat-30 ta` Settembru 2010, il-provvediment tal-Qorti tal-Appell tal-24 ta` Gunju 2011 u l-provvediment taghha tal-10 ta` Jannar 2012, qeghda tipprovdi dwar it-talbiet u dwar l-eccezzjonijiet li fadal billi :-

Tapplika l-Art 402(1) u l-Art 402(3)(a) tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta limitatament fil-konfront ta` Winex Holdings Limited.

Tordna (a) li b`effett minn xahar mil-lum jinzammu minuti dettaljati ta` kwalunkwe laqghat li jsiru kemm tal-Bord tad-Diretturi kif ukoll tal-Laqghat Generali u/jew Straordinarji tal-kumpannija ; u (b) li b`effett minn xahar mil-lum jinhatru *company secretary* u *financial controller* li jkunu persuni ndependenti u li ma ghandhomx x` jaqsmu ma` l-ebda wiehed mill-azzjonisti kif ukoll li ma jkollhomx interess personali fl-ebda wahda mis-socjetajiet li hija azzjonista fil-kumpannija.

Tichad it-tieni, it-tielet, ir-raba` u l-hames talbiet tar-rikorrenti.

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tas-sitt talba tar-rikorrenti.

Salv dak li kien deciz dwar l-ispejjez fil-provvediment taghha tat-30 ta` Settembru 2010, fil-provvediment tal-Qorti tal-Appell tal-24 ta` Gunju 2011 u fil-provvediment taghha tal-10 ta` Jannar 2012, tordna li l-ispejjez l-ohra ta` din il-kawza, inkluz fejn l-ispejjez baqghu riservati ghall-gudizzju finali, ghandhom jithallsu in kwantu ghal nofs mir-rikorrenti u in kwantu ghan-nofs l-iehor mill-intimati konjugi Parlato Trigona, mill-intimati konjugi Carbonaro u mill-intimat konjugi Micallef.

Onor. Joseph Zammit McKeon
Imhallef

Amanda Cassar
Deputat Registratur